

15.4.2024

A9-0302/2

Emenda 2

Irene Tinagli

f' isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapport

A9-0302/2023

Alfred Sant

Iż-żieda fl-attrazzjoni tas-swieq kapitali pubbliċi u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-kapital għall-SMEs – emenda ta' ċerti regolamenti

(COM(2022)0762 – C9-0417/2022 – 2022/0411(COD))

Proposta għal regolament

–

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

REGOLAMENT (UE) 2024/...

TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ■ .

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,
Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,
Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,
Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) L-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) ippreżentata fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2015 dwar Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali għandha l-għan li tiżviluppa s-swieq kapitali tal-Unjoni u tnaqqas il-frammentazzjoni tagħhom tul il-fruntieri nazzjonali, u b'hekk tippermetti lill-kumpaniji jaċċessaw sorsi ta' finanzjament għajr is-self bankarju u jadattaw l-istruttura ta' finanzjament tagħhom meta jimmaturaw u jikbru fid-daqs. Finanzjament aktar diversifikat fil-forma ta' dejn u ta' ekwità jnaqqas ir-riskji għall-kumpaniji individwali u għall-ekonomija ġenerali minbarra li jgħin lill-kumpaniji tal-Unjoni, inkluż l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), jilħqu l-potenzjal tagħhom tat-tkabbir.
- Huwa rikonoxxut li s-CMU jeħtieġ li titwettaq aktar malajr u li l-investment jeħtieġ li jilħaq il-livelli li saru mehtiegħa mill-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-diġitalizzazzjoni u l-awtonomija strateġika. Il-progress fil-qasam tal-kwotazzjoni huwa pass mehtiegħ għas-CMU, speċjalment fuq medda qasira ta' żmien, iżda bħala miżura waħedha ma tistax tkun biżżejjed.***

- (2) Is- **CMU** teħtiegħ qafas regolatorju effettiv u effiċjenti li jappoġġa l-aċċess għall-finanzjament b'ekwità pubblika għall-kumpaniji, inkluż l-SMEs. Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² ħolqot tip ġdid ta' ċentru tan-negozjar, is-suq tat-tkabbir tal-SMEs, sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-kapital speċifikament għall-SMEs. Id-Direttiva 2014/65/UE esprimiet ukoll il-ħtiegħa li jiġi mmonitorjat kif ir-regolamentazzjoni futura jenħtiegħ li tkompli trawwem u tippromwovi l-użu tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs u ttiprovdi aktar inċentivi għall-SMEs sabiex jaċċessaw is-swieq kapitali permezz tas-swieq tal-SMEs li qed jespandu. *Tali miżuri jeħtiegħ li jiżguraw mhux biss li s-swieq tat-tkabbir tal-SMEs jipprovdu opportunità dejjem aktar attraenti għall-SMEs biex jiġbru l-fondi iżda anke li, biż-żmien u s-suċċess, l-SMEs ikunu jistgħu jaċċessaw swieq kapitali oħra, jekk jagħżlu li jagħmlu dan.*

² Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

- (3) Ir-Regolament (UE) 2019/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ introduċa mitigazzjonijiet proporzjonati sabiex jitlejja l-użu tas-swieq tal-SMEs li qed jespandu u sabiex jittaqqsu r-rekwiżiti regolatorji għall-emittenti li jfittxu l-ammissjoni ta' titoli fis-swieq tal-SMEs li qed jespandu, filwaqt li jinżamm livell xieraq ta' protezzjoni tal-investituri u ta' integrità tas-suq. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar sabiex l-aċċess għas-swieq pubbliċi tal-Unjoni jsir aktar attraenti u sabiex it-trattament regolatorju tal-kumpaniji jsir aktar flessibbli u proporzjonat għad-daqs tagħhom. Il-Forum ta' Livell Għoli dwar is-**CMU** irrakkomanda li l-Kummissjoni tneħħi l-ostakli regolatorji li jżommu lill-kumpaniji lura milli jaċċessaw is-swieq pubbliċi. Il-Grupp ta' Partijiet Ikkonċernati Esperti Tekniċi dwar l-SMEs stabbilixxa rakkomandazzjonijiet dettaljati dwar kif għandu jitravwem l-aċċess tal-kumpaniji u, b'mod partikolari, tal-SMEs, għas-swieq pubbliċi tal-Unjoni.

³ Ir-Regolament (UE) 2019/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li jemenda d-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 596/2014 u (UE) 2017/1129 fir-rigward tal-promozzjoni tal-użu ta' swieq tat-tkabbir tal-SMEs (ĠU L 320, 11.12.2019, p. 1).

- (4) Filwaqt li tibni fuq waħda mill-inizjattivi tal-Kummissjoni fi ħdan l-istrateġija ta' rkupru tagħha ta' *wara l-COVID-19*, jiġifieri l-Pakkett għall-Irkupru tas-Swieq Kapitali, ġew introdotti emendi mmirati fir-**Regolamenti** (UE) 2017/1129⁴ u (UE) 2017/2402⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u fid-Direttivi 2014/65/UE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ biex jagħmluha aktar faċli għall-kumpaniji affettwati mill-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija sabiex jiġġeneraw kapital ta' ekwità fis-swieq pubbliċi, jiffaċilitaw l-investimenti fl-ekonomija reali, jippermettu r-rikapitalizzazzjoni rapida tan-negozji, u jżidu l-kapaċità tal-banek li jiffinanzjaw l-irkupru. ***B'mod ġenerali, madankollu, u għal għadd ta' raġunijiet, dawk il-miżuri kellhom biss impatt limitat.***

⁴ *Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12)*

⁵ *Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jstabilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).*

⁶ *Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).*

- (5) Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Partijiet Ikkonċernati Esperti Tekniċi dwar l-SMEs u filwaqt li tibni fuq ir-Regolament 2019/2115 u fuq il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2021/337 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, u bħala parti mill-Pakkett għall-Irkupru tas-Swieq Kapitali, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tressaq inizjattiva leġislattiva sabiex tagħmel l-aċċess għas-swieq pubbliċi **fl-Unjoni** aktar attraenti billi jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità, u billi jitneħħew l-ostakli sinifikanti li jżommu lura lill-kumpaniji, inkluż l-SMEs, milli **jaċċessaw** is-swieq pubbliċi fl-Unjoni. Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik l-inizjattiva leġislattiva jkun wiesa' u jindirizza l-ostakli li jikkonċernaw l-aċċess tal-kumpaniji għas-swieq pubbliċi, jiġifieri l-fażi li tippreċedi dik ta' qabel l-offerta pubblika inizjali, il-fażi ta' qabel l-offerta pubblika inizjali (IPO) u l-fażi ta' wara l-IPO. B'mod partikolari, jenħtieġ li s-simplifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli jiffokaw fuq il-fażijiet tal-IPO u ta' wara l-IPO billi jindirizzaw rekwiżiti ta' żvelar impenjattivi sabiex ifittxu l-ammissjoni għan-negozjar fis-swieq pubbliċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1129, u billi jindirizzaw ir-rekwiżiti ta' żvelar kontinwa impenjattivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/337 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 fir-rigward tal-Prospett ta' Rkupru tal-UE u aġġustamenti mmirati għall-intermedjarji finanzjarji u d-Direttiva 2004/109/KE fir-rigward tal-użu tal-format elettroniku uniku għar-rapportar għar-rapporti finanzjarji annwali, għas-sostenn tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 68, 26.2.2021, p. 1).

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

- (6) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-tfassil, għall-approvazzjoni u għad-distribuzzjoni tal-prospett li jrid jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għan-negozjar f'suq regolat li jkun jinsab jew jopera fi Stat Membru. Sabiex tissaħħaħ l-attrazzjoni tas-swieq pubbliċi tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu indirizzati l-ostakli li jirriżultaw mit-tul, mill-kumplessità u mill-kostijiet għoljin tad-dokumentazzjoni tal-prospett, kemm meta l-kumpaniji, inklużi l-SMEs, ifittxu aċċess għas-swieq pubbliċi għall-ewwel darba permezz ta' IPO, kif ukoll meta l-kumpaniji jaċċessaw swieq pubbliċi għall-ħruġ sekondarju ta' titoli ta' ekwità jew mingħajr ekwità. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jiġu indirizzati wkoll it-tul tal-proċess ta' skrutinju u ta' approvazzjoni ta' dawk il-prospetti mill-awtoritajiet kompetenti u n-nuqqas ta' konverġenza ta' dawk il-proċessi madwar l-Unjoni.
- (7) Għal offerti żgħar ta' titoli lill-pubbliku, il-kostijiet tal-produzzjoni ta' prospett jistgħu jkunu sproporzjonati fir-rigward tal-korrispettiv totali tal-offerta. Ir-Regolament (UE) 2017/1129 ma japplikax għal offerti ta' titoli lill-pubbliku b'korrispettiv totali fl-Unjoni ta' anqas minn EUR 1 000 000. Barra minn hekk, fid-dawl tad-daqsijiet differenti tas-swieq finanzjarji madwar l-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-offerti ta' titoli lill-pubbliku mill-obbligu li jipubblikaw prospett meta tali offerti jkollhom korrispettiv totali taħt ċertu livell limitu, li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu bejn EUR 1 000 000 u EUR 8 000 000. Ċerti Stati Membri għamlu użu minn dik il-possibiltà, li rriżultat f'livelli limitu ta' eżenzjoni differenti, u ħolqot kumplessità u nuqqas ta' ċarezza kemm għall-emittenti kif ukoll għall-investituri. Sabiex titnaqqas il-kumplessità skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 u sabiex titrawwem iċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jitneħħa l-livell limitu aktar baxx ta' EUR 1 000 000, li taħtu dak ir-Regolament ma japplikax.

- (8) ***Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq filwaqt li jitqiesu wkoll id-daqsijiet differenti tas-swieq kapitali nazzjonali fl-Unjoni, jenħtieġ li s-sistema eżistenti, li tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu diversi livelli limiti ta' eżenzjoni bejn EUR 1 000 000 u EUR 8 000 000, tiġi sostitwita b'sistema ta' livell limitu doppju. Jenħtieġ li livell limitu b'korrispettiv aggregat totali fl-Unjoni ta' EUR 12 000 000 għal kull emittent jew offerent, ikkalkulat fuq perjodu ta' 12-il xahar, ikun il-livell limitu prinċipali, filwaqt li jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu li japplikaw livell limitu ta' EUR 5 000 000. Taħt il-livell limitu ta' EUR 12 000 000 jew EUR 5 000 000, jenħtieġ li l-offerti ta' titoli lill-pubbliku jkunu eżentati mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett, dment li dawk l-offerti ma jkunux jeħtieġu passaportar. Madankollu, fil-każ ta' eżenzjoni bħal din, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iżda ma jkunux obbligati jirrikjedu li l-emittent jippubblika jew dokument li jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1129, jew, dokument li jkun fih ir-rekwiżiti ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali, dment li l-firxa u l-livell ta' tali informazzjoni jkunu ekwivalenti jew inqas mill-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1129. Jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jipprevjeni lil dawk l-Istati Membri milli jintroduċu regoli fil-livell nazzjonali li jippermettu lill-operaturi ta' faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTFs) li jiddeterminaw il-kontenut tad-dokument ta' ammissjoni li emittent ikun meħtieġ li jipproduċi mal-ammissjoni inizjali għan-negozjar ta' titoli tiegħu jew il-modalitajiet tar-rieżami tiegħu.***

- (9) Jenħtieġ li l-offerti transfruntiera ta' titoli lill-pubbliku li huma eżentati mill-obbligu ta' pubblikazzjoni ta' prospett ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' żvelar nazzjonali stabbiliti mill-Istati Membri kkonċernati, meta jkunu applikabbli. Madankollu, jenħtieġ li l-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jitolbu l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat tat-titoli li ma humiex suġġetti għall-obbligu tal-pubblikazzjoni ta' prospett jibbenefikaw mill-passaportar meta jagħżlu li jfasslu prospett fuq bażi volontarja.
- (10) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 fih diversi dispożizzjonijiet li jirreferu għall-korrispettiv totali ta' ċerti offerti ta' titoli lill-pubbliku, ***inkluż offerti ta' titoli li jkunu għaddejjin lill-pubbliku***, li għandhom jiġu kkalkolati fuq perjodu ta' 12-il xahar. Sabiex tiġi pprovduta ċarezza lill-emittenti, lill-investituri u lill-awtoritajiet kompetenti u sabiex jiġu evitati approċċi diverġenti madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi speċifikat kif ■ għandu jiġi kkalkolat il-korrispettiv totali ta' dawk l-offerti ta' titoli lill-pubbliku fuq perjodu ta' 12-il xahar.

- (11) L-Artikolu 1(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/1129 fih eżenzjoni mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett għall-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat ta' titoli funġibbli ma' titoli diġà ammessi għan-negozjar fl-istess suq regolat, dment li t-titoli ammessi ġodda jirrappreżentaw fuq perjodu ta' 12-il xahar, anqas minn 20 % tal-għadd ta' titoli diġà ammessi għan-negozjar **fl**-istess suq regolat u dment **li** tali ammissjoni ma tkunx kombinata ma' offerta ta' titoli lill-pubbliku. Sabiex titnaqqas il-kumplessità u jiġu limitati l-ispejjeż u l-piżijiet bla bżonn, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tapplika **wkoll** għal offerta **lill-pubbliku skont l-Artikolu 1(4) ta' dak ir-Regolament. Għall-istess raġunijiet**, jenħtieġ li l-livell limitu perċentwali li jiddetermina l-eliġibbiltà għall-eżenzjoni jiżdied **kemm fl-offerta lill-pubbliku kif ukoll fl-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat. Barra minn hekk**, jenħtieġ li **l-eżenzjoni għal offerti ta' titoli lill-pubbliku** tkopri offerta lill-pubbliku ta' titoli **li għandhom jiġu ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi li huma** funġibbli ma' titoli diġà ammessi għan-negozjar fl-istess suq regolat jew fl-istess suq tal-SMEs li qed jespandi. **Meta jitqies li d-drittijiet ta' sottoskrizzjoni huma intrinsikament marbuta mal-ħruġ ta' ishma ġodda, jenħtieġ li d-dritt ta' sottoskrizzjoni għal ishma funġibbli ma' ishma eżistenti jkun kopert ukoll minn dik l-eżenzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri, b'mod partikolari għall-investituri individwali, jenħtieġ li dokument f'forma qasira b'informazzjoni ewlenija għall-investituri jkun disponibbli għall-pubbliku meta ssir offerta ta' titoli funġibbli skont l-eżenzjoni. Jenħtieġ li d-dokument ikun disponibbli għall-pubbliku u ppreżentat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, iżda ma jkunx soġġett għall-approvazzjoni tiegħu.**

- (12) L-Artikolu 1(5), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/1129 fih **■** eżenzjoni mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett għall-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat ta' ishma li jirriżultaw mill-konverżjoni jew *mill*-iskambju ta' titoli oħrajn jew mill-eżerċitar tad-drittijiet mogħtijin minn titoli oħrajn, dment li l-ishma ammessi għodda jirrappreżentaw, fuq perjodu ta' 12-il xahar, anqas minn 20 % tal-għadd ta' ishma tal-istess klassi diġà ammessi għan-negozjar fl-istess suq regolat. Jenħtieġ li l-livell limitu ta' 20 % jiġi allinjat mal-livell limitu għall-eżenzjoni għal titoli funġibbli ma' titoli diġà ammessi għan-negozjar fl-istess suq regolat peress li l-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ eżenzjonijiet huwa ekwivalenti.

- (13) Il-kumpaniji li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negożjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' żvelar perjodiċi u kontinwi li huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 596/2014, fid-Direttiva 2004/109/KE **u**, għall-emittenti fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs, fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565⁹. Meta dawk il-kumpaniji joħorġu titoli funġibbli ma' titoli diġà ammessi għan-negożjar f'**dawk it-tipi ta'** postijiet ta' negożjar, jenħtieġ li jiġu eżentati mill-obbligu li jipubblikaw prospett, billi ħafna mill-kontenut meħtieġ ta' prospett diġà ser ikun disponibbli għall-pubbliku u l-investituri jkunu jistgħu jinnegożjaw fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li tali eżenzjoni tkun soġġetta għal salvagwardji li jiżguraw li l-kumpanija li toħroġ it-titoli tkun konformi mar-rekwiżiti ta' żvelar perjodika u kontinwa skont id-dritt tal-Unjoni u ma tkunx **soġġetta għal** ristrutturar jew **għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza, kif definit skont id-dritt tal-Unjoni**. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri, b'mod partikolari l-investituri individwali, jenħtieġ li dokument f'forma qasira b'informazzjoni ewlenija għall-investituri xorta waħda jkun disponibbli għall-pubbliku. **Jenħtieġ li d-dokument ikun** ippreżentat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, **iżda ma jkunx soġġett għall-approvazzjoni tiegħu. Meta d-drittijiet ta' sottoskrizzjoni jkunu konnessi ma' titoli koperti mill-eżenzjoni għall-offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għan-negożjar f'suq regolat, jenħtieġ li** l-eżenzjoni, **konegwentement**, tkun applikabbli wkoll **għad-drittijiet ta' sottoskrizzjoni li jirrappreżentaw id-dritt preferenzjali tal-azzjonisti eżistenti li jissottoskrivu t-titoli koperti mill-eżenzjoni. Meta l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni l-ġdida jagħmel eżenzjonijiet eżistenti oħrajn żejda, jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet l-oħrajn jitneħħew.**

⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1).

- (14) L-Artikolu 1(4), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/1129 jeżenta lill-istituzzjonijiet ta' kreditu mill-obbligu li jippubblikaw prospett fil-każ ta' offerta jew ta' ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat ta' ċerti titoli mingħajr ekwità maħruġin b'mod kontinwu jew ripetut sa ***korrispettiv*** aggregat ta' EUR 75 000 000 fuq perjodu ta' 12-il xahar. Ir-Regolament (UE) 2021/337, bħala parti mill-Pakkett għall-Irkupru tas-Swieq Kapitali, żied dak il-livell limitu għal EUR 150 000 000 għal perjodu limitat sabiex irawwem il-ġbir ta' fondi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u jagħti lil dawk l-istituzzjonijiet lok sabiex jappoġġaw lill-klijenti tagħhom fl-ekonomija reali. Sabiex ikompli jappoġġaw il-ġbir ta' fondi permezz tas-swieq kapitali tal-emittenti, inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-livell limitu miżjud introdott mir-Regolament (UE) 2021/337 jenħtieġ li jsir permanenti.
- (15) Sabiex titnaqqas il-kumplessità tad-dokumentazzjoni tal-prospett, u sabiex il-prospett isir dokument aktar armonizzat ***u b'hekk titjeb*** il-leġġibilità tiegħu għall-investituri madwar l-Unjoni, irrispettivament mill-ġurisdizzjoni fejn it-titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat, huwa neċessarju li jiġi introdott format standardizzat għall-prospett kemm għat-titoli ta' ekwità kif ukoll għal dawk mingħajr ekwità u li jiġi meħtieġ li l-informazzjoni inkluża fil-prospett tiġi żvelata f'sekwenza standardizzata ***filwaqt li wieħed joqgħod attent li l-prospetti ma jiġux mgħobbija żżejjed b'informazzjoni superfluwa jew marġinalment rilevanti.***

- (16) F'ċerti każijiet, il-prospetti jew id-dokumenti relatati tagħhom jilhqqu daqsijiet konsiderevoli, u ma jkunux adattati għall-investituri biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni informata dwar l-investment ***u jsiru għaljin wisq biex l-emittenti jipproduċuhom minħabba l-ispiża inerenti assoċjata ma' prospetti twal. Barra minn hekk, it-tal tal-prospetti u l-format tagħhom ivarjaw bil-kbir madwar l-Unjoni, li jmur kontra l-objettiv li titrawwem il-konverġenza fis-CMU.*** Sabiex tittejjeb il-leġibbiltà tal-prospett, ***jitnaqqsu l-ispejjeż għall-emittenti relatati mal-abbozzar tal-prospetti, tinħoloq konverġenza fl-Unjoni kollha,*** u jsir aktar faċli għall-investituri li janalizzaw u jnavigaw il-prospetti, huwa neċessarju li jiġi stabbilit limitu massimu ta' paġni. Madankollu, jenħtieġ li dan il-limitu ta' paġni jiġi introdott biss għal offerti lill-pubbliku jew għal ammissjonijiet għan-negozjar f'suq regolat tal-ishma. Limitu ta' paġni ma jkunx xieraq għal titoli ta' ekwità għajr ishma jew titoli mingħajr ekwità, li jinkludu firxa wiesgħa ta' strumenti differenti, inklużi dawk kumplessi. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn li ġejjin jiġu esklużi mil-limitu tal-paġni: is-sommarju; informazzjoni inkorporata b'referenza, ***inkluż dokument tar-reġistrazzjoni universali approvat minn jew ippreżentat lil awtorità kompetenti; informazzjoni inkluża f'dokument tar-reġistrazzjoni universali li jintuża bħala parti kostitwenti ta' prospett;*** u informazzjoni li għandha tiġi pprovduta meta l-emittent ikollu storja finanzjarja kumplessa jew ikun għamel impenn finanzjarju sinifikanti, ***jew fil-każ ta' tibdil gross sinifikanti kif definit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980¹⁰.***

¹⁰ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 26).

- (17) Jenħtieġ li l-format standardizzat u s-sekwenza standardizzata tal-informazzjoni li għandha tiġi żvelata fi prospett ikunu stabbiliti f'dan ir-Regolament, irrispettivament minn jekk prospett, jew prospett bażi, ikunx imfassal bħala dokument uniku jew ikunx magħmul minn dokumenti separati, ***ħlief meta l-informazzjoni tkun inkluża f'dokumenti tar-reġistrazzjoni universali***. Għalhekk, huwa neċessarju li l-Annessi I, II u III tar-Regolament (UE) 2017/1129 jistabbilixxu s-sekwenza standardizzata tat-taqsimiet għall-informazzjoni li għandha tiġi żvelata fil-prospett jew, separatament, fid-dokument tar-reġistrazzjoni u fin-nota dwar it-titoli. Jenħtieġ li daww l-Annessi jkunu l-bażi għall-Kummissjoni sabiex temenda kwalunkwe att delegat li jimponi format standardizzat u sekwenza tat-taqsimiet tal-prospett, tal-prospett bażi u tat-termini finali, inkluż dwar l-entrati ta' żvelar f'daww it-taqsimiet. Barra minn hekk, huwa neċessarju li tiġi stabbilita s-sekwenza standardizzata tal-informazzjoni li għandha tiġi żvelata fis-sommarju tal-prospett.
- (18) ***Sabiex jitnaqqas il-piż għall-emittenti li jfittxu ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat fl-Unjoni u simultanament joffru jew iqiegħdu privatament titoli ma' investituri f'pajjiż terz, u li kieku jkunu meħtieġa jfasslu diversi dokumenti, jenħtieġ li l-limitu tal-paġni kif ukoll il-format standardizzat u s-sekwenza standardizzata ma japplikawx għal prospett relatat mal-ammissjoni għan-negozjar ta' tali titoli.***

- (19) *Sabiex tikseb konverġenza fl-Unjoni kollha dwar il-format tal-prospetti, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-mudell u t-tqassim tal-prospetti, inkluż id-daqs tat-tipa u r-rekwiżiti tal-istil, skont it-tip ta' prospett u t-tip ta' investituri fil-mira. Barra minn hekk, sabiex tgħin lill-investituri jnavigaw il-prospett, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa linji gwida dwar il-komprensibbiltà u l-użu ta' lingwaġġ sempliċi fil-prospetti biex tiżgura li l-informazzjoni pprovduta fihom tkun konċiża, ċara u faċli għall-utent b'kunsiderazzjoni tat-tip ta' prospett u t-tip ta' investituri fil-mira. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.*
- (20) Is-sommarju tal-prospett huwa dokument ewlieni **u essenzjali** li jservi ta' gwida sabiex jappoġġa lill-investituri individwali f'fehim u f'navigazzjoni aħjar tal-prospett kollu u b'hekk fit-teħid ta' deċiżjonijiet informati dwar l-investment. Sabiex is-sommarju tal-prospett ikun jista' jinqara u jinftiehem aktar faċilment għall-investituri individwali, huwa neċessarju li l-emittenti jitħallew jippreżentaw jew jiġbru fil-qosor informazzjoni fis-sommarju tal-prospett fil-forma ta' ċarts, ta' graffs jew ta' tabelli, **fi ħdan il-limitu tal-paġni stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1129.**

- (21) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 jippermetti lill-emittenti jestendu t-tul massimu tas-sommarju tal-prospett b'paġna waħda meta jkun hemm garanzija marbuta mat-titoli, peress li jehntieg li tiġi pprovduta informazzjoni kemm dwar il-garanzija kif ukoll dwar il-garanti. Madankollu, meta jkun hemm aktar minn garanti wieħed, paġna addizzjonali tista' ma tkunx biżżejjed. Għalhekk, huwa neċessarju li t-tul tas-sommarju tal-prospett **jitħalla** jiġi estiż aktar fil-każ ta' garanziji li jiġu pprovduti minn aktar minn garanti wieħed.
- (22) ***Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti rigward is-sommarju tal-prospett, jenħtieġ li l-ESMA tkun mitluba tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-mudell u t-tqassim tas-sommarji, inkluż id-daqs tat-tipa u r-rekwiżiti tal-istil. Barra minn hekk, sabiex tgħin lill-investituri individwali jinnavigaw is-sommarju tal-prospett, jenħtieġ li l-ESMA tkun mitluba tiżviluppa linji gwida dwar il-komprensibbiltà u l-użu ta' lingwaġġ sempliċi fis-sommarji biex tiżgura li l-informazzjoni pprovduta fihom tkun konċiża, ċara u faċli għall-utent. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

(23) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 jippermetti lil emittent li kellu dokument tar-reġistrazzjoni universali approvat mill-awtorità kompetenti tiegħu għal perjodu ta' sentejn finanzjarji konsekuttivi jkollu l-istatus ta' emittent frekwenti u jkun jista' jippreżenta d-dokumenti tar-reġistrazzjoni universali sussegwenti kollha, u kwalunkwe emenda għalihom, mingħajr approvazzjoni minn qabel. Biex jitnaqqsu l-piżijiet bla bżonn u jiġi inċentivat l-użu tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali, jenħtieġ li dak il-perjodu jitnaqqas għal sena finanzjarja waħda. Tnaqqis bħal dan ma jaffettwax il-protezzjoni tal-investituri, peress li dokument tar-reġistrazzjoni universali u kwalunkwe emenda fih ma jkunux jistgħu jintużaw bħala l-parti kostitwenti ta' prospett mingħajr ma jiġu **approvati mill-**awtorità kompetenti rilevanti. Barra minn hekk, awtorità kompetenti titħalla tirrieżamina dokument tar-reġistrazzjoni universali li jkun ġie ppreżentat lilha fuq bażi *ex post* kull meta dik l-awtorità kompetenti tqis li jkun neċessarju u, meta xieraq, titlob emendi.

- (24) Sabiex tiġi ffaċilitata l-IPO ta' kumpaniji privati fis-swieq pubbliċi tal-Unjoni u, b'mod ġenerali, sabiex jitnaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet mingħajr bżonn għall-kumpaniji li joffru titoli lill-pubbliku jew li jfittxu ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat, jenħtieġ li l-prospett kemm għat-titoli ta' ekwità kif ukoll għal dawk mingħajr ekwità jiġi ssimplifikat b'mod sinifikanti, filwaqt li jiġi żgurat li jinżamm livell għoli suffiċjenti ta' protezzjoni tal-investituri.
- (25) Filwaqt li huwa preskrittiv wisq għall-SMEs, jidher li l-livell ta' żvelar fil-Prospett tal-UE dwar it-Tkabbir ikun adattat għall-kumpaniji li jfittxu ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat. Għalhekk, huwa xieraq li l-Annessi I, II u III tar-Regolament (UE) 2017/1129 jiġu allinjati mal-livell ta' żvelar tal-Prospett tal-UE dwar it-Tkabbir, billi jittieħdu bħala referenza l-Annessi relatati stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980.

(26) Minħabba l-importanza dejjem akbar tal-kunsiderazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà fid-deċiżjonijiet dwar l-investimenti, l-investituri qegħdin jikkunsidraw dejjem aktar l-informazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) meta jieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-investimenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi evitat il-greenwashing billi tiġi stabbilita l-informazzjoni relatata mal-ESG li għandha tiġi pprovduta, meta tkun rilevanti, fil-prospett għal titoli ta' ekwità jew mingħajr ekwità offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat. Madankollu, jenħtieġ li dak ir-rekwiżit ma jikkoinċidix mar-rekwiżit stabbilit f'atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni biex tiġi pprovduta dik l-informazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-kumpaniji li joffru titoli ta' ekwità lill-pubbliku jew li jfittxu l-ammissjoni għan-negozjar ta' titoli ta' ekwità f'suq regolat jinkorporaw b'referenza fil-prospett, għall-perjodi koperti mill-informazzjoni finanzjarja storika, ir-rapporti ta' ġestjoni u r-rapporti konsolidati ta' ġestjoni, li jinkludu r-rapportar dwar is-sostenibbiltà, kif meħtieġ mid-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi *skedi* li jispeċifikaw l-informazzjoni relatata mal-ESG li għandha tiġi inkluża fil-prospetti għal titoli mingħajr ekwità li jiġu rreklamati bħala li jqisu l-fatturi tal-ESG jew li jsegwu objettivi tal-ESG. *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-konsistenza bejn l-informazzjoni meħtieġa li għandha tiġi żvelata fi prospett u, fejn applikabbli, l-iżvelar dwar is-sostenibbiltà meħtieġ skont id-Direttiva 2013/34/UE jew, fejn applikabbli, dawk skont ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², mingħajr ma timmina n-natura volontarja tat-tikketta u tal-mudelli ta' inklużjoni fakultattiva stabbiliti f'dak ir-Regolament.*

¹¹ *Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19)*

¹² *Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj>).*

(27) L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1129 jipprevedi l-possibbiltà li jitfassal prospett simplifikat għall-ħruġ sekondarju minn kumpaniji diġà ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi kontinwament għal tal-anqas 18-il xahar. Madankollu, il-livell ta' żvelar tal-prospetti simplifikati għall-ħruġ sekondarju għadu meqjus preskrittiv wisq u qrib wisq għal dak ta' prospett standard sabiex jagħmel differenza sinifikanti għall-ħruġ sekondarju ta' kumpaniji li t-titoli tagħhom diġà huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi u li jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' żvelar perjodiċi u kontinwi. Sabiex id-dokumentazzjoni tal-kwotazzjoni tkun aktar faċli biex tinftiehem, u b'hekk sabiex il-protezzjoni tal-investituri ssir aktar effettiva, filwaqt li jitnaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet għall-emittenti, jenħtieġ li jiġi introdott "Prospett ta' Segwitu tal-UE" ġdid u aktar effiċjenti għal tali ħruġ sekondarju. Madankollu, sabiex jiġu limitati l-piżijiet għall-emittenti u sabiex jiġu protetti l-investituri, huwa neċessarju li jiġi previst perjodu tranżitorju għall-prospetti approvati skont ir-reġim ta' żvelar simplifikat għall-ħruġ sekondarju qabel id-data tal-applikazzjoni tar-reġim il-ġdid. Jenħtieġ li t-tali Prospett ta' Segwitu tal-UE jkun disponibbli għal ***diversi kategoriji ta'*** emittenti li t-titoli tagħhom ikunu ġew ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar preċedenti, jew għall-offerenti ta' ***tali*** titoli. Jenħtieġ li dawk il-kriterji jiżguraw li tali emittenti jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' żvelar perjodiċi u kontinwi stabbiliti fid-Direttiva 2004/109/KE, meta applikabbli, fir-Regolament (UE) Nru 596/2014, jew, meta applikabbli, fir-Regolament Delegat (UE) 2017/565. ■

(28) *Sabiex l-emittenti jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-Prospett ta' Segwitu tal-UE bħala tip ta' prospett mitigat, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkun wiesa' u jinkludi offerti pubbliċi jew ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat ta' titoli li jkunu funzjibbli jew mhux funzjibbli ma' titoli diġà ammessi għan-negozjar. Barra minn hekk, sabiex il-kumpaniji ta' suċċess ikunu jistgħu jespandu u jibbenefikaw minn esponiment akbar għal grupp usa' ta' investituri, il-Prospett ta' Segwitu tal-UE jenħtieġ li jkun disponibbli għall-kumpaniji li qed ifittxu li jagħmlu tranżizzjoni minn suq tal-SMEs li qed jespandi għal suq regolat, dment li t-titoli tagħhom ikunu ġew ammessi għan-negozjar f'suq tal-SMEs li qed jespandi kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar preċedenti. Madankollu, jenħtieġ li emittent li jkollu biss titoli mingħajr ekwità ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi ma jitħalliex ifassal Prospett ta' Segwitu tal-UE għall-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat ta' titoli ta' ekwità, peress li dak jenħtieġ li-iżvelar ta' prospett sħiħ sabiex l-investituri jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni informata dwar l-investment.*

(29) Mill-31 ta' Diċembru 2022, il-Prospett ta' Rkupru tal-UE msemmi fir-Regolament (UE) **2017/1129** ma għadux jista' jintuża wara. Il-Prospett ta' Rkupru tal-UE kellu l-vantaġġ li kien magħmul minn dokument uniku li kien limitat fid-daqs, li jagħmilha faċli għall-emittenti sabiex ifassluh u faċli għall-investituri sabiex jifhmu. Għal dawk ir-raġunijiet, **jenħtieġ li jiġi introdott Prospett ta' Segwitu tal-UE li jsegwi mudell simili** f'każijiet fejn il-prospett ikun relatat ma' ishma u għalhekk ikun soġġett għal limitu ta' paġni, u jenħtieġ li jkun soġġett għall-istess perjodu ta' skrutinju mnaqqas bħall-Prospett ta' Rkupru tal-UE. Madankollu, **jenħtieġ li l-perjodu ta' skrutinju limitat ma japplikax fil-każ ta' trasferiment minn suq tal-SMEs li qed jespandi għal suq regolat. Barra minn hekk**, jenħtieġ li, għal raġunijiet ovvji, ir-rekwiżiti għall-Prospett ta' Segwitu tal-UE ma jkunux jeħtieġu żvelar relatat mal-kriżi tal-Covid-19. Peress li jenħtieġ li l-Prospett ta' Segwitu tal-UE jissostitwixxi kemm il-prospett simplifikat għall-ħruġ sekondarju kif ukoll il-Prospett ta' Rkupru tal-UE, jenħtieġ li jkun permanenti u disponibbli kemm għall-ħruġ sekondarju ta' titoli ta' ekwità kif ukoll għal titoli mingħajr ekwità. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-użu tiegħu ma jkunx soġġett għal xi restrizzjoni lil hinn mir-rekwiżit tal-perjodu minimu u kontinwu ta' ammissjoni tat-titoli kkonċernati għan-negozjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi.

- (30) Jenħtieġ li l-Prospett ta' Segwitu tal-UE jkun fih sommarju *mitigat* bħala sors utli ta' informazzjoni għall-investituri individwali ■ . Jenħtieġ li dak is-sommarju jiġi stabbilit fil-bidu tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE u jenħtieġ li jiffoka fuq informazzjoni importanti li tippermetti lill-investituri jiddeċiedu liema offerti lill-pubbliku u ammissjonijiet għall-kummerċ tat-*titoli* jkomplu jistudjaw, u sussegwentement jirrieżaminaw il-Prospett ta' Segwitu tal-UE kollu kemm hu sabiex jieħdu deċiżjoni informata dwar l-investment. ***Madankollu, jenħtieġ li s-sommarju ma jkunx meħtieġ għall-ammissjoni għan-negozjar ta' titoli mingħajr ekwità kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129.***
- (31) Sabiex il-Prospett ta' Segwitu tal-UE jsir dokument armonizzat u tiġi ffaċilitata l-leġġibilità tiegħu għall-investituri madwar l-Unjoni, irrISPettivament mill-ġuriżdizzjoni fejn it-titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat, il-format tiegħu jenħtieġ li jiġi standardizzat kemm għat-titoli ta' ekwità kif ukoll għal dawk mingħajr ekwità. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-informazzjoni fil-Prospett ta' Segwitu tal-UE tiġi żvelata f'sekwenza standardizzata. ***Madankollu, sabiex jiġi appoġġat il-ħruġ sekondarju ta' titoli mingħajr ekwità, inkluż bħala parti minn programmi ta' offerta, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE għal titoli mingħajr ekwità jenħtieġ li jkun wiesa', u jipprovdi lill-emittenti bil-possibilità li jfasslu jew bħala dokument uniku, jew bħala dokumenti separati.***

(32) *Sabiex tittiejeb il-leġibbiltà tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE u sabiex ikun aktar faċli għall-investituri li janalizzawh u jnavigawh, jenħtieġ li jkun soġġett għal limitu ta' paġni għall-ħruġ sekondarju ta' ishma. Madankollu, b'kuntrast, limitu ta' paġni ma jkunx xieraq għall-kategorija wiesgħa ta' titoli ta' ekwità għajr ishma jew titoli mingħajr ekwità, li jinkludu firxa wiesgħa ta' strumenti differenti, inkluż dawk kumplessi. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn li ġejjin jiġu esklużi mil-limitu tal-paġni: is-sommarju; informazzjoni inkorporata b'referenza, inkluż dokument tar-reġistrazzjoni universali approvat minn, jew ippreżentat lil awtorità kompetenti; informazzjoni inkluża f'dokument tar-reġistrazzjoni universali li jintuża bħala parti kostitwenti ta' prospett; u informazzjoni li għandha tiġi pprovduta meta l-emittent ikollu storja finanzjarja kumplessa jew ikun għamel impenn finanzjarju sinifikanti, jew fil-każ ta' tibdil gross sinifikanti.*

- (33) Wieħed mill-objettivi ewlenin tas-**CMU** huwa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għas-swieq pubbliċi fl-Unjoni u li dawk l-SMEs jiġu pprovvuti b'sorsi ta' finanzjament minbarra s-self bankarju u l-opportunità ta' espansjoni u ta' tkabbir. Il-kost tal-produzzjoni ta' prospett jista' jkun deterrent għall-SMEs li jixtiequ joffru titoli lill-pubbliku, meta jitqies id-daqs tipikament **żgħir** tal-korrispettiv ta' dawk l-offerti. Il-Prospett tal-UE dwar it-Tkabbir huwa prospett eħfef, introdott mir-Regolament (UE) 2017/1129, u huwa disponibbli għall-SMEs u f'it kategoriji oħrajn ta' beneficijarji, inkluż kumpaniji b'kapitalizzazzjoni tas-suq sa EUR 500 miljun li t-titoli tagħhom diġà huma ammessi għan-negozjar f'suq tal-SMEs li qed jespandi. Il-Prospett tal-UE dwar it-Tkabbir kellu l-għan li jnaqqas il-kostijiet tat-tnejjija ta' prospett għal emittenti iżgħar, filwaqt li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni materjali sabiex jivvalutaw l-offerta u jieħdu deċiżjoni informata dwar l-investment. Filwaqt li l-emittenti li jfasslu Prospett tal-UE dwar it-Tkabbir jistgħu jiksibu ffrankar pjuttost sostanzjali fl-ispejjeż, il-livell ta' żvelar ta' Prospett tal-UE dwar it-Tkabbir għadu meqjus preskrittiv wisq u qrib wisq għal dak ta' prospett standard sabiex jagħmel differenza sinifikanti għall-SMEs. Għalhekk, hemm bżonn ta' **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir b'rekwiżiti eħfef sabiex jagħmel id-dokumentazzjoni tal-kwotazzjoni għall-SMEs saħansitra anqas kumplessa u impenjattiva u sabiex jippermetti lill-SMEs jiksibu ffrankar saħansitra aktar importanti. Madankollu, sabiex jiġu limitati l-piżijiet għall-emittenti u sabiex jiġu protetti l-investituri, huwa neċessarju li jiġi previst perjodu tranżitorju għall-Prospetti tal-UE dwar it-Tkabbir approvati qabel id-data tal-applikazzjoni tar-reġim il-ġdid.

- (34) Jenħtieġ li r-rekwiżiti **li jikkonċernaw** il-kontenut tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir jkunu ħfief, filwaqt li jitqies il-livell ta' żvelar tal-**Prospett** ta' Rkupru tal-UE u xi wħud mill-aktar dokumenti sempliċi ta' ammissjoni li xi swieq tal-SMEs li qed jespandu jeħtieġu li l-emittenti jipproduċu fil-każ ta' eżenzjoni mill-obbligu li jippubblikaw **prospett**, liema kontenut huwa stabbilit fil-kotba tar-regoli tas-swieq tal-SMEs li qed jespandu. Jenħtieġ li l-informazzjoni mnaqqsa li għandha tiġi żvelata fi **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir tkun proporzjonata għad-daqs tal-kumpaniji kkwotati fis-swieq tal-SMEs li qed jespandu u għall-ħtiġijiet tagħhom ta' ġbir ta' fondi u tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tal-investituri. **Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir **jikkonsisti f'dokument uniku, sabiex ikun dokument faċli u sempliċi biex jitfassal mill-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, u sabiex ikun jista' jinqara faċilment mill-investituri.**
- (35) Jenħtieġ li l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir ikun disponibbli għall-SMEs, għall-emittenti għajr l-SMEs li t-titoli tagħhom jiġu ammessi jew li għandhom jiġu ammessi għan-negozjar f'suq tal-SMEs li qed jespandi, u kumpaniji żgħar mhux ikkwotati li l-korrispettiv totali tagħhom għat-titoli offruti lill-pubbliku ma jkunx oġhla minn EUR 50 000 000 fuq perjodu ta' 12-il xahar. Sabiex jiġi evitat standard ta' żvelar fuq żewġ livelli fi swieq regolati skont id-daqs tal-emittent, jenħtieġ li l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir ma jkunx disponibbli għall-kumpaniji li t-titoli tagħhom diġà jkunu ammessi jew li għandhom jiġu ammessi għan-negozjar fi swieq regolati. Madankollu, sabiex jiġi ffaċilitat aġġornament għal suq regolat u sabiex l-emittenti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn esponiment għal bażi usa' ta' investituri, jenħtieġ li l-emittenti **li t-titoli tagħhom** diġà **ġew** ammessi għan-negozjar f'suq tal-SMEs li qed jespandi kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar preċedenti jithallex jużaw **Prospett** ta' Segwitu tal-UE sabiex jittrasferixxu lejn suq regolat ■ .

- (36) Jenħtieġ li l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir jkun fih sommarju *mitigat*, bħala sors utli ta' informazzjoni għall-investituri individwali, li jkollu l-istess format u kontenut bħas-sommarju tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE. Jenħtieġ li dak is-sommarju jiġi stabbilit fil-bidu tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u jenħtieġ li jiffoka fuq informazzjoni importanti li tippermetti lill-investituri jiddeċiedu liema offerti lill-pubbliku *ta' titoli* jkomplu jistudjaw, u sussegwentement jirrieżaminaw il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir kollu kemm hu sabiex jieħdu deċiżjoni informata dwar l-investment.

(37) Jenħtieġ li l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir jkun dokument armonizzat li jkun faċli biex **jitfassal** mill-emittenti, speċjalment l-SMEs, **u faċli għall-investituri biex** jaqrawh, irrispettivament mill-ġurisdizzjoni fl-Unjoni fejn it-titoli kkonċernati jiġu offruti lill-pubbliku ■ . Għalhekk, jenħtieġ li l-format tiegħu jiġi standardizzat kemm għat-titoli ta' ekwità kif ukoll għal dawk mingħajr ekwità u jenħtieġ li l-informazzjoni inkluża fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir tiġi żvelata f'sekwenza standardizzata. Sabiex tkompli tiġi standardizzata u tittejjeb il-leġġibilità tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u jsir aktar faċli għall-investituri li janalizzawh u jnavigawh, jenħtieġ li jiġi introdott limitu ta' paġni fil-każ li jitfassal **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir għall-ħruġ ■ tal-ishma. Jenħtieġ li dak il-limitu ta' paġni jkun effettiv ukoll f'termini tal-ġhoti tal-informazzjoni meħtieġa biex l-investituri jkun jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-investment u effiċjenti f'termini tar-rekwiżiti eħfef fir-rigward tal-kontenut tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir. Madankollu, limitu ta' paġni ma jkunx xieraq għall-kategorija wiesgħa ta' titoli ta' ekwità għajr ishma jew titoli mingħajr ekwità, li jinkludu firxa wiesgħa ta' strumenti differenti, inkluż dawk kumplessi. Barra minn hekk, **jenħtieġ li dan li ġej jiġi eskluż mil-limitu tal-paġni**: is-sommarju, kwalunkwe informazzjoni inkorporata b'referenza u kwalunkwe informazzjoni li għandha tiġi pprovduta meta l-emittent ikollu storja finanzjarja kumplessa jew ikun għamel impenn finanzjarju sinifikanti, **jew fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti**.

- (38) Jenħtieġ li l-Prospett ta' Segwitu tal-UE u l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir jikkomplementaw il-forom l-oħrajn ta' **prospett standard** fir-Regolament (UE) 2017/1129. Għalhekk, sakemm ma jkunx iddikjarat espliċitament mod ieħor, ir-referenzi kollha għal "prospett" skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 għandhom jinftiehm bħala li jirreferu għall-forom differenti kollha ta' prospetti, inkluż il-Prospett ta' Segwitu tal-UE u l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir. ***In-natura volontarja tat-tipi ta' prospett tfisser li emittent jitħalla jagħżel wieħed minn fost it-tipi ta' prospetti disponibbli meta offerta lill-pubbliku jew ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat tkun teħtieġ prospett.***
- (39) ***Sabiex jkun hemm fiduċja fl-użu tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE u l-Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, huwa importanti li l-effettività u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ikunu ċari, peress li l-Prospett ta' Segwitu tal-UE u l-Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir huma soġġetti għall-istess reġim ta' responsabbiltà bħala prospett sħiħ, kemm għall-offerti domestiċi kif ukoll transfruntiera jew ammissjonijiet għall-kummerċ. Għalhekk, meta emittent ikun intitolat li juża Prospett ta' Segwitu tal-UE jew Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, li t-tnejn li huma jagħmlu t-tnejn ta' tranżazzjoni inkwistjoni aktar effiċjenti u inqas oneruża, u ma teżisti l-ebda kunsiderazzjoni materjali oħra kontra l-użu ta' wieħed minn dawk iż-żewġ prospetti, jenħtieġ li l-għażla tal-emittent minn fost it-tipi ta' prospett disponibbli lill-emittent tiġi protetta u jenħtieġ li la l-konsulenti u lanqas l-awtoritajiet kompetenti ma jixprunaw lill-emittent lejn it-tfassil ta' prospett sħiħ fejn dak ma jkunx strettament meħtieġ.***

- (40) Jenħtieġ li l-fatturi ta' riskju li huma materjali u speċifiċi għall-emittent u għat-titoli **tiegħu** jissemmew fil-prospett. Għal dik ir-raġuni, il-fatturi ta' riskju għandhom jiġu ppreżentati wkoll f'għadd limitat ta' kategoriji ta' riskju skont in-natura tagħhom. Madankollu, **biex jitħaffef il-piż għall-emittenti, ir-rekwiżit li l-aktar fatturi ta' riskju materjali jiġu kklassifikati** jenħtieġ li **jiġi sostitwit b'rekwiżit li jiġi elenkat, f'kull kategorija**, l-aktar fatturi ta' riskju materjali **b'mod** li jkun **konsistenti mal-valutazzjoni mwettqa mill-emittent**. Sabiex il-prospett **isir jinftiehem aktar** u jkun aktar faċli għall-investituri li jieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-investment, huwa neċessarju li jiġi speċifikat li jenħtieġ li l-emittenti ma jgħabbux wisq il-prospett b'fatturi ta' riskju li huma ġeneriċi, li jservu biss bħala dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà, jew li jistgħu **jaħbu** fatturi ta' riskju speċifiċi li l-investituri jenħtieġ li jkunu konxji tagħhom.
- (41) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129, meta l-prezz tal-offerta finali jew l-ammont ta' titoli li għandhom jiġu offruti lill-pubbliku ma jistgħux jiġu inklużi fil-prospett, l-investitur għandu dritt ta' rtirar li jista' jiġi eżerċitat fi żmien jumejn tax-xogħol mill-preżentazzjoni tal-prezz finali tal-offerta jew l-ammont ta' titoli li għandhom jiġu offruti lill-pubbliku. Sabiex jiżdied il-livell ta' protezzjoni tal-investituri, jenħtieġ li jiġi estiż il-perjodu li matulu l-investituri jistgħu jeżerċitaw dak id-dritt ta' rtirar. ■

- (42) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2017/1129 jagħti lill-emittenti l-possibbiltà li jinkorporaw fil-prospett ċerta informazzjoni b'referenza. Dik il-possibbiltà ġiet introdotta sabiex jitnaqqas il-piż għall-emittenti u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni li diġà ġiet żvelata u ppubblikata skont liġi oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. **Il-possibbiltà li tiġi inkorporata informazzjoni b'referenza** ser **tiġi ffaċilitata aktar fil-futur ladarba** l-investituri **jkunu** jistgħu jaċċessawha b'mod aktar effiċjenti u effettiv **fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP")** stabbilit skont ir-**Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹³. **Jenħtieġ li** l-ESAP jippermetti lill-investituri jsibu f'post wieħed il-maġġoranza ta' informazzjoni rilevanti, u b'hekk ikompli jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni inkorporata b'referenza fil-prospetti. **Barra minn hekk**, jenħtieġ li l-kumpaniji jitħallew jinkorporaw b'referenza fuq bażi volontarja informazzjoni li ma għandhiex tiġi żvelata fi prospett, dment li tali informazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1129 dwar l-inkorporazzjoni b'referenza.
- (43) Sabiex jitneħħew il-kostijiet u l-piżijiet bla bżonn u jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-inkorporazzjoni fil-prospett tal-informazzjoni b'referenza, **jenħtieġ li jiġi ċċarat li** l-kumpaniji ma jkunux meħtieġa jipubblikaw suppliment għal **informazzjoni finanzjarja annwali jew interim ġdida fi prospett bażi li jkun għadu validu, għall-kuntrarju tas-sitwazzjonijiet speċifikati fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979. Minflok, jenħtieġ li** l-informazzjoni finanzjarja annwali jew interim ġdida **tiġi inkorporata b'referenza fil-** prospett bażi, **dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għall-inkorporazzjoni b'referenza, bħar-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni elettronika u tal-lingwa. Madankollu, jenħtieġ li l-kumpaniji jitħallew jipubblikaw tali informazzjoni b'mod volontarju f'suppliment.**

¹³ **Ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2859, 20.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2859/oj>).**

(44) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 jippromwovi l-konverġenza u l-armonizzazzjoni tar-regoli *marbuta mal*-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospetti mill-awtoritajiet kompetenti. B'mod partikolari, il-kriterji għall-iskrutinju tal-kompletezza, tal-komprensibbiltà u tal-konsistenza tal-prospett ġew ■ stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2019/980. Madankollu, dik il-lista ta' kriterji ma hijiex eżawrjenti, minħabba li jenħtieġ li tippermetti l-possibbiltà li jitqiesu l-iżviluppi u l-innovazzjonijiet fis-swieq finanzjarji. B'riżultat ta' dan, ir-Regolament Delegat (UE) 2019/980 jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti japplikaw kriterji addizzjonali għall-iskrutinju u għall-approvazzjoni tal-prospetti meta meħtieġ għall-protezzjoni tal-investituri. Rapport tar-rieżami bejn il-pari mill-*Awtorità Superviżorja* Ewropea (Awtorità *Ewropea* tat-Titoli u s-Swieq) ("ESMA") *stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*² indika li dik il-possibbiltà ħolqot differenzi materjali fil-mod kif l-awtoritajiet kompetenti japplikaw kriterji ta' skrutinju addizzjonali u jitlob lill-emittenti jipprovdu informazzjoni addizzjonali fil-prospett taħt l-iskrutinju tagħhom. ■

- (45) *Sabiex jitrawmu l-konverġenza u l-armonizzazzjoni tal-attività superviżorja tal-prospett mill-awtoritajiet kompetenti, li jenħtieġ li ttipprovi ċertezza lill-emittenti u fiduċja lill-investituri, huwa xieraq li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi li fihom awtorità kompetenti tista' tuża tali kriterji addizzjonali, it-tip ta' informazzjoni addizzjonali li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li tiġi żvelata lil hinn mill-informazzjoni li hija meħtieġa għat-tfassil ta' prospett, Prospett ta' Segwitu tal-UE jew Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, inkluż it-tip ta' informazzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa tiġi żvelata skont il-kriterji addizzjonali u l-iskeda ta' żmien għall-approvazzjoni tal-prospett.*
- (46) *Sabiex jiġi żgurat li l-emittenti jkunu infurmati f'waqtu bir-riżultat tal-iskrutinju tal-prospett tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jirrispettaw skadenza ċara għall-iskrutinju tagħhom. Fil-każ ta' nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni dwar il-prospett fil-limiti ta' żmien stabbiliti, jenħtieġ li awtorità kompetenti tinnotifika r-raġuni għal dak in-nuqqas lill-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat kif ukoll lill-ESMA, li jenħtieġ li tippubblika fuq bażi annwali rapport aggregat dwar il-konformità tal-awtoritajiet kompetenti mal-limiti ta' żmien stabbiliti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri xierqa biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas mill-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw mal-limiti ta' żmien stabbiliti biex jieħdu deċiżjoni dwar il-prospett. Madankollu, jenħtieġ li tali nuqqas ma jitqiesx li jikkostitwixxi approvazzjoni tal-applikazzjoni.*

(47) *Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' żmien massimu għall-finalizzazzjoni tal-proċedura ta' skrutinju u għad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dwar il-prospett. Minħabba li t-tul ta' żmien tal-proċedura ta' skrutinju huwa influwenzat ukoll minn fatturi barra mill-kontroll tal-awtorità kompetenti, jenħtieġ li l-perjodu ta' żmien jiġi stabbilit bħala t-tul massimu tal-proċedura b'mod ġenerali, li jkopri attivitajiet kemm mill-persuna li tapplika għall-approvazzjoni ta' prospett kif ukoll mill-awtorità kompetenti. Peress li jista' jkun diffiċli li jiġu antiċipati s-sitwazzjonijiet kollha fejn skrutinju ma jistax jiġi ffinalizzat fil-perjodu ta' żmien stabbilit, huwa importanti li jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għal derogi possibbli minn dak il-perjodu ta' żmien. Barra minn hekk, bl-istess mod bħal dak għal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 20, jenħtieġ li nuqqas mill-awtorità kompetenti li tiegħu deċiżjoni dwar il-prospett f'dak il-perjodu ta' żmien massimu ma jitqiesx li jikkostitwixxi approvazzjoni tal-prospett. Għal finijiet ta' ċarezza legali, id-definizzjoni ta' "approvazzjoni" jenħtieġ li tiċċara wkoll li ma tikkonċernax l-akkuratezza tal-informazzjoni fi prospett.*

- (48) *Twettqu r-rieżami bejn il-pari tal-ESMA tal-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospetti mill-awtoritajiet kompetenti u r-rapport ta' rieżami bejn il-pari ġie ppubblikat qabel il-proposta tal-Kummissjoni għal dan ir-Regolament emendatorju. Minħabba li l-ESMA tista' twettaq rieżamijiet bejn il-pari fi kwalunkwe ħin li l-ESMA tqis xieraq f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, mhuwiex meħtieġ li tali rekwiżit jiġi speċifikat fir-Regolament (UE) 2017/1129. L-Artikolu 20(13) tar-Regolament (UE) 2017/1129, li jirrikjedi li l-ESMA torganizza u twettaq rieżami bejn il-pari tal-proċeduri ta' skrutinju u approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ għaldaqstant li jitneħħa.*
- (49) *, Għal IPO lill-pubbliku għal klassi ta' ishma li hija ammessa għan-negozjar f'suq regolat għall-ewwel darba, l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129 jirrikjedi l-pubblikazzjoni ta' prospett mill-inqas sitt ijiem tax-xogħol qabel tmiem l-offerta. Sabiex jitrawmu proċessi rapidi għall-book-building, speċjalment fi swieq li jinbidlu malajr, u sabiex tizzied l-attrazzjoni tal-inklużjoni tal-investituri individwali f'**tali offerti**, jenħtieġ li jitnaqqas il-perjodu minimu attwali ta' sitt ijiem bejn il-pubblikazzjoni tal-prospett u t-tmiem ta' offerta ta' ishma, mingħajr ma tiġi affettwata l-protezzjoni tal-investituri.*

- (50) Sabiex tinġabar data li tappoġġa l-valutazzjoni tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE u l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' ħżin imsemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129 ikopri kemm il-Prospett ta' Segwitu tal-UE kif ukoll il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, li jenħtieġ li jkunu distinti b'mod ċar mit-tipi l-oħrajn ta' prospetti.
- (51) Sabiex id-distribuzzjoni tal-prospetti lill-investituri potenzjali ssir aktar sostenibbli, sabiex tiżdied id-diġitalizzazzjoni fis-settur finanzjarju u sabiex jitneħħew il-kostijiet mhux neċessarji, jenħtieġ li l-investituri potenzjali ma jibqgħux intitolati jitolbu kopja stampata ta' prospett. Għalhekk, jenħtieġ li kopja tal-prospett tiġi kkonsenjata lill-investituri potenzjali biss f'format elettroniku, fuq talba u mingħajr ħlas.

(52) L-Artikolu 23(3) tar-Regolament (UE) 2017/1129 jirrikjedi li l-intermedjarji finanzjarji jinformaw lill-investituri li jkunu xtraw jew issottoskrivew titoli permezz ta' dak l-intermedjarju finanzjarju bil-possibiltà li jiġi ppubblikat suppliment u, f'ċerti ċirkostanzi, li jikkuntattjaw lil dawk l-investituri fil-jum meta jiġi ppubblikat suppliment. Ir-Regolament (UE) 2021/337 introduċa l-paragrafi 2a u 3a għal dak l-Artikolu, li jipprevedu reġim aktar proporzjonat sabiex jitnaqqsu l-piżijiet għall-intermedjarji finanzjarji, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri. Dawk il-paragrafi jispeċifikaw liema investituri jenħtieġ li jiġu kkuntattjati minn intermedjarji finanzjarji meta jiġi ppubblikat suppliment u estendew kemm l-iskadenza sa meta dawk l-investituri għandhom jiġu kkuntattjati kif ukoll l-iskadenza sa meta dawk l-investituri jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' rtirar tagħhom. Barra minn hekk, dawk il-paragrafi jispeċifikaw li jenħtieġ li l-intermedjarji finanzjarji jikkuntattjaw lill-investituri li jixtru jew jissottoskrivu t-titoli sa mhux aktar tard mill-għeluq tal-perjodu inizjali tal-offerta. Dak il-perjodu jirreferi għall-perjodu li matulu l-emittenti jew l-offerenti joffru titoli lill-pubbliku kif stipulat fil-prospett u jeskludi perjodi sussegwenti li matulhom it-titoli jerġgħu jinbiegħu fis-suq. Ir-reġim introdott mill-Artikolu 23(2a) u (3a) tar-Regolament (UE) 2017/1129 *skada* fil-31 ta' Diċembru 2022. Fid-dawl tal-feedback pożittiv ġenerali tal-partijiet ikkonċernati dwar dak ir-reġim, jenħtieġ li dan isir permanenti.

(53) L-Artikolu 23(2a) u (3a) tar-Regolament (UE) 2017/1129 estenda l-iskadenza sa meta l-investituri eliġibbli jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-pubblikazzjoni ta' suppliment sa tmiem l-ewwel jum ta' xogħol wara dak li fih jiġi ppubblikat is-suppliment. Sabiex l-intermedjarji finanzjarji jkunu jistgħu jikkonformaw ma' dik l-iskadenza, jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-intermedjarji finanzjarji jkunu biss meħtieġ jinfurmaw lil dawk l-investituri li qablu li jiġu kkuntattjati b'mezzi elettroniċi, **pereżempju bil-posta elettronika**, dwar il-pubblikazzjoni ta' suppliment. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-intermedjarji finanzjarji joffru lil dawk l-investituri li indikaw ix-xewqa tagħhom li jiġu kkuntattjati biss b'mezzi oħrajn għajr mezzijiet elettroniċi, inklużjoni fakultattiva għal kuntatt elettroniku, għall-fini li jirċievu n-notifika tal-pubblikazzjoni ta' suppliment. Jeħtieġ ukoll li l-intermedjarji finanzjarji jiġu obbligati jindikaw lil dawk l-investituri li ma jaqblux li jiġu kkuntattjati b'mezzi elettroniċi u li jirrifjutaw l-inklużjoni fakultattiva għal kuntatt elettroniku li jistgħu jikkonsultaw is-sit web tal-emittent jew tal-intermedjarju finanzjarju **biex jivverifikaw jekk** suppliment **ikunx ġie** ppubblikat.

- (54) *Interpretazzjonijiet diverġenti dwar jekk emittent għandux jitħalla jissupplimenta prospett bażi biex jintroduċi titoli oħra, jew titoli b'karatteristiċi differenti minn dawk li għalihom ikun ġie approvat dak il-prospett bażi wasslu għal nuqqas ta' konverġenza bejn l-Istati Membri. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri u titrawwem konverġenza regolatorja madwar l-Unjoni, huwa **għalhekk** xieraq li jiġi stabbilit li suppliment għal prospett bażi m'għandux jintuża biex jiġi introdott tip ġdid ta' titolu li fir-rigward tiegħu l-informazzjoni neċessarja ma ġietx inkluża f'dak il-prospett bażi **ħlief jekk ma jkunx neċessarju li dan isir għal konformità mar-rekwiżiti ta' kapital skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali li tittrasponi d-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, sabiex titrawwem konverġenza dwar l-użu tal-prospett bażi, jenħtieġ li l-ESMA tipprovdli** ċarezza addizzjonali permezz ta' linji gwida dwar iċ-ċirkostanzi li fihom suppliment għandu jitqies li jintroduċi tip ġdid ta' titolu li ma jkunx diġà deskritt fi prospett bażi.*

(55) L-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2017/1129 jirrikjedi li l-emittenti jiproduċu traduzzjonijiet tal-prospetti tagħhom sabiex l-awtoritajiet u l-investituri jkunu jistgħu jiskrutinizżaw b'mod xieraq daww il-prospetti u sabiex jivvalutaw ir-riskji. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, trid tiġi pprovduta traduzzjoni f'tal-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru fejn issir offerta jew tintalab ammissjoni għan-negożjar. Biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-piżijiet bla bżonn, jenħtieġ li l-kumpaniji jitħallew ifasslu l-prospett f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, irrispettivament minn jekk l-offerta jew l-ammissjoni għan-negożjar tkunx domestika jew transfruntiera, filwaqt li jenħtieġ li r-rekwiżit tat-traduzzjoni jkun limitat għas-sommarju tal-prospett sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri individwali. ***Madankollu, jenħtieġ li Stat Membru jkollu l-possibbiltà ta' non-parteċipazzjoni u minflok jirrikjedi li l-prospett għal offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ammissjoni għan-negożjar f'suq regolat li jkun imfittex biss f'dak l-Istat Membru jifassal f'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jkun meħtieġ jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-ESMA bid-deċiżjoni tiegħu. Sabiex ttiprovdi trasparenza lill-emittenti u lill-investituri, jenħtieġ li l-ESMA tippubblica fuq is-sit web tagħha lista tal-lingwi aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għal offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ammissjoni għan-negożjar f'suq regolat li hija mfittxija biss f'dak l-Istat Membru.***

(56) L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2017/1129 bħalissa jirrikjedi li prospett imfassal u approvat f'konformità mal-liġijiet nazzjonali ta' pajjiż terz ("prospett ta' pajjiż terz"), u soġġett għalihom, jiġi approvat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-emittent tat-titoli kkonċernati, irrISPettivament minn jekk dak il-prospett ta' **pajjiż** terz ikunx diġà ġie approvat mill-awtorità rilevanti ta' pajjiż terz. Dak l-Artikolu jirrikjedi wkoll li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tiddikjara li r-rekwiżiti ta' informazzjoni imposti mil-liġi nazzjonali ta' tali pajjiż terz ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2017/1129. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' emittenti ta' pajjiżi terzi, inkluż l-SMEs, għas-swieq pubbliċi fl-Unjoni u sabiex l-investituri fl-Unjoni jiġu pprovdoti b'opportunitajiet ta' investiment addizzjonali, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom, huwa neċessarju li jiġu emendati **d-dispożizzjonijiet dwar ir-reġim ta' ekwivalenza**. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li, fil-każ ta' ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat, **jew ta'** offerta ta' titoli lill-pubbliku fl-Unjoni, prospetti ekwivalenti ta' pajjiżi terzi li diġà ġew approvati mill-awtorità superviżorja tal-pajjiż terz, għandhom jiġu ppreżentati biss lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kriterji ġenerali ta' ekwivalenza, li bħalissa għandhom ikunu bbażati fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 8 u 13 tar-Regolament (UE) 2017/1129, **jitwessgħu** biex jinkludu d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà, il-validità tal-prospett, il-fatturi ta' riskju, l-iskrutinju, l-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-prospett u s-supplimenti. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni, huwa neċessarju wkoll li jiġi speċifikat li l-prospett ta' pajjiż terz għandu jinkludi d-drittijiet u l-obbligi kollha previsti skont ir-Regolament (UE) 2017/1129. **L-emittenti ta' pajjiżi terzi jitħallew ukoll jużaw il-proċedura skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/1129 għal kwalunkwe tip ta' offeri ta' titoli lill-pubbliku, billi jfasslu prospett f'konformità ma' dak ir-Regolament.**

(57) Kooperazzjoni effettiva mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' dawg l-awtoritajiet u l-infurzar tal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 f'pajjiżi terzi hija neċessarja sabiex jiġu protetti l-investituri fl-Unjoni u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-emittenti stabbiliti fl-Unjoni u emittenti ta' pajjiżi terzi. Sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti u konsistenti ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji, ***jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-ESMA, fuq it-talba ta' mill-inqas awtorità kompetenti waħda, jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi, u jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tiddetermina l-kontenut minimu u l-mudell li għandu jintuża għal tali arranġamenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ESMA tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi u, fejn meħtieġ, id-distribuzzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiżi terzi li tista' tkun rilevanti għal miżuri li għandhom jittieħdu skont l-Artikoli 38 u 39 tar-Regolament (UE) 2017/1129. Madankollu, sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-investituri, jenħtieġ li l-pajjiżi terzi li huma fil-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet fiskali li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u l-lista ta' ġuriżdizzjonijiet li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fil-għlieda nazzjonali tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament ta' reġimi tat-terroriżmu li joħlqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni jiġu esklużi minn arranġamenti ta' kooperazzjoni bħal dawn.***

- (58) Huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-prospett ta' Segwitu tal-UE, il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u s-sommarji tal-prospett relatati jkunu soġġetti għall-istess sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra bħal prospetti oħra. Jenħtieġ li dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jiżguraw approċċ komuni fl-Istati Membri.
- (59) L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2017/1129 jirrikjedi li kull sena l-ESMA tippubblika rapport li jkun fih statistika dwar il-prospetti approvati u notifikati fl-Unjoni u analiżi tax-xejriet. Huwa neċessarju li jitniżżel li jenħtieġ li dak ir-rapport ikun fih ukoll informazzjoni statistika dwar il-**Prospetti** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, differenzjata skont it-tipi ta' emittenti, u jenħtieġ li janalizza l-utilizzabbiltà tar-reġimi ta' żvelar applikabbli skont il-prospett ta' Segwitu tal-UE, il-**Prospetti** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u **d-dokumenti** tar-reġistrazzjoni universali. **Jenħtieġ li** dak ir-rapport janalizza wkoll l-eżenzjoni l-ġdida għall-ħruġ sekondarju ta' titoli funġibbli ma' titoli diġà ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi. **Barra minn hekk, jenħtieġ li, abbażi ta' rapport ipprovdut mill-ESMA lill-Kummissjoni, dak ir-rapport jinkludi analiżi dwar jekk il-proċeduri ta' skrutinju u ta' approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jiżgurawx konverġenza superviżorja fl-Unjoni kollha u jibqgħux xierqa fid-dawl tal-objettivi segwiti tagħhom. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li dak ir-rapport jinkludi analiżi dwar jekk il-possibbiltà li l-Istati Membri għandhom li jirrikjedu żvelar nazzjonali taħt il-limitu tal-eżenzjoni rilevanti ta' EUR 12 000 000 jew EUR 5 000 000 għal offerta ta' titoli lill-pubbliku twassalx għal rekwiżiti ta' żvelar nazzjonali konverġenti u jekk dak l-iżvelar nazzjonali jikkostitwix ostaklu għall-offerta ta' titoli lill-pubbliku f'dawk l-Istati Membri.**

(60) Jenħtieġ li, wara perjodu xieraq wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju, il-Kummissjoni tirrieżamina l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1129 u tivvaluta, b'mod partikolari, jekk id-dispożizzjonijiet dwar is-sommarju tal-prospett, dwar ir-reġimi ta' żvelar għall-prospett ta' Segwitu tal-UE, dwar ***il-Prospetti*** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u dwar id-dokument tar-reġistrazzjoni universali għadhomx adatti sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħhom. Huwa neċessarju wkoll li jiġi stabbilit li dak ir-rapport ikun jenħtieġ janalizza d-data, ix-xejriet u l-kostijiet rilevanti fir-rigward tal-prospett ta' Segwitu tal-UE u ***l-Prospett*** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir. B'mod partikolari, jenħtieġ li dak ir-rapport jivvaluta jekk daww ir-reġimi l-ġodda jilhqax il-bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tal-investituri u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv. ***Minħabba l-importanza li jiġi żgurat li s-CMU taqbad ir-ritmu, u li tirrifletti r-realtajiet tas-suq malajr kemm jista' jkun wara li jseħħu, il-perjodu xieraq għat-twettiq ta' tali rieżamijiet mill-Kummissjoni jeħtieġ li jkun iqsar minn dak li kien qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju. Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tivvaluta jekk tkunx ġustifikata l-armonizzazzjoni ulterjuri tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-prospett u, jekk tkun, tikkunsidra emendi għad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament (UE) 2017/1129.***

(61) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jistabbilixxi qafas robust sabiex jiġu ppreservati l-integrità tas-suq u l-fiduċja tal-investituri billi jiġu evitati l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Jissoġġetta lill-emittenti għal diversi obbligi ta' żvelar u ta' żamma tar-rekords u jirrikjedi li l-emittenti jiżvelaw informazzjoni privileġġata lill-pubbliku. Sitt snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 597/2014, il-feedback mill-partijiet ikkonċernati miġbur fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u tal-gruppi ta' esperti enfasizza li xi aspetti ta' dak ir-Regolament ipoġġu piż partikolarment kbir fuq l-emittenti. Għalhekk, huwa neċessarju li tissaħħaħ iċ-ċarezza legali, li jiġu indirizzati r-rekwiżiti sproporzjonati għall-emittenti u li tiżdied l-attrazzenza ġenerali tas-swieq kapitali tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni tal-investituri u ta' integrità tas-suq.

- (62) L-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jipprojbixxu l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Madankollu, l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament fih eċċezzjoni għal dawk il-projbizzjonijiet għal programmi ta' riakkwist u għall-stabbilizzazzjoni. Sabiex programm ta' riakkwist jibbenefika minn dik l-eżenzjoni, l-emittenti huma obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti kollha taċ-ċentri tan-negozjar li fihom l-ishma jkunu ġew ammessi għan-negozjar jew jiġu nneozjati, kull tranżazzjoni relatata mal-programm ta' riakkwist, inkluż l-informazzjoni speċifikata fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴. Barra minn hekk, l-emittenti huma obbligati li sussegwentement jiżvelaw in-negozji lill-pubbliku. Dawk l-obbligi huma ikkumplikati wisq. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' rapportar billi emittent jintalab jirrapporta informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet tal-programm ta' riakkwist lill-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti biss f'termini ta' likwidità għall-ishma tiegħu. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi ssimplifikat l-obbligu ta' żvelar billi emittent jitħalla jiżvela lill-pubbliku biss informazzjoni aggregata **li tindika l-volum aggregat u l-prezz medju ponderat għal kull jum u għal kull ċentru tan-negozjar.**
- (63) **Il-kunċett ta' informazzjoni privileġġata stabbilita** fl-Artikolu 7(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 **hija** limitata wisq fis-sens li tapplika biss għal persuni inkarigati bl-eżekuzzjoni tal-ordnijiet li jikkonċernaw strumenti finanzjarji, filwaqt li fil-prattika persuni oħra jistgħu wkoll ikunu konxji ta' ordni jew ta' tranżazzjoni li tkun għadha ġejja. Għalhekk, jenħtieġ li dak il-kunċett jiġi estiż biex ikopri wkoll każijiet li fihom l-informazzjoni tingħadda permezz tal-ġestjoni ta' kont proprjetarju jew ta' fond ġestit, u b'mod partikolari biex ikopri l-kategoriji kollha ta' persuni li jistgħu jkunu jafu b'ordni fil-ġejjieni.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014 p 84).

(64) Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, sondaġġ tas-suq jikkonsisti fil-komunikazzjoni ta' informazzjoni, qabel titħabbar tranżazzjoni, sabiex jitkejjel l-interess ta' investituri potenzjali fi tranżazzjoni possibbli u l-kundizzjonijiet marbutin magħha, bħad-daqs jew l-ipprezzar potenzjali tagħha, lil investitur potenzjali wieħed jew aktar. Is-sondaġġ tas-suq huwa prattika stabbilita li tikkontribwixxi għal swieq kapitali effiċjenti. Madankollu, is-sondaġġ tas-suq jista' jirrikjedi l-żvelar ta' informazzjoni privileġġata lil investituri potenzjali u jesponi lill-partijiet involuti għal riskji legali. Jenħtieġ li d-definizzjoni tas-sondaġġ tas-suq tkun wiesgħa sabiex tipprovdi għat-tipoloġiji differenti ta' sondaġġi u għal prattiki differenti madwar l-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' sondaġġ tas-suq tinkludi wkoll komunikazzjonijiet ta' informazzjoni mhux segwiti minn xi tħabbira speċifika ta' tranżazzjoni, peress li informazzjoni privileġġata tista' tiġi żvelata lil investituri potenzjali anki f'dak il-każ u jenħtieġ li emittenti potenzjali jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

(65) L-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jgħid li l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata matul sondaġġ tas-suq jitqies li sar fl-eżerċizzju normali tal-impjeg, tal-professjoni jew tad-dmirijiet ta' persuna, u għalhekk ma jikkostitwix żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, meta l-parteciċipant fis-suq li jiżvela l-informazzjoni, *minbarra* r-rekwiżiti *obbligatorji* stabbiliti fl-Artikolu 11(3) u *fl-Artikolu 11(6), jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(4)* ta' dak ir-Regolament. Sabiex tiġi evitata interpretazzjoni li biha l-parteciċipanti fis-suq li jiżvelaw li jkunu qed iwettqu investigazzjoni tas-suq ikunu obbligati jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu *11(4)* tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, jenħtieġ li jiġi speċifikat li r-reġim tas-sondaġġ tas-suq u *r-rekwiżiti fl-Artikolu 11(4)* huma fakultattivi għall-parteciċipanti fis-suq li jiżvelaw u jinkludu l-protezzjoni mill-allegazzjoni ta' żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata. Fl-istess ħin, filwaqt li jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda preżunzjoni li l-parteciċipanti fis-suq li jiżvelaw li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu *11(4)* tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 meta jwettqu sondaġġ tas-suq ikunu żvelaw informazzjoni privileġġata illegalment, jenħtieġ li dawk il-parteciċipanti fis-suq li jiżvelaw ma jkunux jistgħu jieħdu vantaġġ mill-protezzjoni mogħtija lil parteciċipanti fis-suq li jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti. Sabiex tiġi żgurata l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jiksibu rendikont tal-awditjar ta' proċess li jista' jimplika l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata lil partijiet terzi, jenħtieġ li jiġi speċifikat ukoll li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(3) u *(6)* tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 huma obbligatorji għall-parteciċipanti kollha fis-suq li jiżvelaw, *irrispettivament minn jekk tiġix segwita l-proċedura fakultattiva fl-Artikolu 11(4) ta' dak ir-Regolament.*

(66) Il-likwidità f'ishma ta' emittent tista' titejjeb permezz ta' attivitajiet ta' provvedimenti ta' likwidità, inkluż arranġamenti ta' ġenerazzjoni tas-suq jew kuntratti ta' likwidità. Arranġament ta' ġenerazzjoni tas-suq jinkludi kuntratt bejn l-operatur tas-suq u parti terza li timpenja ruħha li żżomm il-likwidità f'ċerti ishma u, bħala ħlas, tibbenifika minn tnaqqis fuq tariffi ta' negozjar. Kuntratt ta' likwidità jinkludi kuntratt bejn emittent u parti terza li timpenja ruħha li tipprovdi likwidità fl-ishma tal-emittent, u f'ismu. Ir-Regolament (UE) Nru 2019/2115 introduċa fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 il-possibbiltà għall-emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar fis-swieq tal-SMEs li qed jespandu li jidħlu f'kuntratt ta' likwidità ma' fornitur tal-likwidità, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Waħda minn dawk il-kundizzjonijiet hija li l-operatur tas-suq jew id-ditta tal-investment li topera s-suq tal-SMEs li qed jespandi tkun irrikonoxxiet bil-miktub lill-emittent li tkun irċeviet kopja tal-kuntratt ta' likwidità u tkun qablet mat-termini u mal-kundizzjonijiet ta' dak il-kuntratt. Madankollu, l-operatur ta' suq tal-SMEs li qed jespandi mhuwiex parti għal kuntratt ta' likwidità u r-rekwiżit li tali operatur ikun qabel mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' likwidità jwassal għal kumplessità eċċessiva. Sabiex titneħħa dik il-kumplessità u sabiex jitrawmu provvedimenti ta' likwidità f'dawk is-swieq tal-SMEs li qed jespandu, huwa xieraq li jitneħħa r-rekwiżit għall-operaturi tas-swieq tal-SMEs li qed jespandu li jaqblu mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' likwidità.

(67) Il-projbizzjoni ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata għandha l-objettiv li tipprevjeni kwalunkwe sfruttament possibbli ta' informazzjoni privileġġata u jenħtieġ li tapplika malli dik l-informazzjoni tkun disponibbli. Ir-rekwiżit li tiġi żvelata informazzjoni privileġġata għandu l-għan, **primarjament**, li jippermetti lill-investituri jieħdu deċiżjonijiet informati tajjeb. Meta l-informazzjoni tiġi żvelata fi stadju bikri ħafna u tkun ta' natura preliminari, tista' tqarraq bl-investituri, aktar milli tikkontribwixxi għal formazzjoni effiċjenti tal-prezzijiet u tindirizza l-asimmetrija tal-informazzjoni. **Għaldaqstant**, fi proċess fit-tul, **jenħtieġ li r-rekwiżit tal-iżvelar ma jkoprix avviżi ta' sempliċi intenzjonijiet, negozjati li jkunu għaddejjin jew, skont iċ-ċirkostanzi, il-progress ta' negozjati (bħal laqgħa bejn ir-rappreżentanti ta' kumpanija)**. Jenħtieġ li l-emittent jiżvela biss informazzjoni relatata **maċ-ċirkostanzi partikolari jew mal-avveniment partikolari** li l-proċess fit-tul għandu l-intenzjoni li jwassal għalih **jew jirriżulta fih (l-"avveniment finali")**, **kemm jista' jkun malajr wara l-okkorrenza tat-tali ċirkustanzi jew avveniment. Pereżempju, fil-każ ta' fużjoni, jenħtieġ li l-iżvelar isir malajr kemm jista' jkun wara** li l-maniġment ikun ħa **d-deċiżjoni li japprova l-ftehim ta' fużjoni, ladarba l-elementi ewlenin tal-fużjoni jkunu ġew miftiehma. B'mod ġenerali, għal ftehimiet kuntrattwali, jenħtieġ li l-avveniment finali jitqies li seħħ meta jkunu ġew miftiehma l-kundizzjonijiet ewlenin ta' dak il-ftehim**. Fil-każ ta' proċessi mhux fit-tul relatati ma' **avveniment jew sett ta' ċirkostanzi ta' darba**, b'mod partikolari meta l-okkorrenza ta' **dak l-avvenimenti jew sett ta' ċirkostanzi** ma tkunx tiddependi fuq l-emittent, jenħtieġ li l-iżvelar iseħħ hekk kif l-emittent isir jaf b'dak l-avveniment **jew sett ta' ċirkostanzi**.

- (68) **L-identifikazzjoni preċiża** tal-mument **meta avveniment isir finali mhux dejjem tkun sempliċi. Sabiex** l-emittent **ikun jista' jidentifika l-mument meta jkun meħtieġ żvelar tal-informazzjoni rilevanti**, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta att delegat li jstabilixxi lista mhux eżawrjenti ta' **avvenimenti finali fi proċessi fit-tul li jiskattaw l-obbligu ta' żvelar tal-informazzjoni** u, għal kull **avveniment**, il-mument meta l-**avveniment jitqies li seħħ**.
- (69) Jenħtieġ li l-emittenti jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni relatata mal-passi intermedji meta **ċ-ċirkostanzi jew** l-avveniment li proċess fit-tul ikollu l-intenzjoni li jwassal għalih jew jirriżulta fih, **ikun** għadu ma ġiex żvelat. Ladarba jkun hemm żvelar ta' **dawk iċ-ċirkostanzi jew** dak l-avveniment, jenħtieġ li l-emittent ma jkollux aktar għalfejn jipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni relatata mal-passi intermedji.

(70) ***Jista' jkun hemm każijiet fejn emittent ikollu bżonn jipposponi l-iżvelar ta' ċerti ċirkostanzi jew avvenimenti wara li jkunu ġraw. L-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jipprevedi li emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet, jista', fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess, idewwem l-iżvelar lill-pubbliku ta' informazzjoni privileġġata dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li n-nuqqas ta' żvelar minn emittent ta' informazzjoni privileġġata relatata ma' passi intermedji fi proċess fit-tul ma jkunx soġġett għar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-emittent jew għall-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet u interpretazzjoni konsistenti tal-kundizzjonijiet biex jiġi ttardjat l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata, iċ-ċirkostanzi fejn jenħtieġ li l-iżvelar ma jiġix ittardjat għandhom jiġu kkjarifikati b'referenza diretta għal dikjarazzjonijiet pubbliċi preċedenti jew tipi oħra ta' komunikazzjonijiet mill-emittent jew mill-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet. Biex tiġi pprovduta tali kjarifika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat li jstabilixxi lista mhux eżawrjenti ta' sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni privileġġata li l-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet bi ħsiebu jidewwem hija f'kuntrast mal-aħħar avviż pubbliku jew ma' tip ieħor ta' komunikazzjoni mill-emittent jew mill-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet dwar l-istess kwistjoni li l-informazzjoni privileġġata tirreferi għaliha.***

- (71) L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jobbliga lill-emittenti u lil kwalunkwe persuna li taġixxi fisimhom jew għan-nom tagħhom sabiex ifasslu u jżommu aġġornata lista tal-persuni kollha li għandhom aċċess għal informazzjoni privileġġata u li jkunu qegħdin jaħdmu għalihom b'kuntratt ta' impjeg, jew inkella jwettqu kompiti li permezz tagħhom ikollhom aċċess għal informazzjoni privileġġata, inkluż konsulenti, kontabilisti u aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Madankollu, l-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jillimita dak l-obbligu għall-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negożjar f'suq tat-tkabbir tal-SMEs sabiex daww l-emittenti jkunu meħtieġa jinkludu fil-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata tagħhom biss lil daww il-persuni li, minħabba n-natura tal-funzjoni jew pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-emittent, għandhom aċċess regolari għal informazzjoni privileġġata. ■
- (72) F'xi Stati Membri, il-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata jitqiesu partikolarment importanti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' integrità tas-suq. Għal dik ir-raġuni, l-Artikolu 18(6), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jippermetti lill-Istati Membri jirrikjedu li l-emittenti fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs ifasslu listi aktar estensivi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata li jinkludu l-persuni kollha li jkollhom aċċess għal informazzjoni privileġġata, għalkemm fuq il-bażi ta' format mitigat, li jirrikjedi anqas informazzjoni. Sabiex jiġi evitat piż regolatorju eċċessiv, filwaqt li tinżamm l-informazzjoni essenzjali għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jinvestigaw ksur tal-abbuż tas-suq, jenħtieġ li tali format mitigat jintuża għal-listi kollha minn informazzjoni privileġġata. ■

- (73) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jipprevedi miżuri preventivi kontra l-abbuż tas-suq u, b'mod aktar speċifiku, abbuż minn informazzjoni privileġġata, dwar persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali u persuni assoċjati mill-qrib magħhom. Tali miżuri jvarjaw min-notifika ta' tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji tal-emittent rilevanti sal-projbizzjoni milli jitwettqu tranżazzjonijiet f'tali strumenti matul ċerti perjodi definiti. B'mod partikolari, l-Artikolu 19(8) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jipprevedi li persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali huma meħtieġa jinnotifikaw lill-emittent u lill-awtorità kompetenti meta daww il-persuni jkollhom tranżazzjonijiet li jilhqg l-livell limitu ta' EUR 5 000 f'sena kalendarja, kif ukoll kwalunkwe tranżazzjoni sussegwenti fl-istess sena. In-notifiki jikkonċernaw, fir-rigward tal-emittenti, tranżazzjonijiet imwettqin minn persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali jew minn persuni assoċjati mill-qrib magħhom f'isimhom stess relatati jew mal-ishma jew mal-istrumenti ta' dejn ta' dak l-emittent, jew ma' derivattivi jew ma' strumenti finanzjarji oħrajn marbutin magħhom. Minbarra l-livell limitu ta' EUR 5 000, l-Artikolu 19(9) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-livell limitu għal EUR 20 000.
- (74) Sabiex jiġi evitat rekwiżit mhux dovut għall-persuni li jeżerċitaw responsabbiltajiet maniġerjali li jirrapportaw u għall-kumpaniji li jiżvelaw tranżazzjonijiet li ma jkunux sinifikattivi għall-investituri, xieraq li l-livell limitu għar-rapportar u għall-iżvelar relatat jidied minn EUR 5 000 għal EUR 20 000. ***Fl-istess ħin*** l-awtoritajiet kompetenti ***jenħtieġ li jingħataw il-flessibilità*** li jżidu dak il-livell limitu ***għal EUR 50 000 jew li jnaqqasuh għal EUR 10 000***, fejn ġustifikat ***fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq nazzjonali***.

(75) L-Artikolu 19(11) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jipprojbixxi persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali milli jinneozjaw, matul perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju qabel ir-rapportar finanzjarju tal-kumpanija tagħhom (perjodu magħluq), f'ishma jew strumenti ta' dejn tal-emittent jew derivattivi jew strumenti finanzjarji oħrajn marbutin magħhom, sakemm l-emittent ma jagħtix il-kunsens tiegħu u jiġu ssodisfati ċirkostanzi speċifiċi. Dik l-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-perjodu magħluq bħalissa tinkludi ishma tal-impjegati jew skemi ta' tfaddil kif ukoll kwalifiki jew intitolament ta' ishma. Sabiex tiġi promossa l-konsistenza tar-regoli fil-klassijiet differenti ta' assi, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi estiża sabiex tinkludi fost l-iskemi tal-impjegati eżentati dawk li jikkonċernaw strumenti finanzjarji minbarra ishma u wkoll sabiex tkopri l-kwalifika jew l-intitolament ta' strumenti għajr ishma.

(76) Ċerti tranżazzjonijiet jew attivitajiet imwettqin mill-persuna li teżerċita responsabbiltajiet maniġerjali matul il-perjodu magħluq jistgħu jkunu relatati ma' arranġamenti irrevokabbli li jsiru barra minn perjodu magħluq. Dawk it-tranżazzjonijiet jew attivitajiet jistgħu jirriżultaw ukoll minn mandat ta' ġestjoni tal-assi diskrezzjonali eżegwit minn parti terza indipendenti taħt mandat ta' ġestjoni tal-assi diskrezzjonali. Tali tranżazzjonijiet jew attivitajiet jistgħu jkunu wkoll il-konsegwenza ta' azzjonijiet korporattivi debitament awtorizzati li ma jimplikawx trattament favorevoli għall-persuna li teżerċita responsabbiltajiet maniġerjali. Barra minn hekk, dawk it-tranżazzjonijiet jew l-attivitajiet jistgħu jkunu l-konsegwenza tal-aċċettazzjoni ta' wirt, ta' rigali u ta' donazzjonijiet, jew tal-eżerċitar ta' opzjonijiet, ta' futuri, jew ta' derivattivi oħrajn miftehmin barra mill-perjodu magħluq. Tali attivitajiet u tranżazzjonijiet, fil-prinċipju, ma jinvolvux deċiżjonijiet ta' investiment attivi mill-persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali. Il-projbizzjoni ta' tali tranżazzjonijiet jew attivitajiet matul il-perjodu magħluq tillimita b'mod eċċessiv il-libertà ta' persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali, peress li ma hemm l-ebda riskju li ser jibbenefikaw minn vantaġġ informattiv. Sabiex jiġi żgurat li l-projbizzjoni fuq il-kummerċ matul il-perjodu magħluq tapplika biss għal tranżazzjonijiet jew għal attivitajiet li jiddependu fuq l-attività ta' investiment volontarja tal-persuna li teżerċita responsabbiltajiet maniġerjali, jenħtieġ li dik il-projbizzjoni ma tkoprix tranżazzjonijiet jew attivitajiet li jiddependu **esklużivament** minn fatturi esterni jew li ma jinvolvux deċiżjonijiet attivi ta' investiment mill-persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali. ■

(77) L-integrazzjoni dejjem akbar tas-swieq iżżid ir-riskju ta' abbuż transfruntier tas-suq. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw b'mod rapidu u f'waqtu, anki mal-ESMA. Sabiex tissaħħaħ din il-kooperazzjoni, jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' taġixxi ***fuq l-inizjattiva ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar*** biex tiffaċilita l-kollaborazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti bil-possibbiltà li tikkoordina kwalunkwe investigazzjoni jew spezzjoni li jkollha effett transfruntier. Il-pjattaformi ta' kollaborazzjoni stabbiliti mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol urew li huma utli bħala għodda superviżorja sabiex jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni fost l-awtoritajiet. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà wkoll li l-ESMA, ***fuq l-inizjattiva ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar***, tistabilixxi u tikkoordina tali pjattaformi fil-qasam tas-swieq tat-titoli meta jkun hemm tħassib dwar l-integrità tas-suq jew il-funzjonament xieraq tas-swieq. Meta jitqiesu r-relazzjonijiet b'saħħithom bejn is-swieq finanzjarji u dawk spot, ***jenħtieġ ukoll li l-ESMA, fuq l-inizjattiva ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar***, tkun tista' tistabilixxi tali pjattaformi ma' korpi pubbliċi li jimmonitorjaw is-swieq tal-komoditajiet bl-ingrossa, inkluż l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), meta tali tħassib jaffettwa kemm is-swieq finanzjarji kif ukoll dawk spot.

(78) Il-monitoraġġ tad-data ■ dwar l-ordnijiet huwa kruċjali għas-sorveljanza tal-attività tas-suq. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess faċli għad-data li jenħtieġ għall-attività superviżorja tagħhom. Partijiet minn dik id-data jikkonċernaw strumenti li huma nnegozjati f'ċentru tan-negozjar li jinsab fi Stat Membru ieħor. Biex tissaħħaħ l-effettività tas-superviżjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu mekkaniżmu għall-iskambju ta' data dwar l-ordnijiet fuq bażi kontinwa. . Biex jiġi żgurat li l-ambitu ta' dak il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' data dwar l-ordnijiet ikun proporzjonat għall-użu tiegħu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti biss li jissorveljaw is-swieq li għandhom livell għoli ta' attività transfruntiera jkunu obbligati jipparteċipaw f'dak il-mekkaniżmu. ***L-Istati Membri li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom interess li jieħdu sehem fil-mekkaniżmu fuq bażi volontarja jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw l-istess dispożizzjonijiet u jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-mekkaniżmu. L-ESMA wriet l-għarfien espert tagħha fl-istabiliment ta' ċentri għall-iskambju tad-data, bħall-iskambju tad-data tar-rapportar tat-tranżazzjonijiet permezz tal-implimentazzjoni ppruvata tal-Mekkaniżmu għall-Iskambju tar-Rappurtar tat-Tranżazzjonijiet (TREM) jew permezz tal-Punt Uniku ta' Aċċess għad-Data dwar it-Tranżazzjonijiet tal-EMIR permezz tal-implimentazzjoni tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (TRACE). Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti parteċipanti jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu dan il-mekkaniżmu l-ġdid għall-iskambju ta' data dwar l-ordnijiet billi jiddelegaw l-iżvilupp tal-proġett lill-ESMA.***

*Il-lista ta' ċentri tan-negozjar li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti jenħtieġ li tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni f'att delegat **billi għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji jitqies mill-inqas il-volum tan-negozjar f'dak iċ-ċentru tan-negozjar kif ukoll il-volum tan-negozjar f'dak iċ-ċentru tan-negozjar fl-istrumenti finanzjarji li għalihom l-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti tkun differenti mill-awtorità kompetenti ta' dak iċ-ċentru tan-negozjar. Sabiex tingħata ċertezza legali u biex ma jkunx hemm dewmien fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu, il-kriterji għad-determinazzjoni ta' ċentri tan-negozjar b'dimensjoni transfruntiera sinifikanti jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament b'livelli limiti speċifiċi stabbiliti għall-ishma. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-kriterji jibqgħu fattibbli u flessibbli biżżejjed biex iqisu l-iżviluppi tas-swieq finanzjarji u l-ħtieġa għal superviżjoni effettiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadatta maż-żmien dawk il-livelli limitu permezz ta' att delegat, filwaqt li tiżgura l-proporzjonalità, u li titlob lill-ESMA opinjoni dwar il-kalibrazzjoni tal-livelli limitu. Barra minn hekk, jenħtieġ li għall-ewwel dak il-mekkaniżmu għall-iskambju tad-data dwar l-ordnijiet jikkonċerna biss ishma, **qabel ma jiġi estiż għal** bonds u futuri, filwaqt li titqies ir-rilevanza ta' dawk l-istrumenti finanzjarji f'termini kemm ta' negozjar transfruntier kif ukoll ta' manipulazzjoni tas-suq. Madankollu, biex jiġi żgurat li tali mekkaniżmu għall-iskambju ta' **data** dwar l-ordnijiet **jirrifletti** l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji kif ukoll il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jipproċessaw data ġdida, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li **tkompli** twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti li d-data dwar l-ordnijiet tagħhom tista' tiġi skambjata permezz ta' dak il-mekkaniżmu **u potenzjalment tipposponi l-inklużjoni ta' bonds u futuri, filwaqt li tqis l-analiżi tal-ESMA tal-użu tal-mekkaniżmu, partikolarment f'termini ta' spejjeż.*****

(79) ***Biex itejbu l-monitoraġġ ta' ordnijiet permezz tal-iżviluppi teknoloġiċi u jsaħħu l-integrità tas-suq***, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaċċessaw id-data dwar l-ordnijiet mhux biss fuq talba ad hoc, iżda wkoll fuq bażi kontinwa. Barra minn hekk, sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar tad-data dwar l-ordnijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, huwa neċessarju li jiġi armonizzat il-format ta' tali data. ■

(80) Ir-riskju ta' ksur mhux intenzjonat tar-rekwiżiti ta' żvelar skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u s-sanzjonijiet amministrattivi assoċjati huma fattur importanti li jiskoraġġixxi lill-kumpaniji milli jfittxu ammissjoni għan-negozjar. Sabiex jiġi evitat piż eċċessiv fuq il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, **inkluż il-mikrointrapriżi**, jenħtieġ li ***l-ammont finali ta'*** sanzjonijiet għall-ksur imwettaq minn persuni ġuridiċi fir-rigward tar-rekwiżiti ta' żvelar ikun proporzjonat għad-daqs tal-kumpanija. L-Artikolu 30(2), il-punt (j) (iii) u (iv), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 ***jistabbilixxi minimu tal-ammont massimu tas-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti minn awtorità nazzjonali kompetenti għal ksur relatat mar-reġim ta' żvelar. Biex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li tali ammonti jiġu ddeterminati, bħala regola ġenerali, abbażi tal-fatturat annwali totali tal-kumpanija. Madankollu, fejn bl-applikazzjoni tal-massimu stabbilit fil-liġi nazzjonali*** bbażat fuq il-fatturat annwali totali, ***l-ammont final tas-sanzjoni imposta*** jkun sproportjonalment baxx fid-dawl taċ-ċirkostanzi stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, ***l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jżidu l-ammont finali ta' sanzjonijiet, billi jqisu l-massimu stabbilit fil-liġi nazzjonali, kif espress f'ammonti assoluti.*** F'dawk il-każijiet, huwa xieraq ukoll li ***kull Stat Membru jitħalla japplika livell massimu aktar baxx*** ta' sanzjonijiet għall-SMEs fil-liġi nazzjonali tiegħu, kif espress f'ammonti assoluti, ***bħala mod*** biex jiġi żgurat it-trattament proporzjonat tagħhom. ***Madankollu, jenħtieġ li Stat Membru jitħalla jistabbilixxi fil-liġi nazzjonali tiegħu l-istess livell massimu kif espress f'ammonti assoluti għat-tipi kollha ta' emittenti.***

(81) Meta jipproċessaw data personali fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵. Fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-ESMA fil-qafas ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-ESMA tikkonforma mar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶. B'mod partikolari, l-ESMA u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti *jenħtieġ li* iżommu data personali għal mhux aktar milli jkun neċessarju għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata d-data personali ■

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119 4.5.2016, p. 1).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(82) Sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-oġġettivi tiegħu, jenħteġ li s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-kontenut u l-format standardizzati kif ukoll is-sekwenza standardizzata tal-prospett, il-prospett bażi u t-termini finali, l-ispeċifikazzjoni tal-informazzjoni minima li għandha tiġi inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali, ***l-ispeċifikazzjoni tal-kontenut imnaqqas u l-format standardizzati kif ukoll is-sekwenza standardizzata għall-Prospett ta' Segwitu tal-UE u għall-Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir***, it-trawwim ta' konverġenza superviżorja billi jiġu speċifikati l-kriterji għall-iskrutinju u l-proċeduri għall-approvazzjoni tal-prospett mill-awtoritajiet kompetenti, l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-kriterji ġenerali ta' ekwivalenza għall-prospetti mfassla minn emittenti ta' pajjiżi terzi, id-determinazzjoni tal-kontenut minimu tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn ***l-awtoritajiet kompetenti jew, fejn mitlub minn mill-inqas waħda minn dawk l-awtoritajiet***, l-ESMA u l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi, skont ir-Regolament (UE) 2017/1129, kif ukoll ***l-istabbiliment u r-rieżami ta' lista mhux eżawrjenti ta' avvenimenti finali fi proċessi u sitwazzjonijiet fit-tul fejn l-iżvelar ma għandux jiġi ttardjat, l-espansjoni tal-lista ta' strumenti finanzjarji biex l-awtoritajiet kompetenti jkun jistgħu jiksbu data dwar l-ordnijiet, l-istabbiliment u l-aġġornament ta' lista ta' postijiet tan-negozjar deżinjati b'dimensjoni transfruntiera sinifikanti fl-ishma***, skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014. B'mod partikolari huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁷. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

¹⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(83) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-ESMA, fir-rigward ta': il-mudell u t-tqassim tal-prospetti, inkluż id-daqs tat-tipa u r-rekwiżiti tal-istil, skont it-tip ta' prospett u t-tip ta' investituri fil-mira; il-mudell u t-tqassim tas-sommarji tal-prospetti, inkluż id-daqs tat-tipa u r-rekwiżiti tal-istil; **il-format mitigat tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata; l-arranġamenti xierqa meħtieġa mill-mekkaniżmu għall-iskambju ta' data** dwar l-ordnijiet; ***l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri xierqa għaċ-ċentri tan-negozjar, biex jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-iskambju kontinwu u f'waqtu ta' tali data, inkluż il-format u l-iskadenzi għall-forniment tad-data mitluba minn awtorità kompetenti.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(84) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, peress li l-miżuri introdotti jeħtieġu armonizzazzjoni sħiħa madwar l-Unjoni, iżda, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(85) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 596/2014, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 2017/1129 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2017/1129

Ir-Regolament (UE) 2017/1129 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 3;

(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(da) offerta ta' titoli li għandhom jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi u li huma funġibbli ma' titoli diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) jirrappreżentaw, fuq perjodu ta' 12-il xahar, anqas minn **30 %** tal-għadd ta' titoli diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq;

(ii) l-emittent tat-titoli ma jkunx soġġett għal proċeduri ta' ristrutturar jew ta' insolvenza;

(iii) dokument li fih l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IX jiġi ddepożitat, f'format elettroniku, għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 21(2) fl-istess ħin li fih jiġi ppreżentat lil dik l-awtorità kompetenti;

(ii) ;

(db) offerta ta' titoli funġibbli ma' titoli li ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar ta' qabel l-offerta tat-titoli l-ġodda, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) it-titoli offruti lill-pubbliku ma jinħarġux b'rabta ma' akkwiżizzjoni permezz ta' offerta ta' skambju, fużjoni jew diviżjoni;

(ii) l-emittent tat-titoli ma jkunx *soġġett għal* ristrutturar *jew għal proċeduri ta' insolvenza*;

(iii) dokument li fih l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IX jiġi ddepożitat, *f'format elettroniku*, għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 21(2) *fl-istess ħin li fih jiġi ppreżentat lil dik l-awtorità kompetenti*.";

(ii) fil-punt (j), il-kliem introdutturju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(j) titoli mingħajr ekwità maħruġin b'manjiera kontinwa jew ripetuta mill-istituzzjoni ta' kreditu, meta l-korrispettiv aggregat totali fl-Unjoni għat-titoli offruti jkun anqas minn EUR 150 000 000 għal kull istituzzjoni ta' kreditu kkalkolat fuq perjodu ta' 12-il xahar, dment li daww it-titoli:";

(iii) jitħassar il-punt (l);

(iv) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Id-dokument imsemmi *fl-ewwel subparagrafu*, il-punti (*da*), *il-punt (iii)*, *u* (db), il-punt (iii), għandu jkollu tul massimu ta' *11*-il naħa ta' karta ta' daqs A4 meta tiġi stampata, għandu jiġi ppreżentat u stabbilit b'mod li jkun faċli sabiex jinqara, bl-użu ta' karattri ta' daqs li jistgħu jinqraw u għandu jitfassal bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru domiċiljari, jew tal-

anqas b'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu, jew b'lingwa oħra aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

Il-korrispettiv aggregat totali tal-offerti ta' titoli lill-pubbliku msemminjin fl-ewwel subparagrafu, il-punt (j), għandu jkisi il-korrispettiv aggregat totali tal-offerti kollha **għaddejnin** ta' titoli lill-pubbliku **u offerti ta' titoli lill-pubbliku li jkunu saru fit-12-il xahar** qabel id-data tal-bidu ta' offerta għdida ta' titoli lill-pubbliku, ħliet **għal** dawk l-offerti ta' titoli lill-pubbliku **li għalihom għie ppublikat prospett jew** li kienu soġġetti għal kwalunkwe eżenzjoni oħra mill-obbligu li jiġi ppublikat prospett f'konformità mal-ewwel subparagrafu, jew skont l-Artikolu 3(2).";

(c) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(1) il-punti (a) u (b) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(a) titoli funġibbli ma' titoli diġà ammessi għall-kummerç fl-istess suq regolat, bil-kondizzjoni li dawn jirrappreżentaw, fuq perjodu ta' 12-il xahar, anqas minn **30 %** tal-għadd ta' titoli diġà ammessi għall-kummerç fl-istess suq regolat;

- (b) ishma li jirriżultaw mill-konverżjoni jew mill-iskambju ta' titoli oħrajn jew mill-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti minn titoli oħrajn, meta l-ishma li jirriżultaw ikunu tal-istess klassi bħall-ishma diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat, bil-kondizzjoni li l-ishma li jirriżultaw jirrappreżentaw, matul perjodu ta' 12-il xahar, anqas minn **30** % tal-għadd ta' ishma tal-istess klassi diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat, soġġett għat-*tieni* subparagrafu ta' dan il-paragrafu;
- (ba) titoli funġibbli ma' titoli li ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar ta' qabel l-ammissjoni għall-kummerċ tat-titoli l-ġodda, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (i) it-titoli li għandhom jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat ma jinħarġux b'rabta ma' akkwiżizzjoni permezz ta' offerta ta' skambju, ta' fużjoni jew ta' diviżjoni;

- (ii) l-emittent tat-titoli ma jkunx ***soġġett għal*** ristrutturar ***jew għal proċeduri ta' insolvenza***;
 - (iii) dokument li fih l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IX jiġi ddepożitat, ***f'format elettroniku***, għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 21(2) ***fl-istess ħin li fih jiġi ppreżentat lil dik l-awtorità kompetenti***";
- (2) fil-punt (i), il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:
- "(i) titoli mingħajr ekwità maħruġin b'manjiera kontinwa jew ripetuta mill-istituzzjoni ta' kreditu, meta l-korrispettiv aggregat totali fl-Unjoni għat-titoli offruti jkun anqas minn EUR 150 000 000 għal kull istituzzjoni ta' kreditu kkalkolat fuq perjodu ta' 12-il xahar, dment li dawk it-titoli:";
- (3) jitħassru l-punti (j) u (k);
- (ii) fit-tieni subparagrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-rekwiżit li l-ishma li jirriżultaw jirrappreżentaw, fuq perjodu ta' 12-il xahar, anqas minn **30 %** tal-ġhadd ta' ishma tal-istess klassi diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ma għandux japplika fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:";

(iii) jiżdiedu ż-żewġ subparagrafi li ġejjin:

"Id-dokument imsemmi ***fl-ewwel subparagrafu***, il-punt (ba)(iii), għandu jkollu tul massimu ta' **11**-il naħa ta' karta ta' daqs A4 meta tiġi stampata, għandu jiġi ppreżentat u stabbilit b'mod li jkun faċli sabiex jinqara, bl-użu ta' karattri ta' daqs li jistgħu jinqraw u għandu jitfassal bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru domiċiljari, jew tal-anqas b'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu, jew b'lingwa oħra aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

Il-korrispettiv aggregat totali tal-offerti ta' titoli lill-pubbliku msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punt (i), għandu jqis il-korrispettiv aggregat totali tal-offerti kollha ***għaddejjin*** ta' titoli lill-pubbliku ***u offerti ta' titoli lill-pubbliku li jkunu saru fit-***12-il xahar qabel id-data tal-bidu ta' offerta ġdida ta' titoli lill-pubbliku, ħliet għal dawk l-offerti ta' titoli lill-pubbliku ***li għalihom ikun ġie ppubblikat prospett jew*** li kienu soġġetti għal kwalunkwe eżenzjoni oħra mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett f'konformità mal-ewwel subparagrafu ***■ ."***;

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-eżenzjonijiet mill-obbligu tal-pubblikazzjoni ta' prospett li huma stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 jistgħu jiġu kkombinati flimkien. Madankollu, l-eżenzjonijiet fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), ma għandhomx jiġu kkombinati flimkien meta tali kombinament ikun jista' jwassal għall-ammissjoni immedjata jew differita għall-kummerċ f'suq regolat fuq perjodu ta' 12-il xahar ta' aktar minn 30 % tal-għadd ta' ishma tal-istess klassi diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat, mingħajr ma jiġi ppubblikat prospett.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) *jiddaħħlu l-punti li ġejjin:*

"(da) "ristrutturar" tfisser ristrutturar kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸;

(db) "proċedimenti ta' insolvenza" tfisser proċedimenti ta' insolvenza kif definit fl-Artikolu 2(4), tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹;"

¹⁸ *Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18).*

¹⁹ *Ir-Regolament (UE) Nru 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (riformulazzjoni) (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19)."*

(b) il-punt (r) huwa emendat kif ġej:

"(r) "approvazzjoni" tfisser l-att pożittiv mar-riżultat tal-iskrutinju mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju rigward il-kompletezza, il-konsistenza u kemm tinftiehem l-informazzjoni mogħtija fil-prospett, iżda ma tikkonċernax l-akkuratezza ta' dik l-informazzjoni;"

(c) il-punt (z) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(z) "format elettroniku" tfisser format elettroniku kif iddefinit fl-Artikolu 4(1), il-punt (62a), tad-Direttiva 2014/65/UE."

(3) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(4) u għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, it-titoli għandhom jiġu offruti biss lill-pubbliku fl-Unjoni wara l-pubblikazzjoni minn qabel ta' prospett f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, **■** offerta ta' titoli lill-pubbliku ***għandha tiġi eżentata*** mill-obbligu tal-pubblikazzjoni ta' prospett stabbilit fil-paragrafu 1 dment li:
- (a) tali offerta ma tkunx soġġetta għal notifika f'konformità mal-Artikolu 25;
 - (b) il-korrispettiv aggregat totali fl-Unjoni għat-titoli offruti jkun anqas minn EUR 12 000 000 għal kull emittent jew offerent ikkalkolat fuq perjodu ta' 12-il xahar.
- 2a. B'deroga mill-paragrafu 2, il-punt (b), l-Istati Membri jistgħu jeżentaw offerta ta' titoli lill-pubbliku mill-obbligu li tippubblika prospett stabbilit fil-paragrafu 1 sakemm il-korrispettiv aggregat totali fl-Unjoni għat-titoli offruti jkun anqas minn EUR 5 000 000 għal kull emittent jew offerent ikkalkolat fuq perjodu ta' 12-il xahar.***
- 2b. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA fejn jiddeċiedu li japplikaw il-livell limitu ta' eżenzjoni ta' EUR 5 000 000 stabbilit fil-paragrafu 2a. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni u lill-ESMA meta sussegwentement jiddeċiedu li minflok jadottaw il-livell limitu ta' eżenzjoni ta' EUR 12 000 000 msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b).***

- 2c. Il-korrispettiv aggregat totali għat-titoli offruti ***lill-pubbliku***, kif imsemmi fil-***paragrafu 2***, il-punt (b), ***u fil-paragrafu 2a***, għandu jkollha il-korrispettiv aggregat totali tal-offerti kollha ***għaddejjin*** ta' titoli lill-pubbliku ***u l-offerti ta' titoli lill-pubbliku magħmula fit-12***-il xahar qabel id-data tal-bidu ta' offerta għdida ta' titoli lill-pubbliku, ħliet ***għal*** dawk l-offerti ta' titoli lill-pubbliku ***li għalihom għie ppubblikat prospett jew*** li kienu soġġetti għal kwalunkwe eżenzjoni mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett skont l-Artikolu 1(4), l-ewwel subparagrafu. ***Barra minn hekk, il-konsiderazzjoni aggregata totali tat-titoli offruti lill-pubbliku għandha tinkludi t-tipi u l-klassijiet kollha ta' titoli offruti.***
- 2d. Fejn offerta ta' titoli lill-pubbliku tkun eżentata mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett skont il-***paragrafu 2, il-punt (b), jew il-paragrafu 2a***, Stat Membru jista' jitlob ***lill-emittent jippreżenta jew jagħmel disponibbli lill-pubbliku skont l-arranġamenti stipulati fl-Artikolu 21(2) dokument li jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 7 (3) sa (10) u (12), jew dokument li jkun fih ir-rekwiżiti ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali, dment li l-estent u l-livell ta' tali informazzjoni jkun ekwivalenti għall-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 7 (4) sa (10) u (12), jew inqas.***”;

(4) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ammissjoni ta' titoli għan-negożjar f'suq regolat tkun eżentata mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett f'konformità mal-Artikolu 1(4) jew (5) jew mal-Artikolu 3(2), emittent, offerent jew persuna li titlob l-ammissjoni għan-negożjar f'suq regolat għandha tkun intitolata li volontarjament tfassal prospett f'konformità ma' dan ir-Regolament.";

(5) fl-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kwalunkwe bejgħ mill-ġdid sussegwenti ta' titoli li qabel kienu soġġetti għal tip wieħed jew aktar ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku elenkati fl-Artikolu 1(4), il-punti (a) sa (db), għandu jitqies bħala offerta separata u d-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 2, il-punt (d), għandha tapplika sabiex jiġi ddeterminat jekk dak il-bejgħ mill-ġdid ikunx offerta ta' titoli lill-pubbliku. Il-tqegħid ta' titoli permezz ta' intermedjarji finanzjarji għandu jkun soġġett għall-pubblikazzjoni ta' prospett sakemm ma tkunx tapplika waħda mill-eżenzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(4), il-punti (a) sa (db), fir-rigward tat-tqegħid finali.";

(6) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'din li ġejja:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14a(2), għall-Artikolu 15a(2) u għall-Artikolu 18(1), prospett għandu jkun fih l-informazzjoni neċessarja li tkun sinifikanti għal investitur sabiex jagħmel valutazzjoni informata ta:'";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-prospett għandu jkun dokument f'format standardizzat u l-informazzjoni żvelata fi prospett għandha tiġi ppreżentata f'sekwenza standardizzata, f'konformità mal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 13(1). L-informazzjoni fi prospett għandha tinkiteb u tiġi ppreżentata f'forma li tkun faċilment analizzabbli, konċiża u li tinftiehem, u tqis il-fatturi stipulati fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu.;

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, mill-paragrafi 4 u 5 u mir-rekwiżiti stabbiliti fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni inkluża f'dokument tar-reġistrazzjoni universali tista' tiġi inkluża mingħajr ma jitqiesu l-format standardizzat, is-sekwenza standardizzata, it-tul massimu, il-mudell u t-tqassim inkluż ir-rekwiżiti tad-daqs tat-tipa u tal-istil."

(c) jizziedu l-paragrafi ■ li ġejjin:

- "4. Prospett li jirrigwarda ishma ■ għandu jkun ta' tul massimu ta' 300 faċċata ta' karta ta' daqs A4 meta jiġi stampat u għandu jiġi ppreżentat u stabbilit b'mod li jkun faċli sabiex jinqara, bl-użu ta' karattri ta' daqs li jistgħu jinqraw.
5. Is-sommarju, l-informazzjoni inkorporata b'referenza f'konformità mal-Artikolu 19, l-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovdata meta l-emittent ikollu storja finanzjarja kumplessa jew ikun ħa impenn finanzjarju sinifikanti, kif imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980, ***jew fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti, kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (e), ta' dak ir-Regolament Delegat***, ma għandhomx jitqiesu għat-tul massimu msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.
6. ***B'deroga mill-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, u l-paragrafi 4 u 5, meta titoli jkun ser jiġu ammessi għan-negożjar f'suq regolat fl-Unjoni u simultanjament jiġu offruti jew jitqiegħdu privatament ma' investituri f'pajjiż terz fejn jitħejja dokument tal-offerta skont il-liġi, ir-regola jew il-prattika tas-suq, ir-rekwiżiti fir-rigward ta' format standardizzat, ta' sekwenza standardizzata, ta' tul massimu, u l-mudell u t-tqassim tal-prospetti, inkluż ir-rekwiżiti tad-daqs tat-tipa u tal-istil, ma għandhomx japplikaw għall-prospett għall-ammissjoni għan-negożjar f'suq regolat ta' dawk it-titoli.***

7. *L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida dwar il-komprensibbiltà u l-użu ta' lingwaġġ faċli li jinftiehem fil-prospetti biex tiżgura li l-informazzjoni pprovduta fihom tkun konċiża, ċara u faċli għall-utent skont it-tip ta' prospett u t-tip ta' investituri fil-mira.*
8. *L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-mudell u t-tqassim tal-prospetti, inkluż id-daqs tat-tipa u r-rekwiżiti tal-istil skont it-tip ta' prospett u t-tip ta' investituri fil-mira.*

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 26).";*

(7) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, is-sommarju jista' jippreżenta jew jiġbor fil-qosor informazzjoni fil-forma ta' ċarts, ta' graffs jew ta' tabelli.";

(b) fil-paragrafu 4, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'din li ġejja:

"Is-sommarju għandu jkun magħmul mill-erba' taqsimiet li ġejjin fl-ordni li ġej:";

(c) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"It-taqsimi msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (a), għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja fl-ordni li ġej:";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:

- il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandu jkun fiha t-twissijiet li ġejjin fl-ordni li ġej:";

- *jiżdied il-punt li ġej:*

"(g) meta applikabbli, dikjarazzjoni li l-kumpanija identifikat kwistjonijiet ambjentali bħala fattur ta' riskju materjali f'konformità mal-Artikolu 16.";

(d) ■ *il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej,*

(i) *is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:*

"It-taqsimha msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (b), għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja fl-ordni li ġej:";

(ii) *fil-punt (a), jiżdied il-punt li ġej:*

"(vi) meta l-emittent ta' titoli ta' ekwità ikun soġġett għall-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, dikjarazzjoni dwar jekk l-attivitajiet tal-emittent humiex assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli skont l-Artikoli 3 u 9 ta' dak ir-Regolament.";

²⁰ *Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).";*

(e) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"It-taqsimha msemija fil-paragrafu 4, il-punt (c), għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja fl-ordni li ġej:";

(ii) il-ħames subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta s-sommarju jkun fih l-informazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), it-tul massimu stabbilit fil-paragrafu 3 għandu jiġi estiż b'faċċata addizzjonali waħda ta' karta ta' daqs A4 **għal kull** garanti **■**, **dment li l-faċċati addizzjonali ta' karta ta' daqs A4 ikunu ddedikati għad-deskrizzjoni tal-garanti.**";

(f) fil-paragrafu 8, is-sentenza introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"It-taqsimha msemija fil-paragrafu 4, il-punt (d), għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja fl-ordni li ġej:";

(g) il-paragrafu 12a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12a. B'deroga mill-paragrafi 3 sa 12 ta' dan l-Artikolu, Prospett ta' Segwitu tal-UE mfassal f'konformità mal-Artikolu 14a jew **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir mfassal f'konformità mal-Artikolu 15a għandu jkun fih sommarju mfassal f'konformità ma' dan il-paragrafu.

Is-sommarju ta' Prospett ta' Segwitu tal-UE jew ta' **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir għandu jitfassal b'ħala dokument qasir miktub b'mod konċiż u ta' tul massimu ta' **seba'** faċċati ta' karta ta' daqs A4 meta jiġi stampat.

Is-sommarju ta' Prospett ta' Segwitu tal-UE jew ta' **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir ma għandux ikun fih kontroreferenzi għal partijiet oħrajn tal-prospett jew jinkorpora informazzjoni b'referenza u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandu jiġi ppreżentat u jkun strutturat b'mod li jkun faċli sabiex jinqara, bl-użu ta' karattri ta' daqs li jkun jista' jinqara;

- (b) għandu jinkiteb b'lingwa li tkun ċara, mhux teknika, konċiża u li tinftehem mill-investituri u bi stil li jiffaċilita l-fehim tal-informazzjoni;

- (c) għandu jkun magħmul ■ mit-taqsimiet li ġejjin fl-ordni li ġej:
- (i) introduzzjoni, li jkun fiha l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, inkluż it-twissijiet u d-data ta' approvazzjoni tal-Prospett *ta' Segwitu* tal-UE jew tal-*Prospett* tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir;
 - (ii) informazzjoni importanti dwar l-emittent;
 - (iii) informazzjoni importanti dwar it-titoli, inkluż id-drittijiet marbutin ma' dawk l-ishma u kwalunkwe limitu fuq dawk id-drittijiet;
 - (iv) informazzjoni importanti dwar l-offerta ta' titoli lill-pubbliku u/jew l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat, jew it-tnejn;
 - (v) meta jkun hemm garanzija mehmuża mat-titoli, informazzjoni importanti dwar il-garanti u dwar in-natura u l-ambitu tal-garanzija.

Mingħajr preġudizzju għat-tielet subparagrafu, il-punti (a) u (b), is-sommarju ta' Prospett ta' Segwitu tal-UE jew ta' **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir jistgħu jippreżentaw jew jiġbru fil-qosor informazzjoni fil-forma ta' ċarts, ta' graffs jew ta' tabelli.

Meta s-sommarju ta' **Prospett** ta' Segwitu tal-UE, jew tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, ikun fih l-informazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu, il-punt (c)(v), it-tul massimu msemmi fit-tieni subparagrafu għandu jiġi estiż b'faċċata addizzjonali waħda ta' karta ta' daqs A4 **għal kull** garanti **■**, **dment li l-faċċati addizzjonali ta' karta ta' daqs A4 ikunu ddedikati għad-deskrizzjoni tal-garanti.**";

(h) jżiedu l-paragrafi li ġejjin:

"14. L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida dwar il-komprensibbiltà u l-użu ta' lingwaġġ sempliċi fis-sommarji biex tiżgura li l-informazzjoni pprovduta fihom tkun konċiża, ċara u faċli għall-utent.

15. Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-mudell u t-tqassim tas-sommarji, inkluż id-daqs tat-tipa u r-rekwiżiti tal-istil.

L-ESMA għandha tissottometti dawh l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(8) fl-Artikolu 9(2), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Wara li l-emittent kellu dokument tar-reġistrazzjoni universali approvat mill-awtorità kompetenti għal sena finanzjarja waħda, id-dokumenti tar-reġistrazzjoni universali sussegwenti jistgħu jiġu ddepożitati għand l-awtorità kompetenti mingħajr l-approvazzjoni minn qabel.";

(9) fl-Artikolu 11(2), it-tieni subparagrafu, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda responsabbiltà ċivili ma għandha tintrabat ma' kwalunkwe persuna biss fuq il-bażi tas-sommarju skont l-Artikolu 7, inkluż kwalunkwe traduzzjoni tiegħu, sakemm:";

(10) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 44 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament rigward il-format standardizzat u s-sekwenza standardizzata tal-prospett, il-prospett bażi u l-kundizzjonijiet finali, u l-iskedi li jiddefinixxu l-informazzjoni speċifika li trid tkun inkluża fi prospett, inkluż LEIs u ISINs, filwaqt li tkun evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni meta prospett ikun magħmul minn dokumenti separati."

(ii) fit-tieni subparagrafu, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- "(f) jekk l-emittent *ta' titoli ta' ekwità* huwiex meħtieġ jipprovdi rapportar dwar is-sostenibbiltà, flimkien mal-opinjoni ta' assigurazzjoni relatata, f'konformità mad-Direttiva 2004/109/KE u mad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
- (g) jekk titoli mingħajr ekwità offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat humiex irrekklamati bħala li jqisu l-fatturi ambjentali, soċjali jew ta' governanza (ESG) jew li jsegwu l-oġettivi tal-ESG.

* *Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).";*

(iii) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (g), meta jiġu stabbiliti d-diversi skedi tal-prospett, għandu japplika dan li ġej:

- (a) *il-prospett għal Bond Ekoloġiku Ewropew kif imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ għandu jinkorpora b'referenza l-informazzjoni rilevanti li tinsab fl-iskeda informattiva dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej kif imsemmi fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament;*

- (b) *il-prospett għal bond ikkummerċjalizzat bħala ambjentalment sostenibbli jew għal bond marbut mas-sostenibbiltà, kif imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (c) ta' dak ir-Regolament, għandu jinkludi l-iżvelar fakultattiv rilevanti stipulati f'dak ir-Regolament, dment li l-emittent ikun għażel dak l-iżvelar fakultattiv.*

* *Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj>);*

- (b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha, sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiġi stabbilita l-iskeda li tispeċifika l-informazzjoni minima li trid tkun inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali."

- (c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-atti delegati msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jikkonformaw mal-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament."

- (11) jitħassar l-Artikolu 14;

(12) L-Artikolu 14a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14a

Prospett ta' Segwitu tal-UE

- 1.** Il-persuni li ġejjin jistgħu jfasslu Prospett ta' Segwitu tal-UE fil-każ ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ta' ammissjoni għan-negozjar ta' titoli f'suq regolat:
 - (a) emittenti li t-titoli tagħhom ikunu ġew ammessi għan-negozjar f'suq regolat kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar ta' qabel l-offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat tat-titoli l-ġodda;
 - (b) *emittenti li t-titoli tagħhom ikunu ġew ammessi għan-negozjar f'suq tal-SMEs li qed jespandi kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar ta' qabel l-offerta lill-pubbliku tat-titoli l-ġodda;***
 - (c) *emittenti li jfittxu ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat ta' titoli funġibbli ma' titoli li ġew ammessi għan-negozjar f'suq tal-SMEs li qed jespandi kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar ta' qabel l-ammissjoni għan-negozjar tat-titoli;***

- (d) offerenti ta' titoli ammessi għan-negożjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi kontinwament għal tal-anqas it-18-il xahar ta' qabel l-offerta ta' titoli lill-pubbliku.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, emittent li għandu biss titoli mingħajr ekwità ammessi għan-negożjar f'suq regolat jew f'suq tal-SMEs li qed jespandi ma għandux jitħalla jfassal Prospett ta' Segwitu tal-UE għall-ammissjoni għan-negożjar ta' titoli ta' ekwità f'suq regolat.

- 2. B'deroga mill-Artikolu 6(1), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18(1), il-Prospett ta' Segwitu tal-UE għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li l-investituri jeħtieġu sabiex jifhmu dawn kollha li ġejjin:
 - (a) il-prospetti u l-prestazzjoni finanzjarja tal-emittent u l-bidliet sinifikanti fil-pożizzjoni finanzjarja u tan-negożju tal-emittent li jkunu seħħew mit-tmiem tal-aħħar sena finanzjarja, jekk ikun hemm;
 - (b) l-informazzjoni essenzjali dwar it-titoli, inkluż id-drittijiet marbutin ma' dawk l-ishma u kwalunkwe limitu fuq dawk id-drittijiet;
 - (c) ir-raġunijiet għall-ħruġ u l-impatt tiegħu fuq l-emittent, inkluż fuq l-istruttura tal-kapital globali tal-emittent, u l-użu tar-rikavati.

3. L-informazzjoni li tinsab fil-Prospett ta' Segwitu tal-UE għandha tkun miktuba u ppreżentata f'forma li tkun faċilment analizzabbli, konċiża u li tintfieh u għandha tippermetti lill-investituri ■ sabiex jieħdu deċiżjoni informata filwaqt li jikkunsidraw l-informazzjoni regolata li diġà ġiet żvelata lill-pubbliku skont id-Direttiva 2004/109/KE, meta applikabbli, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u, meta applikabbli, l-informazzjoni msemmija fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565²².
4. Il-Prospett ta' Segwitu tal-UE għandu ***jkun fih l-informazzjoni minima stipulata fl-Anness IV jew V, skont it-tipi ta' titoli.***
Prospett ta' Segwitu tal-UE li jkun fih l-informazzjoni minima stipulata fl-Anness IV għandu jitfassal bħala dokument uniku.
Prospett ta' Segwitu tal-UE li jkun fih l-informazzjoni minima stipulata fl-Anness V jista' jitfassal jew bħala dokument uniku jew bħala dokumenti separati.
5. Prospett ta' Segwitu tal-UE li jirrigwarda ishma ■ għandu jkun ta' tul massimu ta' 50 faċċata ta' karta ta' daqs A4 meta jiġi stampat u għandu jiġi ppreżentat u stabbilit b'mod li jkun faċli sabiex jinqara, bl-użu ta' karattri ta' daqs li jistgħu jinqraw.

²² ***Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1).";***

6. Is-sommarju, l-informazzjoni inkorporata b'referenza f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, l-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta meta l-emittent ikollu storja finanzjarja kumplessa jew ikun ħa impenn finanzjarju sinifikanti, kif imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980, **jew l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti, kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (e), ta' dak ir-Regolament Delegat**, ma għandhomx jitqiesu għat-tul massimu msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.
7. Il-Prospett ta' Segwitu tal-UE għandu jkun dokument f'format standardizzat u l-informazzjoni żvelata fi Prospett ta' Segwitu tal-UE għandha tiġi ppreżentata f'sekwenza standardizzata bbażata fuq l-ordni tal-iżvelar stipulat fl-Anness IV jew V, skont it-tipi ta' titoli.
8. ***Il-Kummissjoni għandha, sa ... [15-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kontenut imnaqqas u l-format u s-sekwenza standardizzati għall-Prospett ta' Segwitu tal-UE.***

Dawk l-atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq l-Annessi IV u V.

(13) jitħassar l-Artikolu 15;

(14) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 15a

Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 1(4) u 3(2), il-persuni li ġejjin **jistgħu** jfasslu **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir fil-każ ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku, dment li ma jkollhom l-ebda titolu ammess għan-negozjar f'suq regolat:
 - (a) SMEs;
 - (b) emittenti, għajr SMEs, li t-titoli tagħhom huma ammessi, jew li għandhom jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs;
 - (c) emittenti, appartati dawk imsemmijin fil-punti (a) u (b), meta l-korrispettiv aggregat totali fl-Unjoni għat-titoli offruti lill-pubbliku jkun anqas minn EUR 50 000 000 ikkalkolat fuq perjodu ta' 12-il xahar, u dment li emittenti bħal dawn ma jkollhomx titoli nnegozjati f'MTF u jkollhom medja sa 499 impjegat matul is-sena finanzjarja preċedenti;
 - (d) offerenti ta' titoli li nħarġu minn emittenti kif imsemmijin fil-punti (a) u (b).

Il-korrispettiv aggregat totali għat-titoli offruti lill-pubbliku, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandu jkollha il-korrispettiv aggregat totali tal-offerti kollha **għaddejnin** ta' titoli lill-pubbliku **u offerti ta' titoli lill-pubbliku li jkunu saru fit-12-il xahar qabel id-data tal-bidu ta' offerta għdida ta' titoli lill-pubbliku**, ħliet għal **dawk** l-offerti ta' titoli lill-pubbliku **li għalihom għie ppubblikat prospett jew** li kienu soġġetti għal kwalunkwe eżenzjoni mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett **skont** l-Artikolu 1(4), l-ewwel subparagrafu, jew skont l-Artikolu 3(2). **Barra minn hekk, il-konsiderazzjoni aggregata totali tat-titoli offruti lill-pubbliku għandha tinkludi t-tipi u l-klassijiet kollha ta' titoli offruti.**

2. B'deroga mill-Artikolu 6(1), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18(1), il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir għandu jinkludi l-informazzjoni mqassra u proporzjonata rilevanti li hija neċessarja sabiex l-investituri jkunu jistgħu jifhmu dawn li ġejjin:
 - (a) il-prospetti u l-prestazzjoni finanzjarja tal-emittent u l-bidliet sinifikanti fil-pożizzjoni finanzjarja u tan-negozju tal-emittent sa minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja, jekk ikun hemm, kif ukoll l-istrateġija ta' tkabbir tiegħu;
 - (b) l-informazzjoni essenzjali dwar it-titoli, inkluż id-drittijiet marbutin ma' dawk l-ishma u kwalunkwe limitu fuq dawk id-drittijiet;
 - (c) ir-raġunijiet għall-ħruġ u l-impatt tiegħu fuq l-emittent, **inkluż** fuq l-istruttura tal-kapital globali tal-emittent, u l-użu tar-rikavati.

3. L-informazzjoni li tinsab fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir għandha tinkiteb u tiġi ppreżentata f'forma li tkun faċilment analizzabbli, konċiża u li tinftiehem u għandha tippermetti lill-investituri, b'mod partikolari lill-investituri individwali, sabiex jieħdu deċiżjoni informata dwar l-investment.
4. Il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir għandu jiffassal bħala dokument uniku li jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Anness VII jew VIII, skont it-tipi ta' titoli.
5. **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir li jirrigwarda ishma ■ għandu jkun ta' tul massimu ta' 75 faċċata ta' karta ta' daqs A4 meta jiġi stampat u għandu jiġi ppreżentat u stabbilit b'mod li jkun faċli sabiex jinqara, bl-użu ta' karattri ta' daqs li jistgħu jinqraw.
6. Is-sommarju, l-informazzjoni inkorporata b'referenza f'konformità mal-Artikolu 19 jew l-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta meta l-emittent ikollu storja finanzjarja kumplessa jew ikun ħa impenn finanzjarju sinifikanti, kif imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980, **jew l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti, kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (e), ta' dak ir-Regolament Delegat**, ma għandhomx jitqiesu għat-tul massimu msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

7. Il-**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir għandu jkun dokument f'format standardizzat u l-informazzjoni żvelata f'**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir għandha tiġi ppreżentata f'sekwenza standardizzata bbażata fuq l-ordni tal-iżvelar stipulata fl-Anness VII jew fl-Anness VIII, skont it-tipi ta' titoli. ■
8. ***Il-Kummissjoni għandha, sa ... [15-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispjefika l-kontenut imnaqqas u l-format u s-sekwenza standardizzati għall-Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir.***

Dawk l-atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq l-Annessi VII u VIII.";

(15) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fatturi ta' riskju li jidhru fi prospett għandhom ikunu limitati għal riskji li huma speċifiċi għall-emittent u għat-titoli u li jkunu materjali sabiex tittieħed deċiżjoni informata dwar l-investment, kif ikkorroborat mill-kontenut tal-prospett.

Prospett ma għandux ikun fih fatturi ta' riskju li huma ġeneriċi, li jservu biss bħala dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà, jew li ma jagħtux stampa ċara biżżejjed tal-fatturi ta' riskju speċifiċi li l-investituri għandhom ikunu konxji tagħhom.

Meta jitfassal il-prospett, l-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jitolbu l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat għandhom jivvalutaw il-materjalità tal-fatturi ta' riskju abbażi tal-probabbiltà tal-okkorrenza tagħhom u tal-kobor mistenni tal-impatt negattiv tagħhom.

L-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għan-negożjar f'suq regolat għandha tiddeskrivi b'mod adegwat kull fattur ta' riskju, u tispjega kif dak il-fattur ta' riskju jaffettwa lill-emittent, jew jaffettwa t-titoli li qegħdin jiġu offruti jew li għandhom jiġu ammessi għan-negożjar. L-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jitolbu ammissjoni għan-negożjar f'suq regolat jistgħu jiżvelaw ukoll il-valutazzjoni tal-materjalità tal-fatturi ta' riskju msemmija fit-tielet subparagrafu billi jużaw skala kwalitattiva ta' livell baxx, medju jew għoli, skont l-għażla tagħhom.

Il-fatturi ta' riskju għandhom jiġu ppreżentati f'għadd limitat ta' kategoriji skont in-natura tagħhom. ***F'kull kategorija, il-fatturi ta' riskju l-aktar materjali għandhom jiġu elenkati b'mod li jkun konsistenti mal-valutazzjoni prevista fit-tielet subparagrafu.***";

(16) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-aċċettazzjonijiet tax-xiri jew tas-sottoskrizzjoni ta' titoli jistgħu jiġu rtirati għal mhux anqas minn tlett ijiem ta' xogħol wara li jkun ġie ddepożitat il-prezz tal-offerta finali jew l-ammont ta' titoli li jridu jiġu offruti lill-pubbliku; jew";

(17) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa emendat b'dan li ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

*"1. Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fi prospett skont dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati abbażi tiegħu, **tista'** tiġi inkorporata b'referenza f'dak il-prospett meta tkun ġiet ippubblikata elettronikament qabel jew simultanjament, tkun imfassla b'lingwa li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 27 u meta tkun tinsab f'wieħed mid-dokumenti li ġejjin:"*

(ii) *il-punti (a) u (b) huma ssostitwiti b'dan li ġej:*

"(a) id-dokumenti li jkunu ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew iddepożitati għandha, f'konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż dokument tar-reġistrazzjoni universali jew kwalunkwe taqsima tiegħu;

(b) id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(4), l-ewwel subparagrafu, il-punti *(da)*, *(db)* u *(f)* sa *(i)*, u fl-Artikolu 1(5), l-ewwel subparagrafu, il-punti *(ba)* u *(e)* sa *(h)*:"

(iii) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"(f) rapporti ta' ġestjoni kif imsemmijin fil-Kapitoli 5 u 6 tad-Direttiva 2013/34/UE inkluż, meta applikabbli, ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà;"

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. L-informazzjoni li ma għandhiex tiġi inkluża fi prospett xorta tista' tiġi inkorporata b'referenza f'dak il-prospett fuq bażi volontarja, meta tkun ġiet ippubblikata elettronicament qabel jew simultanjament, titfassal b'lingwa li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 27 u meta tkun tinsab f'wieħed mid-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu.

1b. Emittent, offerent jew persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat ma għandhiex tkun meħtieġa tippubblika suppliment skont l-Artikolu 23(1) għal ***informazzjoni finanzjarja annwali jew interim ġdida ppubblikata meta prospett bażi ikun għadu validu skont l-Artikolu 12(1). Meta dik l-informazzjoni finanzjarja annwali jew interim ġdida tiġi ppubblikata elettronicament, tista' tiġi inkorporata b'referenza fil-prospett bażi f'konformità mal-paragrafu (1), il-punt (d). Madankollu, emittent, offerent jew persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat għandha tkun intitolata tippubblika volontarjament suppliment għal tali informazzjoni.***"

(18) l-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) *fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Meta l-awtorità kompetenti tonqos milli tieħu deċiżjoni dwar il-prospett fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u fil-paragrafi 3 u 6, dik l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-emittent, lill-offerent jew lill-persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat, u lill-ESMA, bir-raġunijiet għaliex naqset milli tieħu deċiżjoni. Tali nuqqas ma għandux jitqies li jikkostitwixxi approvazzjoni tal-applikazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri xierqa biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas mill-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u fil-paragrafi 3 u 6.

L-ESMA għandha tippubblika fuq bażi annwali rapport aggregat dwar il-konformità tal-awtoritajiet kompetenti mal-limiti ta' żmien imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u fil-paragrafi 3 u 6."

(b) il-paragrafu 6a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6a. B'deroga mill-paragrafi 2 u 4 *ta' dan l-Artikolu*, il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, u fil-paragrafu 4 għandhom jitnaqqsu għal sebat ijiem ta' xogħol għal Prospett ta' Segwitu tal-UE *li jkun soġġett għat-tul massimu msemmi fl-Artikolu 14a(5) u (6)*. L-emittent għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-anqas ħamest ijiem ta' xogħol qabel id-data prevista għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni.

Il-limitu ta' żmien imnaqqas stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għal Prospett ta' Segwitu tal-UE mfassal mill-emittenti kif imsemmi fl-Artikolu 14a(1), il-punt (c).";

(d) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. Il-Kummissjoni, *wara konsultazzjoni mal-ESMA*, għandha jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kriterji għall-iskrutinju tal-prospetti, b'mod

partikolari l-kompletezza, l-intelliġibbiltà u l-konsistenza tal-informazzjoni li tinsab fih, u l-proċeduri għall-approvazzjoni tal-prospett, u dawn kollha li ġejjin:

- (a) iċ-ċirkostanzi li fihom awtorità kompetenti titħalla tuża kriterji addizzjonali għall-iskrutinju tal-prospett, fejn jitqies meħtieġ għall-protezzjoni tal-investituri;;
- (b) ***iċ-ċirkostanzi li fihom awtorità kompetenti titħalla, meta jitqies li huwa neċessarju għall-protezzjoni tal-investitur, titlob informazzjoni minbarra dak li huwa meħtieġ skont l-Artikoli 6, 13, 14a, u 15a għat-fassil ta' prospett, Prospett ta' Segwitu tal-UE jew Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, inkluż it-tip ta' kwalunkwe informazzjoni addizzjonali żvelata skont il-kriterji addizzjonali msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu;***
- (c) ***il-perjodu ta' żmien globali massimu li fih għandu jiġi ffinalizzat l-iskrutinju tal-prospett u tintlaħaq deċiżjoni mill-awtorità kompetenti dwar jekk dak il-prospett huwiex approvat jew l-approvazzjoni hijiex irrifjutata u l-proċess ta' approvazzjoni huwa tterminat, u l-kundizzjonijiet għal derogi possibbli għal dak il-perjodu ta' żmien.***

Il-perjodu ta' żmien massimu msemmi fil-punt (c) *tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu* għandu jkoll il-punt (a) ta' dak is-subparagrafu, l-għadd medju ta' iterazzjonijiet bejn l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat u l-awtorità kompetenti fl-istess applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' abbozz ta' prospett, u l-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 2, 3, 4, 6 u 6a. ■

Fejn l-awtorità kompetenti tonqos milli tiegħu deċiżjoni dwar il-prospett fil-perjodu ta' żmien massimu msemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, tali nuqqas ma għandux jittqies li jikkostitwixxi approvazzjoni tal-prospett."

(e) *jitħassar* il-paragrafu 13;

(19) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' offerta inizjali lill-pubbliku ta' klassi ta' ishma li hija ammessa għall-kummerċ f'suq regolat għall-ewwel darba, il-prospett għandu jkun disponibbli għall-pubbliku tal-anqas tlett ijiem ta' xogħol qabel it-tmiem tal-offerta.";

(b) il-paragrafu 5a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5a. Prospett ta' Segwitu tal-UE għandu jiġi kklassifikat separatament fil-mekkaniżmu ta' ħżin imsemmi fil-paragrafu 6.

5b. **Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir għandu jiġi kklassifikat fil-mekkaniżmu ta' ħżin imsemmi fil-paragrafu 6 b'mod li jkun differenzjat mit-tipi l-oħrajn ta' prospetti.";

(d) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. Kopja tal-prospett għandha tintbagħat f'format elettroniku lil kwalunkwe investitur potenzjali, fuq talba u mingħajr ħlas, mill-emittent, mill-offerent, mill-persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat jew l-intermedjarji finanzjarji li jqiegħdu jew ibigħu t-titoli.";

(20) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta l-prospett ikollu x'jaqsam ma' offerta ta' titoli lill-pubbliku, l-investituri li jkunu diġà qablu li jixtru jew jissottoskrivu t-titoli qabel ma jiġi ppubblikat s-suppliment għandu jkollhom id-dritt, li jiġi eżerċitat fi żmien tlett ijiem ta' xogħol wara l-pubblikazzjoni tas-suppliment, li jirtiraw l-aċċettazzjonijiet tagħhom, dment li l-fattur il-ġdid sinifikanti, l-iżball materjali jew in-nuqqas ta' akkuratizza materjali msemmi fil-paragrafu 1 ikun seħħ jew ikun ġie nnotat qabel l-għeluq tal-perjodu tal-offerta jew it-twassil tat-titoli, skont liema minnhom iseħħ l-ewwel. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż mill-emittent jew mill-offerent. Id-data finali tad-dritt ta' rtirar għandha tiġi ddikjarata fis-suppliment.

Is-suppliment għandu jkun fih dikjarazzjoni prominenti dwar id-dritt ta' rtirar, li tiddikjara b'mod ċar dawn kollha li ġejjin:

(a) dritt ta' rtirar jingħata biss lil dawk l-investituri li kienu diġà qablu li jixtru jew jissottoskrivu t-titoli qabel ma ġie ppubblikat is-suppliment u meta t-titoli kienu għadhom ma ntbagħtux lill-investituri fil-ħin meta feġġ jew ġie nnotat il-fattur il-ġdid sinifikanti, l-iżball materjali jew in-nuqqas ta' akkuratizza materjali;

- (b) il-perjodu li matulu l-investituri jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' rtirar tagħhom;
 - (c) lil min l-investituri jistgħu jikkuntattjaw jekk ikunu jixtiequ jeżerċitaw id-dritt ta' rtirar.";
- (b) jitħassar il-paragrafu 2a;
- (c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-investituri jixtru jew jissottoskrivu titoli permezz ta' intermedjarju finanzjarju bejn iż-żmien meta jiġi approvat il-prospett għal dawk it-titoli u l-għeluq tal-perjodu tal-offerta inizjali, dak l-intermedjarju finanzjarju għandu:

- (a) jinforma lil dawk l-investituri dwar il-possibbiltà li jiġi ppubblikat suppliment, fejn u ***l-perjodu*** meta jiġi ppubblikat, inkluż fuq is-sit web tiegħu, u li, f'każ bħal dan, l-intermedjarju finanzjarju jgħinhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirtiraw l-aċċettazzjonijiet tagħhom;
- (b) jinforma lil dawk l-investituri bil-każijiet meat l-intermedjarju finanzjarju jikkuntattjahom, b'mezzi elettroniċi, skont it-tieni subparagrafu, sabiex jinnotifikahom li ġie ppubblikat suppliment u soġġett għall-qbil tagħhom li jiġu kkuntattjati b'mezzi elettroniċi;

- (c) joffri lil dawk l-investituri li jaqblu li jiġu kkuntattjati biss b'mezzi oħrajn għajr dawk elettroniċi, inklużjoni fakultattiva għal kuntatt elettroniku biss għall-fini li jirċievu n-notifika tal-pubblikazzjoni ta' suppliment;
- (d) iwissi lil dawk l-investituri li ma jaqblux li jiġu kkuntattjati b'mezzi elettroniċi u jirrifjutaw l-inklużjoni fakultattiva għal kuntatt elettroniku kif imsemmi fil-punt (c) sabiex jimmonitorjaw is-sit web tal-emittent jew tal-intermedjarju finanzjarju sabiex jivverifikaw jekk ikunx ġie ppubblikat suppliment.

Meta l-investituri msemmin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkollhom id-dritt ta' rtirar imsemmi fil-paragrafu 2, l-intermedjarju finanzjarju għandu jikkuntattja lil dawk l-investituri b'mezzi elettroniċi sa tmiem l-ewwel jum ta' xogħol ta' wara dak li fih jiġi ppubblikat is-suppliment.

Meta t-titoli jinxtrow jew jiġu sottoskritti direttament mill-emittent, dak l-emittent għandu jinforma lill-investituri bil-possibiltà li jiġi ppubblikat suppliment, *fejn u l-perjodu meta* jiġi ppubblikat u li, f'dak il-każ, huma jista' jkollhom dritt li jirtiraw l-aċċettazzjoni.”;

- (d) jitħassar il-paragrafu 3a;

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Suppliment għal prospett bażi m'għandux jintuża biex jiġi introdott tip ġdid ta' titolu li fir-rigward tiegħu l-informazzjoni neċessarja ma ġietx inkluża f'dak il-prospett bażi, ***ħlief jekk ma jkunx neċessarju li dan isir għal konformità mar-rekwiżiti ta' kapital skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali li tittrasponi d-dritt tal-Unjoni.***";

(f) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. L-ESMA għandha sa ... [***18-il xahar mid***-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] tiżviluppa linji gwida sabiex tispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom għandu jitqies supplement sabiex jiġi introdott tip ġdid ta' titolu li ma huwiex diġà deskritt f' prospett bażi.";

(21) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Meta ssir offerta ta' titoli lill-pubbliku jew titfittex ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat fl-Istat Membru ta' domiciliju biss, il-prospett għandu jitfassal jew b'lingwa aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiciliju jew b'lingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, skont l-għażla tal-emittent, tal-offerent jew tal-persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, Stat Membru jista' jagħżel in-nonparteċipazzjoni u jirrikjedi li l-prospett għal offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat li jkun imfittex biss f'dak l-Istat Membru jitfassal f'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru. F'każ bħal dan, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-ESMA b'dik id-deċiżjoni.

L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha lista tal-lingwi aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għal offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat li hija mfittxija biss fl-Istat Membru ta' domiciliju.

Is-sommarju msemmi fl-Artikolu 7 għandu jkun disponibbli bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru ta' domiċilju, jew tal-anqas b'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu, jew b'lingwa oħra aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Dik l-awtorità kompetenti ma għandhiex teħtieġ it-traduzzjoni ta' kwalunkwe parti oħra tal-prospett.

2. Meta ssir offerta ta' titoli lill-pubbliku jew titfittex ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-prospett għandu jitfassal jew b'lingwa aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istat Membru ta' domiċilju u ta' kull*** Stat Membru ***ospitanti*** jew b'lingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, skont l-għażla tal-emittent, tal-offerent jew tal-persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat.

Is-sommarju msemmi fl-Artikolu 7 għandu jkun disponibbli bil-lingwa uffiċjali ta' kull Stat Membru, jew tal-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta' kull Stat Membru, jew b'lingwa oħra aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru. L-Istati Membri ma għandhomx jeħtieġu t-traduzzjoni ta' kwalunkwe parti oħra tal-prospett.";

- (b) jitħassar il-paragrafu 3;
- (c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. It-termini finali għandhom jitfasslu bl-istess lingwa bħal-lingwa tal-prospett bażi approvat.

Is-sommarju tal-kwistjoni individwali għandu jkun disponibbli bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru ta' domiċilju, jew tal-anqas b'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu, jew b'lingwa oħra aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

Meta, f'konformità mal-Artikolu 25(4), it-termini finali jiġu kkomunikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jew, jekk ikun hemm aktar minn Stat Membru ospitanti wieħed, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti, is-sommarju tal-ħruġ individwali anness mat-termini finali għandu jkun disponibbli bil-lingwa uffiċjali jew tal-anqas b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti, jew b'lingwa oħra aċċettata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu.";

(22) l-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 29

Ekwivalenza

1. Emittent ta' pajjiż terz jista' *joffri titoli lill-pubbliku fl-Unjoni jew* ifittex ammissjoni għan-negozjar ta' titoli f'suq regolat stabbilit fl-Unjoni wara l-pubblikazzjoni minn qabel ta' prospett imfassal u approvat f'konformità mal-liġijiet nazzjonali ta' [] pajjiż terz [] (minn hawn 'il quddiem "prospett ta' pajjiż terz"), u li huwa soġġett għalihom, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4;
 - (b) l-emittent ta' pajjiż terz ikun iddepożita l-prospett għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu;
 - (c) l-emittent ta' pajjiż terz ikun ipprova konferma bil-miktub li l-prospett kien approvat minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz u jkun ipprova d-dettalji ta' kuntatt ta' dik l-awtorità;
 - (d) il-prospett jissodisfa r-rekwiżiti lingwistiċi stabbiliti fl-Artikolu 27;

- (e) ir-reklami rilevanti kollha mxerdin fl-Unjoni mill-emittent tal-pajjiż terz jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22(2) sa (5);
- (f) ***l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew, fejn rilevanti,*** l-ESMA, tkun ikkonkludiet arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-emittent ta' pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 30.



2. Meta, f'konformità mal-***paragrafu 1***, emittent ta' pajjiż terz joffri titoli lill-pubbliku jew ifittex ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' domiċilju, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 24, 25 u 27.
3. Meta jiġu ssodisfati l-kriterji kollha stabbiliti fil-***paragrafu 1***, l-emittent ta' pajjiż terz għandu jkollu d-drittijiet u jkun soġġett għall-obbligi kollha f'konformità ma' dan ir-Regolament taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2), li jiddetermina li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li prospett ta' pajjiż terz jikkonforma mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti msemmijin f'dan ir-Regolament, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) ir-rekwiżiti legalment vinkolanti tal-pajjiż terz jiżguraw li l-prospett ta' pajjiż terz ikun fih l-informazzjoni materjali neċessarja sabiex tippermetti lill-investituri jieħdu deċiżjoni informata dwar l-investiment b'mod ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (b) meta l-investituri individwali jitħallew jinvestu f'titoli li għalihom ikun tfassal prospett ta' pajjiż terz, dak il-prospett ikun fih sommarju li jipprovdi l-informazzjoni importanti li l-investituri individwali jkunu jeħtieġu sabiex jifhmu n-natura u r-riskji tal-emittent, tat-titoli u, meta applikabbli, tal-garanti, u li għandha tinqara flimkien mal-partijiet l-oħrajn ta' dak il-prospett;

- (c) il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-pajjiż terz dwar ir-responsabbiltà ċivili japplikaw għall-persuni responsabbli għall-informazzjoni mogħtija fil-prospett, inkluż tal-anqas għall-emittent jew għall-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tiegħu, għall-offerent, għall-persuna li tfitteq l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat u, meta applikabbli, għall-garanti;
- (d) ir-rekwiżiti legalment vinkolanti tal-pajjiż terz jispeċifikaw il-validità tal-prospett ta' pajjiż terz u l-obbligu li jissupplimenta l-prospett ta' pajjiż terz meta fattur ġdid sinifikanti, żball materjali jew nuqqas ta' akkuratezza materjali tal-informazzjoni inkluża f'dak il-prospett ikun jista' jaffettwa l-valutazzjoni tat-titoli, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-investituri sabiex jeżerċitaw id-drittijiet ta' rtirar tagħhom f'każ bħal dan;
- (e) il-qafas superviżorju tal-pajjiż terz għall-iskrutinju u għall-approvazzjoni ta' prospetti ta' pajjiżi terzi u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni ta' prospetti ta' pajjiżi terzi għandhom effett ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 20 u 21.

Il-Kummissjoni tista' tagħmel l-applikazzjoni ta' tali att ta' implimentazzjoni soġġetta għall-konformità effettiva u kontinwa minn pajjiż terz ma' kwalunkwe rekwiżit stabbilit f'dak l-att ta' implimentazzjoni.

5. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 44, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika ulterjorment *il-kundizzjonijiet* imsemmijin fil-paragrafu 4.";

(23) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-fini tal-Artikolu 29 u, fejn ikun meħtieġ, għall-fini tal-Artikolu 28, ***l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-EMSA, fuq it-talba ta' mill-inqas awtorità kompetenti waħda, għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni*** dwar l-iskambju ta' informazzjoni ***mal-awtoritajiet superviżorji f'pajjiżi terzi*** u l-infurzar tal-obbligi li jirriżultaw skont dan ir-Regolament fil-pajjiżi terzi. ***L-arranġamenti ta' kooperazzjoni ma għandhomx jiġu konklużi ma' pajjiż terz li, f'konformità ma' att delegat fis-seħħ adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, jinsab fil-lista ta' ġurisdizzjonijiet li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi nazzjonali tagħhom tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li huma ta' theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, jew li jkun elenkat fl-Anness I tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa.*** Dawn l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jiżguraw ***mill-inqas*** skambju effiċjenti ta' informazzjoni li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu d-dmirijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.

Qabel ma tikkonkludi arranġament ta' kooperazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, awtorità kompetenti għandha tinforma lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra b'dan.

²³ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).;"

:

2. ***Għall-finijiet tal-Artikolu 29 u, fejn ikun meħtieġ, għall-finijiet tal-Artikolu 28, l-ESMA għandha tiffaċilita u tikkoordina l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti ta' pajjiżi terzi. L-ESMA għandha wkoll, fejn ikun meħtieġ, tiffaċilita u tikkoordina l-iskambju bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi li tista' tkun rilevanti għall-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikoli 38 u 39.***
3. "L-arranġamenti ta' kooperazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' **l** awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi ***jistgħu jiġu konklużi biss*** meta l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 35. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun intenzjonat għat-twettiq tal-kompiti ta' ***dawk*** l-awtoritajiet kompetenti.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-kontenut minimu tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmijin fil-paragrafu 1 u d-dokument mudell li għandu jintuża għal arranġamenti ta' kooperazzjoni bħal dawn.";

(24) fl-Artikolu 38(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ksur tal-Artikolu 3, tal-Artikoli 5 u 6, tal-Artikolu 7(1) sa (11) u (12a), tal-Artikoli 8 sa 10, tal-Artikolu 11(1) u (3), tal-Artikolu 14a(1), tal-Artikolu 15a(1), tal-Artikolu 16(1), (2) u (3), tal-Artikoli 17 u 18, tal-Artikolu 19(1) sa (3), tal-Artikolu 20(1), tal-Artikolu 21(1) sa (4) u (7) sa (11), tal-Artikolu 22(2) sa (5), tal-Artikolu 23 (1), (2), (3), (4a) u (5), u tal-Artikolu 27;"

(25) fl-Artikolu 40, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 20, għandu japplika wkoll dritt ta' appell meta l-awtorità kompetenti la tkun ħadet deċiżjoni li tapprova jew tirrifjuta applikazzjoni għall-approvazzjoni u lanqas ma tkun għamlet xi talba għal bidliet jew għal informazzjoni supplimentari fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 20(2), (3), (6) u (6a) fir-rigward ta' dik l-applikazzjoni.";

(26) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 1(7), l-Artikolu 9(14), l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu **14a(8)**, **l-Artikolu 15a(8)**, **l-Artikolu** 16(5), l-Artikolu 20(11), l-Artikolu **29(5)** u l-Artikolu 30(4) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-20 ta' Lulju 2017.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 1(7), l-Artikolu 9(14), l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu **14a(8)**, **l-Artikolu 15a(8)**, **l-Artikolu** 16(5), l-Artikolu 20(11), l-Artikolu **29(5)** u l-Artikolu 30(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(7), l-Artikolu 9(14), l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu **14a(8)**, **l-Artikolu 15a(8)**, **l-Artikolu 16(5)**, l-Artikolu 20(11), l-Artikolu **29(5)** u l-Artikolu 30(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma humiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(27) l-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) it-tipi ta' emittenti, b'mod partikolari l-kategoriji ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 15a(1), il-punti (a) sa (d);";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) analiżi tal-punt sa fejn ir-reġimi ta' żvelar stabbiliti fl-Artikoli 14a u 15a, u fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali msemmi fl-Artikolu 9 qegħdin jintużaw fl-Unjoni kollha;"

(c) jiżdied il-paragrafu ■ li ġej:

"3. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 l-ESMA għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) analiżi tal-punt sa fejn jintużaw l-eżenzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(4), l-ewwel subparagrafu, **il-punti (da) u (db)**, u fl-Artikolu 1(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (ba) madwar l-Unjoni, inkluż statistika dwar id-dokumenti msemmijin f'dawk l-Artikoli li jkunu ġew iddepożitati għand l-awtoritajiet kompetenti;
- (b) statistika dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni universali msemmijin fl-Artikolu 9 li tkun ġiet iddepożitata għand l-awtoritajiet kompetenti.";

(28) jitħassar l-Artikolu 47a;

(29) fl-Artikolu 48, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "1. Sal-31 ta' Diċembru ... [*erba'* snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva.
2. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta', fost affarijiet oħra, jekk is-sommarju tal-prospett, ir-reġimi ta' żvelar stipulati fl-Artikoli 14a u 15a, id-dokument tar-reġistrazzjoni universali msemmi fl-Artikolu 9 *u l-qafas għall-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett imsemmi fl-Artikolu 20* ikunux għadhom xierqa fid-dawl tal-objettivi tagħhom. Ir-rapport għandu jkun fih dan kollu li ġej:
 - (a) l-għadd ta' *Prospetti*-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir ta' persuni f'kull waħda mill-kategoriji msemmijin fl-Artikolu 15a(1), il-punti (a) sa (d), u analiżi tal-evoluzzjoni ta' kull għadd bħal dan u tax-xejriet fl-għażla taċ-ċentri tan-negozjar mill-persuni intitolati li jużaw il-*Prospetti* tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir;

- (b) analiżi dwar jekk il-**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir jilħaqx il-bilanċ it-tajjeb bejn il-protezzjoni tal-investituri u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-persuni intitolati li jużawh;
- (c) l-għadd ta' Prospetti ta' Segwitu tal-UE approvati u analiżi tal-evoluzzjoni tat-tali għadd;
- (d) analiżi dwar jekk il-Prospett ta' Segwitu tal-UE jilħaqx il-bilanċ it-tajjeb bejn il-protezzjoni tal-investituri u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-persuni intitolati li jużawh;
- (e) il-kost tat-tħejjija u tal-approvazzjoni ta' Prospett ta' Segwitu tal-UE u ta' **Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir meta mqabblin mal-kostijiet kurrenti għat-tħejjija u għall-approvazzjoni ta' prospett standard, flimkien ma' indikazzjoni tal-iffrankar finanzjarju ġenerali miksub u ta' liema kostijiet jistgħu jitnaqqsu aktar kemm għall-Prospett ta' Segwitu tal-UE kif ukoll għall-**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir;
- (f) analiżi dwar jekk id-dokument stabbilit fl-Anness IX jilħaqx il-bilanċ it-tajjeb bejn il-protezzjoni tal-investituri u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-persuni intitolati li jużawh.

- (g) analiżi ta' jekk il-proċeduri ta' skrutinju u approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-Artikolu 20 u mal-atti delegati adottati abbażi ta' dak l-Artikolu, jiżgurawx livell xieraq ta' konverġenza superviżorja fl-Unjoni kollha u jibqgħux xierqa fid-dawl tal-objettivi segwiti tagħhom; tali analiżi għandha tkun ibbażata fuq rapport ipprovdut mill-ESMA mhux aktar tard minn sena qabel id-data tar-rapport ta' rieżami mill-Kummissjoni;*
- (h) analiżi ta' jekk il-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrikjedu żvelar nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 3(2d) twassalx għall-konverġenza tar-rekwiżit ta' żvelar nazzjonali taħt il-limitu ta' eżenzjoni rilevanti stabbilit fl-Artikolu 3(2) jew 3(2a) u jekk dak l-iżvelar nazzjonali jikkostitwixxix ostaklu għall-offerta ta' titoli lill-pubbliku f'dawk l-Istati Membri.*

2a. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li janalizza l-kwistjoni tar-responsabbiltà għall-informazzjoni mogħtija fi prospett, li jivvaluta jekk tistax tkun iġġustifikata aktar armonizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-prospett fl-Unjoni u, jekk rilevanti, li jipproponi emendi għad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà stabbiliti fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.";

(30) jizzied l-Artikolu ■ li ġej:

"Artikolu 48a

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1.

Prospetti approvati sa ... [18-il xahar nieqes jum wieħed mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom ikomplu jiġu rregolati sa tmiem il-validità tagħhom mill-verżjoni ta' dan ir-Regolament fis-seħħ fil-jum tal-approvazzjoni tagħhom.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-prospetti approvati f'konformità mal-Artikolu 14 sa ... *[15-il xahar nieqes jum wieħed mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom ikomplu jiġu rregolati minn dak l-Artikolu sa tmiem il-validità tagħhom.*

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-prospetti approvati f'konformità mal-Artikolu 15 sa ... *[15-il xahar nieqes jum wieħed mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom ikomplu jiġu rregolati minn **dak l-Artikolu** sa tmiem il-validità tagħhom."*

(31) L-Annessi I sa V u Va huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 596/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) *fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:*

"(35a) "internalizzatur sistematiku" ifisser internalizzatur sistematiku kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (20), tad-Direttiva 2014/65/UE.";

(2) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) in-negozjar ikun irrapportat bħala parti mill-programm ta' riakkwist lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar skont il-paragrafu 3 u wara dan jiġi żvelat lill-pubbliku f'forma aggregata;"

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, l-emittent għandu jirrapporta t-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-programm ta' riakkwist lill-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. L-awtorità kompetenti riċeventi għandha, fuq talba, tgħaddi l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar li fih l-ishma jkunu ġew ammessi għan-negozju u jiġu nnegozjati.";

(3) fl-Artikolu 7(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) informazzjoni mgħoddija minn klijent jew minn persuni oħrajn li jaġixxu f'isem il-klijent jew informazzjoni magħrufa bis-saħħa tal-ġestjoni ta' kont proprjetarju jew ta' fond ġestit u relatata ma' ordnijiet pendenti fi strumenti finanzjarji, li hija ta' natura preċiża, relatata, direttament jew indirettament, ma' emittent wieħed jew aktar jew ma' strument finanzjarju wieħed jew aktar, u li, jekk issir pubblika, x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' dawk l-istrumenti finanzjarji, fuq il-prezz ta' kuntratti spot relatati mal-komoditajiet, jew fuq il-prezz ta' strumenti finanzjarji ta' derivati relatati.";

(4) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'din li ġejja:

"1. Sondaġġ tas-suq jikkonsisti fil-komunikazzjoni ta' informazzjoni, qabel titħabbar tranżazzjoni, jekk ikun hemm, sabiex jitkejjel l-interess ta' investituri potenzjali fi tranżazzjoni possibbli u l-kundizzjonijiet marbuta magħha bħad-daqs jew il-prezz potenzjali tagħha, lil investitur potenzjali wieħed jew aktar minn:";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jitqies li jkun żvela informazzjoni privileġġata matul sondaġġ tas-suq fl-eżerċizzju normali tal-impjeg, il-professjoni jew id-dmirijiet ta' persuna għall-finijiet tal-Artikolu 10(1) meta dak il-parteċipant fis-suq jagħżel li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikun kiseb il-kunsens tal-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq biex tirċievi informazzjoni privileġġata;
- (b) ikun informa lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq li dik il-persuna hija projbita milli tuża dik l-informazzjoni, jew tipprova tuża dik l-informazzjoni, billi takkwista jew iċċedi, għall-kont ta' dik il-persuna stess jew għall-kont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji relatati ma' dik l-informazzjoni;
- (c) ikun informa lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq li dik il-persuna hija projbita milli tuża dik l-informazzjoni, jew tipprova tuża dik l-informazzjoni, billi tikkanċella jew temenda ordni li diġà tqiegħdet dwar strument finanzjarju li l-informazzjoni hija relatata miegħu;

- (d) ikun informa lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq li billi taqbel li tirċievi l-informazzjoni dik il-persuna tkun obbligata li żżomm l-informazzjoni kunfidenzjali;
- (e) ikun għamel u żamm rekord tal-informazzjoni kollha mogħtija lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq, inkluż l-informazzjoni mogħtija skont il-punti (a) sa (d), u l-identità tal-investituri potenzjali li lilhom għet żvelata l-informazzjoni, inkluż imma mhux biss il-persuni ġuridiċi u l-persuni fiżiċi li jaġixxu f'isem l-investitur potenzjali, u d-data u l-ħin ta' kull żvelar;
- (f) ikun ipprova dak ir-rekord lill-awtorità kompetenti fuq talba.";

(c) jitħassar il-paragrafu 5;

(d) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Meta l-informazzjoni li tkun għet żvelata matul sondaġġ tas-suq ■ ma tibqax iżjed informazzjoni privileġġata skont il-valutazzjoni tal-parteċipant fis-suq li jiżvela, l-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jinforma lil min jirċievi b'dan, malajr kemm jista' jkun. Dak l-obbligu ma għandux japplika f'każijiet li fihom l-informazzjoni tkun tħabbret pubblikament mod ieħor.

Il-parteċipant fis-suq li jiżvela l-informazzjoni għandu jżomm rekord tal-informazzjoni mogħtija f'konformità ma' dan il-paragrafu u għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti fuq talba.

7. Minkejja dan l-Artikolu, il-persuni li jirċievu s-sondaġġ tas-suq għandhom jivvalutaw għalihom infushom jekk għandhomx fil-pussess tagħhom informazzjoni privileġġata.";

(5) fl-Artikolu 13(12), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-operatur tas-suq jew id-ditta tal-investment li topera s-suq ta' tkabbir tal-SMEs tirrikonoxxi bil-miktub lill-emittent li hija rċeviet kopja tal-kuntratt ta' likwidità.";

(6) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Emittent għandu jinforma lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun dwar informazzjoni privileġġata li tikkonċerna direttament lil dak l-emittent. Dak ir-rekwiżit m'għandux japplika għal **informazzjoni privileġġata relatata ma' passi intermedji** fi proċess fit-tul kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) u (3) fejn daww il-passi huma konnessi mal-fatt li jwasslu għal **ċirkostanzi partikolari jew avveniment partikolari**, jew jirriżultaw fihom. **Fi proċess fit-tul**, iċ-ċirkostanzi finali jew **l-avveniment finali biss ikunu meħtieġa jiġu żvelati malajr kemm jista' jkun wara li jkunu seħħew.**"; ■

(b) jiddaħħal il-*paragrafu* li ġej:

"1a. *Emittent* għandu *jiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tissodisfa l-kriterji ta'* informazzjoni *privileġġata kif imsemmi fl-Artikolu 7 sa dak iż-żmien li dik l-informazzjoni tiġi żvelata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jista', taħt ir-responsabbiltà proprja tiegħu, jittardja l-iżvelar lill-pubbliku ta' informazzjoni privileġġata dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iżvelar immedjat x'aktarx jippreġudika l-interessi leġittimi tal-emittent jew tal-parteeipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

(b) l-informazzjoni privileġġata li l-emittent *jew il-parteeipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet* biħsiebu jittardja *ma tkunx f'kuntrast mal-aħħar avviż pubbliku jew tip ieħor ta' komunikazzjoni mill-emittent jew il-parteeipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet dwar l-istess kwistjoni li għaliha tirreferi l-informazzjoni privileġġata;*

(c) l-emittent jew il-parteeipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet ikun jista' jiżgura l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni.

Jekk emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet **ikun ittardja** l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata skont dan il-paragrafu, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti speċifikata **taħt** il-paragrafu 3 **li l-iżvelar tal-informazzjoni kien ittardjat** u għandu jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub dwar kif ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu, immedjatament wara li **l-informazzjoni tiġi żvelata lill-pubbliku. Alternattivament, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li rekord ta' tali spjegazzjoni jista' jiġi ppreżentat biss fuq talba tal-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3.**

B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, emittent li l-istrumenti finanzjarji tiegħu jkunu ammessi għall-kummerċ biss f'suq ta' tkabbir tal-SMEs, għandu jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti speċifikata skont il-paragrafu 3 biss fuq talba. Sakemm l-emittent ikun jista' jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu għal dewmien, l-emittent m'għandux ikun mitlub iżomm rekord ta' dik l-ispjegazzjoni.

- 4a. In-nuqqas ta' żvelar minn emittent ta' informazzjoni privileġġata relatata ma' passi intermedji fi proċessi mtawla, f'konformità mal-paragrafu 1, mhuwiex soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4.";**

(d) fil-paragrafu 5, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'din li ġejja:
"5. Emittent li huwa istituzzjoni tal-kreditu jew istituzzjoni finanzjarja jew emittent li huwa impriża omm ta' istituzzjoni b'hal din, jista', taħt ir-responsabbiltà proprja tiegħu, jittardja l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata, inkluż, iżda mhux biss, informazzjoni li hija relatata ma' problema temporanja ta' likwidità u, b'mod partikolari l-bżonn li jirċievi assistenza temporanja għal-likwidità minn bank ċentrali jew minn mutwanti tal-aħħar istanza, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:";

(e) ■ il-paragrafu 7 ■ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Meta l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata jiġi ittardjat skont il-paragrafu 4 jew 5, jew fejn informazzjoni privileġġata relatata ma' passi intermedji fi proċess fit-tul ma tkunx ġiet żvelata f'konformità mal-Artikolu 17(1), u l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni privileġġata ma tkunx aktar żgurata, l-emittent jew il-parteciġipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiżvela dik l-informazzjoni privileġġata lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun.

Dan il-paragrafu jinkludi sitwazzjonijiet fejn għajdut ikun jirrigwarda b'mod espliċitu informazzjoni privileġġata li l-iżvelar tagħha ma jkunx ġie ttardjat skont il-paragrafu 4 jew 5, ***jew informazzjoni privileġġata relatata ma' passi intermedji fi proċess imtawwal f'konformità mal-paragrafu 1***, meta dak l-għajdut ikun preċiż biżżejjed ■ biex jindika li l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni ma tkunx aktar żgurata. ■

(f) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. L-ESMA għandha toħroġ linji gwida sabiex tistabbilixxi lista indikattiva mhux eżawrjenti tal-interessi leġittimi tal-emittenti, kif imsemmi ***fil-paragrafu 4*** l-ewwel subparagrafu, il-punt (a).

12. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex tistabbilixxi u tirrieżamina, fejn meħtieġ lista mhux eżawrjenti ta' dan li ġej:

(a) avvenimenti finali fi proċessi mtawla u, għal kull avveniment, il-mument meta jitqies li seħħ u għandhom jiġu żvelati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni privileġġata li l-emittent jew il-parteciġipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet biħsiebu jittardja tkun f'kuntrast mal-aħħar avviż pubbliku jew tip ieħor ta' komunikazzjoni mill-emittent jew il-parteciġipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet dwar l-istess kwistjoni li għaliha tirreferi l-informazzjoni privileġġata, kif imsemmi fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu."

(7) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) *il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:*

(i) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u fejn ġustifikat minn tħassib speċifiku dwar l-integrità tas-suq nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu lill-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq ta' tkabbir tal-SMEs biex jinkludu fil-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata tagħhom il-persuni kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a).";

(ii) jitħassru r-raba', il-ħames u s-sitt subparagrafi.

(b) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. L-ESMA għandha tirrieżamina l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-format anqas impenjattiv tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata għall-emittenti ammessi għan-negozju fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs sabiex testendi l-użu ta' tali format għal-listi kollha ta' persuni b'informazzjoni privileġġata msemmijin fil-paragrafi 1 u 6, l-ewwel u t-tieni subparagrafi.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(8) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 8 u 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"8. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe tranżazzjoni sussegwenti ladarba jkun intlaħaq ammont totali ta' EUR 20 000 f'sena kalendarja. Dak il-livell limitu għandu jiġi kkalkolat billi jingħaddu, mingħajr netting, it-tranżazzjonijiet kollha msemmijin fil-paragrafu 1.

9. Awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li żżid il-livell limitu stabbilit fil-paragrafu 8 għal EUR 50 000 **jew li tnaqqsu għal EUR 10 000** u għandha tinforma lill-ESMA bid-deċiżjoni tagħha u bil-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni tagħha, b'referenza speċifika għall-kundizzjonijiet tas-suq, li tadotta livell limitu oġġla **jew iktar baxx**qabel l-applikazzjoni tiegħu. L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' livelli limitu li japplikaw f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet kompetenti għal tali livelli limitu.";

(b) il-paragrafu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14 u 15, emittent jista' jħalli persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali fi ħdanu tinnegozja jew tagħmel tranżazzjonijiet għall-kont tagħha stess jew għall-kont ta' parti terza matul perjodu magħluq kif imsemmi fil-paragrafu 11:

- (a) skont il-każ minħabba l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal diffikultajiet finanzjarji kbar, li jirrikjedu l-bejgħ immedjat ta' ishma ***jew ta' strumenti finanzjarji oħra li mhumiex ishma***; jew
- (b) minħabba l-karatteristiċi tal-kummerċ involut għal tranżazzjonijiet magħmulin taħt, jew relatati ma', skema ta' ishma jew ta' tfaddil għall-impjegati u skemi tal-impjegati li jikkonċernaw strumenti finanzjarji għajr ishma, kwalifika jew intitolament ta' ishma u kwalifiki jew intitolamenti ta' strumenti finanzjarji għajr ishma, jew tranżazzjonijiet li fihom ma jinbidilx l-interess benefiċjarju fit-titolu rilevanti; █

12a. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14 u 15, emittent għandu jippermetti li persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali fi ħdanha tinnegozja jew tagħmel tranżazzjonijiet għall-kont tagħha jew għall-kont ta' parti terza matul perjodu magħluq kif imsemmi fil-paragrafu 11, f'każ ta' tranżazzjonijiet jew attivitajiet kummerċjali li mhumiex relatati ma' deċiżjonijiet ta' investiment attiv meħuda mill-persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali, jew li jirriżultaw esklużivament minn fatturi esterni jew azzjonijiet ta' partijiet terzi, jew huma tranżazzjonijiet jew attivitajiet kummerċjali, inkluż l-eżerċizzju ta' derivattivi, abbażi ta' termini predeterminati."

- (9) fl-Artikolu 23(2), il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(g) li jitolbu reġistrazzjonijiet eżistenti ta' konverżazzjonijiet bit-telefown, komunikazzjonijiet elettroniċi jew rekords tat-traffiku tad-data miżmumin minn kumpaniji tal-investment, minn istituzzjonijiet tal-kreditu jew minn istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll minn amministraturi ta' parametri referenzjarji jew minn kontributori taħt superviżjoni;"
- (10) l-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:
- (a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
- "1a. L-ESMA, *fuq talba ta' mill-inqas awtorità kompetenti waħda*, għandha tiffaċilita u tikkoordina l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji fi Stati Membri oħrajn u f'pajjiżi terzi. Meta tkun ġustifikata mill-karattru tal-każ, u fuq talba tal-awtorità kompetenti, l-ESMA għandha tikkontribwixxi għall-investigazzjoni tal-każ mill-awtorità kompetenti."
- (11) jiddaħħlu l-Artikoli ■ li ġejjin:
- "Artikolu 25a
- Mekkaniżmu għal skambju ta' data ■ dwar l-ordnijiet

1. L-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw iċ-ċentri tan-negozjar b'dimensjoni transfruntiera sinifikanti għandhom, sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jistabilixxu mekkaniżmu li jippermetti l-iskambju kontinwu u f'waqtu tad-**data tal-ordnijiet dwar l-istrumenti finanzjarji** msemija fil-paragrafu 4, **il-punt (a)**, u miġbura minn dawk iċ-ċentri tan-negozjar f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tal-istrumenti **finanzjarji** nneozjati f'dak is-suq. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddelegaw l-istabbiliment tal-mekkaniżmu lill-ESMA.

Meta awtorità kompetenti tissottometti talba għad-data skont il-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti rikjesta għandha **titlob** dik id-data **miċ-ċentru tan-negozjar rilevanti** fil-ħin u mhux aktar tard minn **erbat ijiem ta' xogħol** mid-data tat-talba. Id-data **mitluba għandha tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti li tkun ippreżentat l-ewwel talba malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-iskadenza determinata fil-paragrafu 4, il-punt (c)**.

L-iskambju kontinwu u f'waqtu tad-data dwar l-ordnijiet dwar l-istrumenti finanzjarji msemija fil-paragrafu 4, il-punti (b) u (c) għandu jsir operazzjonali permezz ta' dan il-mekkaniżmu sa ... [42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

2. *Iċ-ċentru tan-negozjar rilevanti għandu jistabbilixxi u jżomm arranġamenti, sistemi u proċeduri xierqa li jippermettu l-iskambju kontinwu u f'waqtu tad-data dwar l-ordnijiet sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].*
3. *It-talba għal data kontinwa minn awtorità kompetenti tista' tiġi sottomessa għal sett speċifiku ta' strumenti finanzjarji.*
4. Awtorità kompetenti tista' tikseb data dwar l-ordnijiet li toriġina minn ċentru tan-negozjar li jkollu dimensjoni transfruntiera *sinifikanti* meta dik l-awtorità kompetenti tkun l-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 *u dik id-data tista' tkun rilevanti għall-attivitajiet superviżorji ta' din l-awtorità* għall-istrumenti finanzjarji li ġejjin:
 - (a) ishma;
 - (b) bonds;
 - (c) futuri.

5. Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-awtorità kompetenti tiegħu tipparteċipa fil-mekkaniżmu stabbilit skont il-paragrafu 1 anki jekk l-ebda wieħed miċ-ċentri tan-negozjar taħt is-superviżjoni ta' tali awtorità kompetenti ma jkollu dimensjoni transfruntiera sinifikanti. Deċiżjoni bħal din għandha tiġi kkomunikata lill-ESMA li għandha tagħmilha pubblika fuq is-sit web tagħha.

Fejn Stat Membru jieħu deċiżjoni skont l-ewwel subparagrafu, dak l-Istat Membru u l-awtorità kompetenti tiegħu għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

6. *L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji:*

- (a) biex jiġi speċifikat il-mekkaniżmu xieraq għall-iskambju ta' data dwar l-ordnijiet. B'mod partikolari, l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti operazzjonali sabiex jiżguraw it-trażmissjoni mingħajr xkiel tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti;
- (b) *biex jiġu ddeterminati l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri xierqa għaċ-ċentri tan-negozjar biex jikkonformaw mar-rekwiżit fil-paragrafi 1, it-tielet subparagrafu; u*

(c) biex jiġi ddeterminat il-format u l-iskadenza għall-forniment mingħajr dewmien tad-data mitluba fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [disa' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-**Artikolu 15** tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Il-Kummissjoni **għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35** sabiex tistabbilixxi lista ta' ċentri tan-negozjar deżinjati li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq, billi tqis, **għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji, ■ tal-anqas dawn li ġejjin:**

(a) il-volum tan-negozjar fiċ-ċentru tan-negozjar; u

(b) il-volum tan-negozjar f'dak iċ-ċentru tan-negozjar fi strumenti finanzjarji li għalihom l-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 huwa differenti mill-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar.

Fir-rigward tal-ishma, il-kriterju msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandu jitkejjel bħala fatturat f'ishma aggregati fil-livell ta'ċentru tan-negozjar, u ma għandux ikun inqas minn EUR 100 biljun fis-sena fi kwalunkwe waħda mill-aħħar erba' snin. Il-kriterju msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandu jiġi definit bħala l-proporzjon bejn il-fatturat f'ishma li għalihom l-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tkun differenti mill-awtorità kompetenti ta'ċentru tan-negozjar u l-fatturat totali fl-ishma kollha nnegozjati f'dak iċ'ċentru f'sena. Dan il-proporzjon ma għandux ikun inqas minn 50 %.

8. *Sa... [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-mekkaniżmu.*

Dak ir-rapport għandu jkopri mill-inqas dan li ġej:

- (a) deskrizzjoni tal-isfidi tekniċi ffaċċjati miċ-ċentri tan-negozjar, l-awtoritajiet kompetenti, u l-ESMA matul l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu għall-ishma;*
- (b) il-kostijiet imġarrba mill-awtoritajiet kompetenti u mill-ESMA fl-istabbiliment tal-mekkaniżmu għall-ishma.*

(c) il-funzjonament tal-livelli limitu msemmija fil-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu.

Ir-rapport għandu jinkludi analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji assoċjata mal-iżvilupp futur tal-mekkaniżmu fir-rigward tal-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti finanzjarji rilevanti possibbli, inkluż dawk imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c). Ir-rapport għandu jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għall-istrumenti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 2, filwaqt li jitqiesu l-valur miżjud, l-isfidi tekniċi u l-kostijiet mistennija.

9. Il-Kummissjoni **għandha** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35 biex temenda l-paragrafu 4 u 7 billi taġġorna l-lista ta' **ċentri tan-negozjar deżinjati b'dimensjoni transfruntiera sinifikanti** u l-istrumenti finanzjarji, u temenda t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 biex tiġi posposta l-estensjoni tal-mekkaniżmu għal **bonds u futuri**, filwaqt li jittieħed kont **tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 8**, l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji u l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex tiġi pproċessata d-data dwar dawk l-istrumenti finanzjarji.

Artikolu 25b

Pjattaformi ta' kollaborazzjoni

1. Fil-każ ta' tħassib *serju* dwar l-integrità tas-swieq jew il-funzjonament *ordnat* tas-swieq, l-ESMA tista' ■ tistabbilixxi u tikkoordina pjattaforma ta' kollaborazzjoni fuq talba ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, fuq talba tal-ESMA l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja kollha fil-ħin.
3. Meta żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni ma jaqblux dwar il-proċedura jew il-kontenut ta' azzjoni li għandha tittieħed, jew nuqqas ta' azzjoni, l-ESMA, fuq talba ta' kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti ■, tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jilhq u qbil f'konformità mal-Artikolu 19(1), *l-ewwel subparagrafu* tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA tista' wkoll, *fuq talba ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar*, tikkoordina spezzjonijiet fuq il-post. ■ L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini kif ukoll awtoritajiet kompetenti rilevanti oħrajn tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni *jistgħu jistiednu lill-ESMA* biex tipparteċipa fi spezzjonijiet fuq il-post bħal dawn.

L-ESMA tista' tistabbilixxi wkoll, *fuq it-talba ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar*, pjattaforma ta' kollaborazzjoni b'mod konġunt mal-ACER u mal-korpi pubbliċi li jimmonitorjaw is-swieq tal-komoditajiet bl-ingrossa meta t-tħassib dwar l-integrità tas-suq u l-funzjonament *ordnat* tas-swieq jaffettwa kemm is-swieq finanzjarji kif ukoll dawk spot.";

(12) jitħassar l-Artikolu 28

(13) l-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 29

L-iżvelar ta' data personali lil pajjiżi terzi

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jittrasferixxu data personali lil pajjiżi terzi dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ u fuq bażi ta' każ b'każ biss. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li dan it-trasferiment ikun neċessarju għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u li l-pajjiżi terzi ma jittrasferixxix data lejn pajjiżi terzi ieħor sakemm ma jingħatax awtorizzazzjoni espressa bil-miktub biex jagħmel dan u jikkonforma mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jiżvelaw biss data personali riċevuta minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor lil awtorità superviżorja ta' pajjiżi terzi meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tkun kisbet qbil espliċitu mill-awtorità kompetenti li tkun ittrażmettiet id-data u, meta applikabbli, dment li d-data tiġi żvelata biss għall-finijiet li għalihom dik l-awtorità kompetenti tkun tat il-qbil tagħha.";

²⁴ ***Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1)."***

(14) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (e) sa (g) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) projbizzjoni temporanja ta' persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali f'ditta tal-investment jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li tinżamm responsabbli għall-ksur, milli teżerċita funzjonijiet maniġerjali f'ditti tal-investment kif ukoll amministraturi ta' parametri referenzjarji jew kontributori taħt superviżjoni;

(f) fil-każ ta' ksur ripetut tal-Artikolu 14 jew 15, ***projbizzjoni ta' mill-inqas għaxar snin*** ta' kwalunkwe persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali f'ditta tal-investment jew kwalunkwe persuna fiżika oħra li tinżamm responsabbli għall-ksur, milli teżerċita funzjonijiet maniġerjali f'ditti tal-investment kif ukoll amministraturi ta' parametri referenzjarji jew kontributori taħt superviżjoni;

(g) projbizzjoni temporanja ta' persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali f'ditta tal-investment jew persuna fiżika oħra li tinżamm responsabbli għall-ksur, milli tinnegozja f'isimha stess kif ukoll amministraturi ta' parametri referenzjarji jew kontributori taħt superviżjoni;"

(ii) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, sanzjonijiet pekunarji amministrattivi massimi ta' mhux anqas minn:

- (i) għall-ksur tal-Artikoli 14 u 15, 15 % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali jew EUR 15 000 000 jew, fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014;
- (ii) għall-ksur tal-Artikolu 16, 2 % tal-fatturat annwali totali tagħha skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, jew EUR 2 500 000 jew, fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014;

- (iii) għall-ksur tal-Artikolu 17, 2 % tal-fatturat annwali totali tagħha skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali. *Meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-ammont għas-sanzjoni amministrattiva bbażat fuq il-fatturat annwali totali jkun sproporzjonatament baxx fir-rigward ta' ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 31(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f), (g) u (h), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali awtoritajiet jistgħu jimponu sanzjonijiet amministrattivi ta' mill-inqas EUR 2 500 000. Fejn il-persuna ġuridika tkun SME, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw li tali awtoritajiet jistgħu b'mod alternattiv jimponu sanzjonijiet amministrattivi ta' mill-inqas EUR 1 000 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, il-valuri korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014;*

- (iv) għall-ksur tal-Artikoli 18 u 19, 0,8 % tal-fatturat annwali totali tagħha skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali. ***Meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-ammont għas-sanzjoni amministrattiva bbażat fuq il-fatturat annwali totali jkun sproportjonatament baxx fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 31(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f), (g) u (h), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali awtoritajiet jistgħu jimponu sanzjonijiet amministrattivi ta' mill-inqas EUR 1 000 000. Fejn il-persuna ġuridika tkun SME, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw li tali awtoritajiet jistgħu b'mod alternattiv jimponu sanzjonijiet amministrattivi ta' mill-inqas EUR 400 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, il-valuri korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014;***
- (v) għall-ksur tal-Artikolu 20, 0,8 % tal-fatturat annwali totali tagħha skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, jew EUR 1 000 000 jew, fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valuri korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014.";

(iii) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej: "Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (j), meta l-persuna ġuridika tkun impriża prinċipali jew sussidjarja ta' impriża li tkun meħtieġa tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat rilevanti annwali totali għandu jkun il-fatturat totali annwali jew it-tip korrispondenti ta' introjtu skont id-Direttivi rilevanti dwar il-kontabilità – id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE** għall-banek u d-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE*** għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni – skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali ewlenija. ";*

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

*"4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "intrapriża żgħira u ta' daqs medju" jew "SME" tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE****.*

* Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

** Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

*** Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36) [Mhux disponibbli bil-Maltij].";(15) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġu biex jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti jieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, sabiex japplikaw sanzjonijiet proporzjonati, inkluż, meta jkun xieraq:

- (a) il-gravità u d-durata tal-ksur;
- (b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli għall-ksur;

- (c) is-solidità finanzjarja tal-persuna responsabbli għall-ksur, kif indikat, pereżempju, mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika jew mill-introjtu personali annwali ta' persuna fiżika;
- (d) l-importanza tal-profitti miksubin jew tat-telf evitat mill-persuna responsabbli għall-ksur, sakemm dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati;
- (e) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata r-restituzzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;
- (f) il-ksur preċedenti mill-persuna responsabbli għall-ksur;
- (g) il-miżuri meħudin mill-persuna responsabbli għall-ksur sabiex tiġi evitata r-ripetizzjoni tiegħu; u
- (h) ***l-iżvantaġġ għall-persuna responsabbli għall-ksur li jirriżulta mid-duplikazzjoni ta' proċedimenti kriminali u amministrattivi u penali għall-istess imġiba.***”;

(16) l-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(5) u (6), fl-Artikolu 12(5), fl-Artikolu 17(2), it-tielet subparagrafu, fl-Artikolu 17(3), fl-Artikolu 17(12), fl-Artikolu 19(13) u (14), fl-Artikolu **25a(7) u (9)** u fl-Artikolu 38 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... *fid-data tad*-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(5) u (6), fl-Artikolu 12(5), fl-Artikolu 17(2), it-tielet subparagrafu, fl-Artikolu 17(3), fl-Artikolu 17(12), fl-Artikolu 19(13) u (14), fl-Artikolu **25a (7) u (9)** u fl-Artikolu 38, tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ."

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(5) jew (6), l-Artikolu 12(5), l-Artikolu **17(2)**, **it-tielet** subparagrafu, l-Artikolu **17(3)**, l-Artikolu **17(12)**, l-Artikolu 19(13) jew (14), l-Artikolu 25a(7) **u (9)** jew l-Artikolu 38, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma humiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(17) ***l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:***

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rapporti";

(b) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Sa ... [erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' proposta leġiżlattiva sabiex temendah, jekk ikun xieraq. Dak ir-rapport għandu jivvaluta, fost l-oħrajn:"

(ii) *il-punti (c) u (d) huma* sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) jekk id-dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni privileġġata relatata ma' passi intermedji fi proċess imtawwal fl-Artikolu 17(1) toħloqx bilanċ adegwat bejn it-tnaqqis tal-piż għall-emittenti u li tippermetti lill-investituri jieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-investment; u

(d) il-proporzjonalità tal-ammonti assoluti, kif espressa fl-Artikolu 30(2), il-punti (j)(iii) u (iv), u l-adegwatezza tagħhom fir-rigward tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju."

(iii) *jitħassar il-punt (e);*

(c) *wara t-tieni subparagrafu, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:*

"Sa ... [seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' sorveljanza tad-data dwar l-ordnijiet bejn is-swieq, l-impatt tiegħu fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jiżguraw superviżjoni effettiva, kif jinfurzaw tali mekkaniżmu, u l-merti tal-inklużjoni potenzjali tal-internalizzaturi sistematiki fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu;"

(d) *it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Sa ... [erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-ESMA, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-livell tal-limiti stipulati fl-Artikolu 19(1a), il-punti (a) u (b), fir-rigward ta' tranżazzjonijiet tal-manigġers fejn l-ishma tal-emittent jew l-istrumenti ta' dejn jiffurmaw parti minn imprezza ta' investiment kollettiv jew jipprovdu espożizzjoni għal portafoll ta' assi, bil-ħsieb li jiġi valutat jekk dan il-livell ikunx xieraq jew għandux jiġi aġġustat."

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 600/2014

Fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "2. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, għal mill-inqas ħames snin, id-data rilevanti relatata mal-ordnijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji li huma reklamati permezz tas-sistemi proprja *f'format li jinqara mill-magni u bl-użu ta' mudell komuni*. L-awtorità kompetenti ta' ċentru tan-negozjar tista' titlob dik id-data fuq bażi kontinwa. Ir-rekords għandu jkun fihom id-data rilevanti kollha li tikkostitwixxi l-karatteristiċi tal-ordni, inkluż dawk li jorbtu ordni mat-tranżazzjonijiet eżegwiti li joħorġu minn dik l-ordni u li d-dettalji tagħhom għandhom ikunu rrapportati f'konformità mal-Artikolu 26(1) u (3). L-ESMA għandha twettaq rwol ta' faċilitazzjoni u ta' koordinazzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti skont dan il-paragrafu.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġu speċifikati d-dettalji u l-formats tad-data dwar l-ordnijiet rilevanti li jeħtieġ li tinżamm skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u li mhijiex imsemmija fl-Artikolu 26.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [disa' xhur *mid-data tad-dħul* fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. L-Artikolu 1, il-punti (7)(g), (11), (12), (13) u (14) , għandhom japplikaw minn ... [15-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].
3. *L-Artikolu 1, il-punt (3), il-punt (6)(b) u (c), il-punt (7) (a) sa (f), il-punt 10(a)(i), (ii) u (iii), il-punt 10(b) u (c), u l-punt 21(a) fir-rigward tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129, u l-Artikolu 2, il-punt (6)(a), (b), (c) u (e) ta' dan ir-Regolament emendatorju għandhom japplikaw minn ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].*
4. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 2, il-punt (14)(a) u l-punt (15) sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX I

L-Annessi tar-Regolament (UE) 2017/1129 huma emendati kif ġej:

(1) L-Annessi I sa V huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"ANNEX I

IL-PROSPETT

I. Sommarju

II. Għan, persuni responsabbli, informazzjoni minn partijiet terzi, rapporti tal-esperti u approvazzjoni tal-awtorità kompetenti

L-iskop huwa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-persuni li huma responsabbli għall-kontenut tal-prospett u li jiġi pprovdut serħan il-moħħ lill-investituri dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni żvelata fil-prospett. Barra minn hekk, din it-taqsimha tipprovdi informazzjoni dwar l-interessi tal-persuni involuti fl-offerta, kif ukoll ir-raġunijiet għall-offerta, l-użu tar-rikavati u l-ispejjeż tal-offerta. Barra minn hekk, din it-taqsimha tipprovdi informazzjoni dwar il-bażi ġuridika tal-prospett u l-approvazzjoni tiegħu mill-awtorità kompetenti.

III. Strateġija, prestazzjoni u ambjent tan-negozju

L-iskop huwa li tiġi żvelata informazzjoni dwar l-identità tal-emittent, in-negozju, l-istrateġija u l-oġġettivi tiegħu. L-investituri għandu jkollhom fehim ċar tal-attivitajiet tal-emittent u tat-tendenzi prinċipali li jaffettwaw il-prestazzjoni, l-istruttura organizzazzjonali u l-investimenti materjali tiegħu. Meta applikabbli, l-emittent għandu jiżvela f'din it-taqsimha stimi jew tbassir tal-prestazzjoni tiegħu fil-futur.

IV. Rapport ta' ġestjoni, inkluż ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà (titoli ta' ekwità biss)

L-iskop ta' din it-taqsimha huwa li ***jew*** tinkorpora b'referenza ***jew tinkludi l-informazzjoni stabbilita fir***-rapporti ta' ġestjoni u r-rapporti konsolidati dwar il-ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/109/KE, meta applikabbli, u fil-Kapitoli 5 u 6 tad-Direttiva 2013/34/UE, għall-perjodi koperti mill-informazzjoni finanzjarja storika inkluż, meta applikabbli, ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà. ■

V. Dikjarazzjoni tal-kapital operatorju (titoli ta' ekwità biss)

L-iskop ta' din it-taqsimha huwa li tipprovdi informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-kapital operatorju tal-emittent.

VI. Fatturi ta' riskju

L-iskop huwa li jiġu deskritti r-riskji ewlenin li jiffaċċa l-emittent u l-impatt tagħhom fuq il-prestazzjoni futura tal-emittent, kif ukoll ir-riskji ewlenin li huma speċifiċi għat-titoli offruti lill-pubbliku jew li għandhom jiġu ammessi għan-negozjar f'suq regolat.

VII. Termini u kundizzjonijiet tat-titoli

L-iskop ta' din it-taqsimha huwa li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tat-titoli u li tipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-karatteristiċi tagħhom.

Fejn applikabbli, din l-informazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺.

VIII Dettalji tal-offerta/ammissjoni għan-negozjar

L-iskop ta' din it-taqsimha huwa li tistabbilixxi l-informazzjoni speċifika dwar l-offerta tat-titoli, il-pjan għad-distribuzzjoni u għall-allokazzjoni tagħhom, indikazzjoni tal-ipprezzar tagħhom. Barra minn hekk, tirrappreżenta informazzjoni dwar il-pjazzament tat-titoli, kwalunkwe ftehim ta' sottoskrizzjoni u arranġamenti relatati mal-ammissjoni għan-negozjar. Tistabbilixxi wkoll informazzjoni dwar il-persuni li jbigħu t-titoli u dilwizzjoni għall-azzjonisti eżistenti.

IX. Informazzjoni relatata mal-ESG (titoli mingħajr ekwità biss, meta applikabbli)

Meta applikabbli, informazzjoni relatata mal-ESG f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (g).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-***Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strutturi ta' ishma b'vot multipli f'kumpaniji li jfittxu l-ammissjoni għan-negozjar tal-ishma tagħhom f'suq tat-tkabbir tal-SMEs*** li tinsab fil-fajl 2022/0406 (COD).

X. Governanza korporattiva

Din it-taqsimha għandha tispjega l-amministrazzjoni tal-emittent u r-rwol tal-persuni involuti fil-ġestjoni tal-kumpanija. Għat-titoli ta' ekwità, barra minn hekk ser tipprovdi informazzjoni dwar l-isfond tal-maniġment superjuri, ir-remunerazzjoni tiegħu u r-rabta potenzjali tiegħu mal-prestazzjoni tal-emittent.

XI. Informazzjoni finanzjarja

L-għan huwa li jiġi speċifikat liema rapporti finanzjarji jridu jiġu inklużi fid-dokument li jkopri l-aħħar sentejn finanzjarji (għal titoli ta' ekwità) jew l-aħħar sena finanzjarja (għal titoli mingħajr ekwità) jew tali perjodu iqsar li matulu kien qed jopera fih l-emittent u informazzjoni oħra ta' natura finanzjarja. Il-prinċipji kontabilistiċi u tal-awditjar li jridu jiġu aċċettati sabiex jintużaw fit-tnejn u fl-awditjar tar-rapporti finanzjarji jiġu stabbiliti f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabilità u tal-awditjar.

A. Rapporti konsolidati u informazzjoni finanzjarja oħra.

B. Bidliet sinifikanti.

XII. Informazzjoni dwar l-azzjonisti u d-detenturi tat-titoli

XIII. *Politika tad-dividendi (titoli ta' ekwità biss)*

Deskrizzjoni tal-politika tal-emittent dwar id-distribuzzjonijiet tad-dividendi u kwalunkwe restrizzjoni attwali fuqhom, kif ukoll dwar ir-riakkwisti ta' ishma.

Din it-taqsimha għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-azzjonisti maġġuri tal-emittent, l-eżistenza ta' kunflitti ta' interess potenzjali bejn il-maniġment superjuri u l-emittent, il-kapital azzjonarju tal-emittent kif ukoll informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati, proċedimenti ġudizzjarji u ta' arbitraġġ u kuntratti materjali.

XIV Informazzjoni dwar il-garanti (titoli mingħajr ekwità biss, meta applikabbli)

L-iskop huwa li, meta applikabbli, tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-garanti tat-titoli, inkluż informazzjoni essenzjali dwar il-garanti marbuta mat-titoli, il-fatturi ta' riskju u informazzjoni finanzjarja speċifika għall-garanti.

XV. Informazzjoni dwar it-titoli sottostanti u l-emittent tat-titoli sottostanti (meta applikabbli)

L-iskop huwa li tiġi pprovduta, meta applikabbli, informazzjoni dwar it-titoli sottostanti u, meta applikabbli, dwar l-emittent tat-titoli sottostanti.

XVI. Informazzjoni dwar il-kunsens (meta applikabbli)

L-għan huwa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kunsens meta l-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil ta' prospett taġti l-kunsens għall-użu tiegħu f'konformità mal-Artikolu 5(1).

XVII. Dokumenti disponibbli

L-għan huwa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-dokumenti li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ispezzjoni u s-sit web fejn jistgħu jiġu spezzjonati.

ANNEX II

DOKUMENT TAR-REĠISTRAZZJONI

I. Għan, persuni responsabbli, informazzjoni minn partijiet terzi, rapporti tal-esperti u approvazzjoni tal-awtorità kompetenti

L-iskop ta' din it-taqsimha huwa li tipprovdi informazzjoni dwar il-persuni li huma responsabbli għall-kontenut tad-dokument tar-reġistrazzjoni u li tipprovdi serħan il-moħħ għall-investituri dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni żvelata fil-prospett. Barra minn hekk, din it-taqsimha tipprovdi informazzjoni dwar il-bażi ġuridika tal-prospett u l-approvazzjoni tiegħu mill-awtorità kompetenti.

II. Strateġija, prestazzjoni u ambjent tan-negożju

L-iskop ta' din it-taqsimha huwa li tiżvela informazzjoni dwar l-identità tal-emittent, in-negożju tiegħu, l-istrateġija tiegħu u l-oġġettivi tiegħu. Billi jaqraw din it-taqsimha, l-investituri għandu jkollhom fehim ċar tal-attivitajiet tal-emittent u tat-tendenzi prinċipali li jaffettwaw il-prestazzjoni, l-istruttura organizzazzjonali u l-investimenti materjali tiegħu. Meta applikabbli, l-emittent għandu jiżvela f'din it-taqsimha stimi jew tbassir tal-prestazzjoni tiegħu fil-futur.

III. Rapport ta' ġestjoni, inkluż ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà (titoli ta' ekwità biss)

L-iskop ta' din it-taqsimha huwa li **jew** tinkorpora b'referenza **jew tinkludi l-informazzjoni stabbilita** fir-rapporti ta' ġestjoni u r-rapporti konsolidati dwar il-ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/109/KE, meta applikabbli, u fil-Kapitoli 5 u 6 tad-Direttiva 2013/34/UE, għall-perjodi koperti mill-informazzjoni finanzjarja storika inkluż, meta applikabbli, ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà.

IV. Fatturi ta' riskju

L-iskop ta' din it-taqsimha huwa li tiddekrivi r-riskji ewlenin iffaċċati mill-emittent u l-impatt tagħhom fuq il-prestazzjoni futura tal-emittent.

V. Governanza korporattiva

Din it-taqsimha għandha tispjega l-amministrazzjoni tal-emittent u r-rwol tal-persuni involuti fil-ġestjoni tal-kumpanija. Għat-titoli ta' ekwità, barra minn hekk ser tipprovdi informazzjoni

dwar l-isfond tal-maniġment superjuri, ir-remunerazzjoni tiegħu u r-rabta potenzjali tiegħu mal-prestazzjoni tal-emittent.

VI. Informazzjoni finanzjarja

L-għan huwa li jiġi speċifikat liema rapporti finanzjarji jridu jiġu inklużi fid-dokument li jkopri l-aħħar sentejn finanzjarji (għal titoli ta' ekwità) jew l-aħħar sena finanzjarja (għal titoli mingħajr ekwità) jew tali perjodu iqsar li matulu kien qed jopera fih l-emittent u informazzjoni oħra ta' natura finanzjarja. Il-prinċipji kontabilistiċi u tal-awditjar li jridu jiġu aċċettati sabiex jintużaw fit-tnejn u fl-awditjar tar-rapporti finanzjarji jiġu stabbiliti f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabilità u tal-awditjar.

- A. Rapporti konsolidati u informazzjoni finanzjarja oħra.
- B. Bidliet sinifikanti.

VII. Informazzjoni dwar l-azzjonisti u d-detenturi tat-titoli

Din it-taqsimha għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-azzjonisti maġġuri tal-emittent, l-eżistenza ta' kunflitti ta' interess potenzjali bejn il-maniġment superjuri u l-emittent, il-kapital azzjonarju tal-emittent kif ukoll informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati, proċedimenti ġudizzjarji u ta' arbitraġġ u kuntratti materjali.

VIII. Politika tad-dividendi (titoli ta' ekwità biss)

Deskrizzjoni tal-politika tal-emittent dwar id-distribuzzjonijiet tad-dividendi u kwalunkwe restrizzjoni attwali fuqhom, kif ukoll dwar ir-riakkwisti ta' ishma.

IX. Dokumenti disponibbli

L-għan huwa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-dokumenti li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ispezzjoni u s-sit web fejn jistgħu jiġu spezzjonati.

ANNEX III

NOTA DWAR IT-TITOLI

I. Għan, persuni responsabbli, informazzjoni minn partijiet terzi, rapporti tal-esperti u approvazzjoni tal-awtorità kompetenti

L-għan ta' din it-taqsimha huwa li tipprovdi informazzjoni dwar il-persuni li huma responsabbli għall-kontenut tan-nota dwar it-titoli u li tipprovdi serħan il-moħħ għall-investituri dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni żvelata fil-prospett. Barra minn hekk, din it-taqsimha tipprovdi informazzjoni dwar l-interessi tal-persuni involuti fl-offerta, kif ukoll ir-raġunijiet għall-offerta, l-użu tar-rikavati u l-ispejjeż tal-offerta. Barra minn hekk, din it-taqsimha tipprovdi informazzjoni dwar il-bażi ġuridika tal-prospett u l-approvazzjoni tiegħu mill-awtorità kompetenti.

II. Dikjarazzjoni tal-kapital operatorju (*titoli ta' ekwità biss*)

L-għan ta' din it-taqsimha huwa li tipprovdi informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-kapital operatorju tal-emittent.

III. Fatturi ta' riskju

L-għan ta' din it-taqsimha huwa li tiddekrivi r-riskji ewlenin li huma speċifiċi għat-titoli offruti lill-pubbliku jew li għandhom jiġu ammessi għan-negozju f'suq regolat.

IV. Termini u kundizzjonijiet tat-titoli

L-għan ta' din it-taqsimha huwa li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tat-titoli u tipprovdi deskrizzjoni ddettaljata tal-karatteristiċi tagħhom.

Fejn applikabbli, din l-informazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺.

V. Dettalji tal-offerta/ammissjoni għan-negozjar

L-għan huwa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-offerta jew l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat jew f'MTF, inkluż il-prezz finali tal-offerta u l-ammont ta' titoli (f'għadd ta' titoli jew f'ammont nominali aggregat) li ser jiġu offruti, ir-raġunijiet għall-offerta, il-pjan għad-distribuzzjoni tat-titoli, l-użu tar-rikavati mill-offerta, l-ispejjeż tal-ħruġ u tal-offerta, u d-dilwizzjoni (għal titoli ta' ekwità biss).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-***Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strutturi ta' ishma b'vot multiplu f'kumpaniji li jfittxu l-ammissjoni għan-negozjar tal-ishma tagħhom f'suq tat-tkabbir tal-SMEs*** li tinsab fil-fajl 2022/0406 (COD).

VI. Informazzjoni relatata mal-ESG (titoli mingħajr ekwità biss, meta applikabbli)

Meta applikabbli, informazzjoni relatata mal-ESG f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (g).

VII. Informazzjoni dwar il-garanti (titoli mingħajr ekwità biss, meta applikabbli)

L-għan huwa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-garanti tat-titoli, meta applikabbli, inkluż informazzjoni essenzjali dwar il-garanti marbuta mat-titoli, il-fatturi ta' riskju u l-informazzjoni finanzjarja speċifika għall-garanti.

VIII. ■ Informazzjoni dwar it-titoli sottostanti u l-emittent tat-titoli sottostanti (meta applikabbli)

L-għan huwa li tiġi pprovduta, meta applikabbli, informazzjoni dwar it-titoli sottostanti u, meta applikabbli, dwar l-emittent tat-titoli sottostanti.

IX. Informazzjoni dwar il-kunsens (meta applikabbli)

L-għan huwa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kunsens meta l-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil ta' prospett tagħti l-kunsens għall-użu tiegħu f'konformità mal-Artikolu 5(1).

ANNEX IV

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FIL-PROSPETT TA' SEGWITU TAL-UE GĦAL ISHMA U GĦAL TITOLI TRASFERIBBLI OĦRAJN EKWIVALENTI GĦAL ISHMA FIL-KUMPAĠIJI

I.

Sommarju

Il-Prospett ta' Segwitu tal-UE jrid jinkludi sommarju mfassal f'konformità mal-Artikolu 7(12a).

II.

Informazzjoni dwar l-emittent

Tiġi identifikata l-kumpanija li toħroġ l-ishma, inkluż l-identifikatur ta' entità ġuridika tagħha (LEI), l-isem legali u kummerċjali tagħha, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni tagħha u s-sit web fejn l-investituri jistgħu jsibu informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tan-negozju tal-kumpanija, il-prodotti li tagħmel jew is-servizzi li tipprovdi, is-swieq prinċipali fejn tikkompeti, l-azzjonisti prinċipali tagħha, il-kompożizzjoni tal-korpi amministrattivi, manidgerjali u superviżorji u l-manidgment superjuri tagħha u, meta applikabbli, l-informazzjoni inkorporata b'referenza (b'dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li l-informazzjoni fuq is-sit web ma tiffornax parti mill-prospett sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx inkorporata b'referenza fil-prospett **ta' Segwitu tal-UE**).

III. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltà u dikjarazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

A. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltà

Jiġu identifikati l-persuni responsabbli għat-tfassil tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE u tiġi inkluża dikjarazzjoni minn dawk il-persuni li, sa fejn jafu huma, l-informazzjoni li tinsab fil-Prospett ta' Segwitu tal-UE tkun f'konformità mal-fatti u li l-Prospett ta' Segwitu tal-UE ma jagħmel l-ebda ommissjoni li x'aktarx taffettwa t-tifsira tiegħu.

Meta applikabbli, id-dikjarazzjoni trid tinkludi informazzjoni li toriġina minn partijiet terzi, inkluż is-sors(i) ta' dik l-informazzjoni, u dikjarazzjonijiet jew rapporti attribwiti lil persuna bħala espert u d-dettalji li ġejjin ta' dik il-persuna:

- (i) l-isem;
- (ii) l-indirizz tan-negozju;
- (iii) il-kwalifiki; u
- (iv) l-interess materjali fl-emittent (jekk ikun hemm).

B. Dikjarazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

Id-dikjarazzjoni għandha:

(i) tindika l-awtorità kompetenti li approvat, f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Prospett ta' Segwitu tal-UE;

(ii) tispeċifika li tali approvazzjoni ma tikkostitwix approvazzjoni tal-emittent jew tal-kwalità tal-ishma li magħhom huwa relatat il-Prospett ta' Segwitu tal-UE;

(iii) tispeċifika li l-awtorità kompetenti tkun approvat biss il-Prospett ta' Segwitu tal-UE bħala li jissodisfa l-istandards ta' kompletezza, komprensibbiltà u konsistenza imposti minn dan ir-Regolament; u

(iv) tispeċifika li l-Prospett ta' Segwitu tal-UE tfassal f'konformità mal-Artikolu 14a.

IV. Fatturi ta' riskju

Deskrizzjoni tar-riskji materjali li huma speċifiċi għall-emittent, u deskrizzjoni tar-riskji materjali li huma speċifiċi għall-ishma li jiġu offruti lill-pubbliku u/jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat, f'għadd limitat ta' kategoriji, fit-taqsimha intitolata "Fatturi ta' Riskju".

Ir-riskji għandhom jiġu kkorroborati mill-kontenut tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE.

V. *Informazzjoni* finanzjarja

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji (annwali u kull sitt xhur) ippubblikati matul perjodu ta' 12-il xahar qabel l-approvazzjoni tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE. Meta jkunu ġew ippubblikati kemm id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali kif ukoll dawk ta' kull sitt xhur, id-dikjarazzjonijiet annwali biss iridu jkunu meħtieġa jekk dawn ikunu saru wara r-rapporti finanzjarji ta' kull sitt xhur.

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jridu jiġu awditjati b'mod indipendenti. Ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[□] u mar-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{□□}.

Meta d-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014 ma japplikawx, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jridu jiġu awditjati jew irrapportati fir-rigward ta' jekk, għall-finijiet tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE, jagħtux opinjoni vera u ġusta jew le f'konformità mal-istandards tal-awditjar applikabbli fi Stat Membru jew ma' standard ekwivalenti. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-informazzjoni li ġejja trid tiġi inkluża fil-Prospett ta' Segwitu tal-UE:

- (i) dikjarazzjoni prominenti li tiżvela liema standards tal-awditjar ġew applikati;
- (ii) spjegazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' osservanza sinifikanti tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar.

Meta rapporti tal-awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jkunu ġew irrifjutati mill-awdituri statutorji jew fejn ikun fihom kwalifiki, modifiki ta' opinjoni, dikjarazzjonijiet ta' ċaħda jew osservazzjonijiet, trid tingħata r-raġuni, u dawn il-kwalifiki, il-modifiki, id-dikjarazzjonijiet ta' ċaħda jew l-osservazzjonijiet iridu jiġu riprodotti fl-intier tagħhom.

Deskrizzjoni ta' kull bidla sinifikanti fil-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp li seħħet mit-tmiem tal-aħħar perjodu finanzjarju li għalih ikunu ġew ippubblikati dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati jew inkella informazzjoni finanzjarja interim, trid tiġi inkluża wkoll, jew trid tiġi pprovduta dikjarazzjoni negattiva xierqa.

Meta applikabbli, trid tiġi inkluża wkoll informazzjoni pro forma.

VI. Il-politika tad-dividendi

Deskrizzjoni tal-politika tal-emittent dwar id-distribuzzjonijiet tad-dividendi u kwalunkwe restrizzjoni attwali fuqhom, kif ukoll dwar ir-riakkwist ta' ishma.

VII. Informazzjoni dwar ix-xejriet

Deskrizzjoni ta':

- (i) xejriet reċenti l-aktar sinifikanti fil-produzzjoni, fil-bejgħ u fl-inventarju, u l-kostijiet u l-prezzijiet tal-bejgħ mit-tmiem tal-aħħar sena finanzjarja sad-data tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE;
- (ii) informazzjoni dwar kwalunkwe xejra, inċertezza, talba, impenn jew avveniment magħruf li raġonevolment x'aktarx li jkollu effett materjali fuq il-prospetti tal-emittent tal-anqas matul is-sena finanzjarja attwali;
- (iii) informazzjoni dwar l-istrateġija u l-oġettivi tan-negozju finanzjarji u mhux finanzjarji tal-emittent fuq terminu qasir u twil.

Jekk ma jkun hemm l-ebda bidla sinifikanti f'xi waħda mix-xejriet imsemmijin fil-punt (a) jew (b) ta' din it-taqsim, trid issir dikjarazzjoni f'dak is-sens.

VIII. Previżjonijiet u stimi tal-profitt

Meta emittent ikun ippublika previżjoni tal-profitt jew stima tal-profitt li tibqa' pendenti u valida, dik il-previżjoni jew l-istima għandha tiġi inkluża fil-Prospett ta' Segwitu tal-UE.

Jekk previżjoni tal-profitt jew stima tal-profitt tkun ġiet ippubblikata u tibqa' pendenti, iżda ma għadhiex valida, għandha tiġi pprovduta dikjarazzjoni għal dak l-għan flimkien ma' spjegazzjoni dwar ghalieq tali tbassir jew stima ma għadhiex valida.

IX. Dettalji tal-offerta jew tal-ammissjoni għan-negozjar

Jiġu stipulati l-prezz tal-offerta, l-għadd ta' ishma offruti, l-ammont tal-ħruġ jew tal-offerta, il-kundizzjonijiet li għalihom hija soġġetta l-offerta, u l-proċedura għall-eżerċizzju ta' kwalunkwe jedd ta' prelazzjoni.

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar fejn l-investituri jistgħu jissottoskrivu għall-ishma jew jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' prelazzjoni, it-tul tal-perjodu tal-offerta, inkluż kwalunkwe emenda possibbli għalihom, u deskrizzjoni tal-proċess tal-applikazzjoni flimkien mad-data tal-ħruġ ta' ishma ġodda.

Sa fejn ikun jaf l-emittent, tiġi pprovduta informazzjoni dwar jekk l-azzjonisti ewlenin jew il-membri tal-korpi tal-maniġment, superviżorji jew amministrattivi tal-emittent għandhomx l-intenzjoni li jissottoskrivu għall-offerta, jew jekk xi persuna jkollhiex l-intenzjoni li tissottoskrivi għal aktar minn 5 % tal-offerta.

Jiġi ppreżentat kwalunkwe impenn sod għas-sottoskrizzjoni għal aktar minn 5 % tal-offerta u l-karatteristiċi materjali kollha tal-ftehimiet ta' sottoskrizzjoni u ta' pjazzament, inkluż l-isem u l-indirizz tal-entitajiet li jaqblu li jissottoskrivu jew iqiegħdu l-ħruġ fuq il-bażi ta' impenn sod jew skont arranġamenti tal-"aħjar sforzi" u l-kwoti.

Meta applikabli, jiġu indikati s-swieq regolati, is-swieq ta' tkabbir tal-SMEs jew l-MTFs, fejn it-titoli għandhom jiġu ammessi għan-negozjar, u jekk ikunu magħrufa, l-aktar dati bikrin li fihom it-titoli ser jiġu ammessi għan-negozjar.

X. Informazzjoni essenzjali dwar l-ishma ■

Tiġi pprovduta l-informazzjoni essenzjali li ġejja dwar l-ishma offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat:

- (i) ***deskrizzjoni tat-tip, il-klassi u l-ammont tal-ishma li qed jiġu offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar fis-suq regolat;***
- (ii) in-numru internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN); u
- (iii) id-drittijiet marbutin mal-ishma, il-proċedura għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet u kwalunkwe limitu ta' dawk id-drittijiet.

Meta applikabbli, informazzjoni dwar it-titoli sottostanti u, meta applikabbli, l-emittent tat-titoli sottostanti.

Twissija li l-leġiżlazzjoni tat-taxxa tal-Istat Membru tal-investitur u tal-pajjiż tal-inkorporazzjoni tal-emittent jista' jkollha impatt fuq l-introjt u rċevut mill-ishma.

Fil-każ ta' ħarġiet ġodda, tiġi pprovduta dikjarazzjoni tar-riżoluzzjonijiet, tal-awtorizzazzjonijiet u tal-approvazzjonijiet li bis-saħħa tagħhom kienu jew ser jiġu maħluqa jew maħruġa t-titoli.

XI. Raġunijiet għall-offerta u l-użu tar-rikavati

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-offerta u, meta applikabbli, l-ammont nett stmat tar-rikavati diżaggregat f'kull użu intenzjonat prinċipali u ppreżentat skont l-ordni tal-prijorità ta' dawn l-użi.

Meta l-emittent ikun konxju li r-rikavati antiċipati ma humiex ser ikunu biżżejjed sabiex jiffinanzjaw l-użi proposti kollha, jeħtieġlu jiddikjara l-ammont u s-sorsi tal-fondi l-oħrajn meħtieġa. Iridu jingħataw ukoll dettalji fir-rigward tal-użu tar-rikavati, b'mod partikolari meta r-rikavati jintużaw għall-akkwist tal-assi, għajr fil-perkors normali tan-negozju, sabiex jiġu ffinanzjati akkwisti mħabbrin ta' negozju ieħor, jew sabiex jiġi rrilaxxat, jitnaqqas jew jiġi rtirat id-dejn.

XII. Ftehimiet ta' immobbiltà

F'relazzjoni ma' ftehimiet ta' immobbiltà, jiġu pprovduti dettalji ta' dawn li ġejjin:

- (i) il-partijiet involuti;***
- (ii) il-kontenut u l-eċċezzjonijiet tal-ftehim; u***
- (iii) indikazzjoni tal-perjodu ta' immobbiltà.***

XIII.

Dikjarazzjoni tal-kapital operatorju

Dikjarazzjoni mill-emittent, li fl-opinjoni tiegħu, il-kapital operatorju huwa suffiċjenti għar-rekwiżiti preżenti tal-emittent jew, jekk le, kif l-emittent jipproponi li jipprovdi l-kapital operatorju addizzjonali meħtieġ.

XIV.

Kunflitti ta' interess

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar kwalunkwe interess relatat mal-ħruġ, inkluż kunflitti ta' interess, u b'dettalji tal-persuni involuti u n-natura tal-interess.

XV. Dilwizzjoni u parteċipazzjoni azzjonarja wara l-ħruġ

Jiġi ppreżentat paragon bejn il-parteċipazzjoni fil-kapital azzjonarju u tad-drittijiet tal-vot għall-azzjonisti eżistenti qabel u wara ż-żieda fil-kapital li tirriżulta mill-offerta lill-pubbliku, bis-suppożizzjoni li l-azzjonisti eżistenti ma jissottoskrivux għall-ishma l-ġodda u, separatament, bis-suppożizzjoni li l-azzjonisti eżistenti jeżerċitaw l-intitolament tagħhom.

XVI. Dokumenti disponibbli

Dikjarazzjoni li matul it-terminu tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE, jistgħu jiġu spezzjonati d-dokumenti li ġejjin, meta jkun applikabbli:

- (i) il-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni aġġornati tal-emittent;
- (ii) ir-rapporti, l-ittri, u d-dokumenti l-oħrajn kollha, il-valwazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet imħejjija minn espert fuq talba tal-emittent, li kwalunkwe parti minnhom tkun inkluża jew imsemmija fil-Prospett ta' Segwitu tal-UE.

Indikazzjoni fuq is-sit web dwar liema dokumenti jistgħu jiġu spezzjonati.

ANNEX V

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FIL-PROSPETT TA' SEGWITU TAL- UE GĦAL TITOLI GĦAJR ISHMA JEW TITOLI TRASFERIBBLI EKWIVALENTI GĦAL ISHMA FIL-KUMPAĠIJI

I. Sommarju

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu, il-Prospett ta' Segwitu tal-UE jrid jinkludi sommarju mfassal f'konformità mal-Artikolu 7(12a).

II. ***Informazzjoni dwar l-emittent (Dokument tar-reġistrazzjoni)***

Tiġi identifikata l-kumpanija li toħroġ it-titoli, inkluż l-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) tagħha, l-isem legali u kummerċjali tagħha, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni tagħha u s-sit web fejn l-investituri jistgħu jsibu informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tan-negozju tal-kumpanija, il-prodotti li tagħmel jew is-servizzi li tipprovdi, is-swieq prinċipali fejn tikkompeti, l-azzjonisti prinċipali tagħha, il-kompożizzjoni tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji u l-maniġment superjuri tagħha u, meta applikabbli, l-informazzjoni inkorporata b'referenza (b'dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li l-informazzjoni fuq is-sit web ma tiffornax parti mill-prospett sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx inkorporata b'referenza fil-Prospett ***ta' Segwitu tal-UE***).

III. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltà u dikjarazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

1. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltà (*Dokument tar-reġistrazzjoni / Nota tat-titoli*)

Jiġu identifikati l-persuni responsabbli għat-tfassil tad-*(dokument tar-reġistrazzjoni / nota tat-titoli / Prospett ta' Segwitu tal-UE)* u tiġi inkluża dikjarazzjoni minn dawk il-persuni li, sa fejn jafu huma, l-informazzjoni li tinsab fid-*(dokument tar-reġistrazzjoni / nota dwar it-titoli / Prospett ta' Segwitu tal-UE)* tkun f'konformità mal-fatti u li d-*(dokument tar-reġistrazzjoni / nota dwar it-titoli / Prospett ta' Segwitu tal-UE)* ma jagħmel l-ebda ommissjoni li x'aktarx taffettwa t-tifsira tiegħu.

Meta applikabbli, id-dikjarazzjoni trid tinkludi informazzjoni li toriġina minn partijiet terzi, inkluż is-sors(i) ta' dik l-informazzjoni, u dikjarazzjonijiet jew rapporti attribwiti lil persuna bħala espert u d-dettalji li ġejjin ta' dik il-persuna:

- (i) l-isem;
- (ii) l-indirizz tan-negozju;
- (iii) il-kwalifiki; u
- (iv) l-interess materjali fl-emittent (jekk ikun hemm).

2. Dikjarazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

Id-dikjarazzjoni għandha:

(i) tindika l-awtorità kompetenti li approvat, f'konformità ma' dan ir-Regolament, (id-dokument tar-reġistrazzjoni / in-nota dwar it-titoli / il-Prospett ta' Segwitu tal-UE);

(ii) tispjega li tali approvazzjoni ma tikkostitwix approvazzjoni tal-emittent jew tal-kwalità tat-titoli li magħhom huwa relatat (id-dokument tar-reġistrazzjoni / in-nota dwar it-titoli / il-Prospett ta' Segwitu tal-UE);

(iii) tispjega li l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti tattesta biss il-konformità tad-(dokument tar-reġistrazzjoni / in-nota dwar it-titoli / il-Prospett ta' Segwitu tal-UE) mal-istandards ta' kompletezza, komprensibbiltà u konsistenza meħtieġa minn dan ir-Regolament;

(iv) tispjega li (id-dokument tar-reġistrazzjoni / in-nota dwar it-titoli / il-Prospett ta' Segwitu tal-UE) tfaġġi bħala (parti minn) Prospett ta' Segwitu tal-UE f'konformità mal-Artikolu 14a.

IV. Fatturi tar-riskju (*Dokument tar-registrazzjoni / Nota dwar it-Titoli*)

Deskrizzjoni tar-riskji materjali li huma speċifiċi għall-emittent (*dokument tar-reġistrazzjoni / Prospett ta' Segwitu tal-UE*) u deskrizzjoni tar-riskji materjali li huma speċifiċi għat-titoli li jiġu offruti lill-pubbliku u/jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat (*nota dwar it-titoli / Prospett ta' Segwitu tal-UE*) f'għadd limitat ta' kategoriji, fit-taqsimha intitolata "Fatturi ta' riskju".

Ir-riskji għandhom jiġu kkorroborati mill-kontenut (*tad-dokument tar-reġistrazzjoni / nota dwar it-titoli / Prospett ta' Segwitu tal-UE*).

V. *Informazzjoni finanzjarja (Dokument tar-reġistrazzjoni)*

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji (annwali u kull sitt xhur) ippubblikati matul perjodu ta' 12-il xahar qabel l-approvazzjoni tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE. Meta jkunu ġew ippubblikati kemm id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali kif ukoll dawk ta' kull sitt xhur, id-dikjarazzjonijiet annwali biss iridu jkunu meħtieġa jekk dawn ikunu saru wara r-rapporti finanzjarji ta' kull sitt xhur.

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jridu jiġu awditjati b'mod indipendenti. Ir-rapport tal-awditjar għandu jitħejja f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Meta d-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014 ma japplikawx, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jridu jiġu awditjati jew irrapportati fir-rigward ta' jekk, għall-finijiet tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE, jagħtux opinjoni vera u ġusta jew le f'konformità mal-istandards tal-awditjar applikabbli fi Stat Membru jew ma' standard ekwivalenti. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-informazzjoni li ġejja trid tiġi inkluża fil-Prospett ta' Segwitu tal-UE:

- (i) dikjarazzjoni prominenti li tiżvela liema standards tal-awditjar ġew applikati;
- (ii) spjegazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' osservanza sinifikanti tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar.

Meta rapporti tal-awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jkunu ġew irrifjutati mill-awdituri statutorji jew fejn ikun fihom kwalifiki, modifiki ta' opinjoni, dikjarazzjonijiet ta' każha jew osservazzjonijiet, trid tingħata r-raġuni, u dawn il-kwalifiki, il-modifiki, id-dikjarazzjonijiet ta' każha jew l-osservazzjonijiet iridu jiġu riprodotti fl-intier tagħhom.

Deskrizzjoni ta' kull bidla sinifikanti fil-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp li seħħet mit-tmiem tal-aħħar perjodu finanzjarju li għalih ikunu ġew ippubblikati dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati jew inkella informazzjoni finanzjarja interim, trid tiġi inkluża wkoll, jew trid tiġi pprovduta dikjarazzjoni negattiva xierqa.

VI. Informazzjoni dwar ix-xejriet (**Dokument tar-reġistrazzjoni**)

Deskrizzjoni ta':

- (i) ***kwalunkwe bidla negattiva materjali fil-prospetti tal-emittent mid-data tal-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati ppubblikati tiegħu;***
- (ii) ***kwalunkwe bidla sinifikanti fil-prestazzjoni finanzjarja tal-grupp mit-tmiem tal-aħħar perjodu finanzjarju li għalih ġiet ippubblikata informazzjoni finanzjarja sad-data tad-dokument tar-reġistrazzjoni;***

Jekk ma jkun hemm l-ebda bidla sinifikanti ***kif*** imsemmi fil-punti (a) jew (b) ta' din it-taqsim, trid issir dikjarazzjoni f'dak is-sens.

VII. ***Detalji tal-offerta²⁵ jew tal-ammissjoni għan-negozjar (Nota dwar it-titoli)***

Jiġu stipulati l-prezz tal-offerta, l-għadd ta' titoli offruti, l-ammont tal-ħruġ jew tal-offerta u l-kundizzjonijiet li għalihom hija soġġetta l-offerta. Jekk l-ammont ma jkunx fiss, indikazzjoni tal-ammont massimu tat-titoli li ser jiġu offruti (jekk disponibbli) u deskrizzjoni tal-arranġamenti u tal-perjodu taż-żmien sabiex jiġi jitħabbar l-ammont definittiv tal-offerta lill-pubbliku.

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar fejn l-investituri jistgħu jissottoskrivu għat-titoli, it-tul tal-perjodu tal-offerta, inkluż kwalunkwe emenda possibbli għalihom, u deskrizzjoni tal-proċess tal-applikazzjoni flimkien mad-data tal-ħruġ ta' titoli ġodda.

L-isem u l-indirizz tal-entitajiet li jaqblu li jissottoskrivu l-ħruġ fuq bażi ta' impenn sod, u l-isem u l-indirizz tal-entitajiet li jaqblu li jpoġġu l-ħruġ mingħajr impenn sod jew skont arranġamenti tal-"aħjar sforzi". Indikazzjoni tal-karatteristiċi materjali tal-ftehimiet, inkluż il-kwoti. Meta mhux il-ħruġ kollu jkun ġie sottoskritt, dikjarazzjoni tal-porzjon li ma jkunx ġie kopert. Indikazzjoni tal-ammont globali tal-kummissjoni tas-sottoskrizzjoni u tal-kummissjoni tat-tqegħid.

Meta applikabbli, jiġu indikati s-swieq regolati, is-swieq ta' tkabbir tal-SMEs jew l-MTFs fejn it-titoli għandhom jiġu ammessi għan-negozjar u, jekk ikunu magħrufin, l-aktar dati bikrin li fihom it-titoli ser jiġu ammessi għan-negozjar.

²⁵ ***Mhux applikabbli għal titoli mingħajr ekwità msemmija fl-Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu."***

VIII.

■ Informazzjoni essenzjali dwar it-titoli (*Nota dwar it-titoli*)

Tiġi pprovduta l-informazzjoni essenzjali li ġejja dwar it-titoli offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat:

- (i) in-numru internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN);
- (ii) id-drittijiet marbuta mat-titoli, il-proċedura għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet u kwalunkwe limitu ta' dawk id-drittijiet;
- (iii) Indikazzjoni tal-prezz mistenni li bih ser jiġu offruti t-titoli jew, inkella, deskrizzjoni tal-metodu li bih ser jiġi ddeterminat il-prezz, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2017/1129, u l-proċess għall-iżvelar tiegħu;
- (iv) informazzjoni dwar l-imgħax pagabbli jew deskrizzjoni tas-sottostanti, inkluż il-metodu użat sabiex issir relazzjoni bejn is-sottostanti u r-rata, u indikazzjoni ta' fejn tista' tinkiseb informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat u dik futura tas-sottostanti u l-volatilità tiegħu.

Meta applikabbli, informazzjoni dwar it-titoli sottostanti u, meta applikabbli, l-emittent tat-titoli sottostanti.

Twissija li l-leġiżlazzjoni tat-taxxa tal-Istat Membru tal-investitur u tal-pajjiż tal-inkorporazzjoni tal-emittent jista' jkollha impatt fuq l-introjtu riċevut mit-titoli.

IX. Raġunijiet għall-offerta, użu tar-rikavati u, meta applikabbli, informazzjoni relatata mal-ESG (*Nota dwar it-titoli*)

Għal titoli mingħajr ekwità għajr daww imsemmija fl-Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu, tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-offerta u, meta applikabbli, l-ammont nett stmat tar-rikavati diżaggregat f'kull użu intenzjonat prinċipali u ppreżentat skont l-ordni tal-prijorità ta' dawn l-użi. ***Meta l-emittent ikun konxju li r-rikavati antiċipati ma humiex ser ikunu biżżejjed sabiex jiffinanzjaw l-użi proposti kollha, jeħtieġu jiddikjara l-ammont u s-sorsi tal-fondi l-oħrajn meħtieġa.***

Għal titoli mingħajr ekwità msemmija fl-Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu, l-użu u l-ammont nett stmat tar-rikavati.

Meta applikabbli, informazzjoni relatata mal-ESG f'konformità mal-iskeda kif speċifikata aktar fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 13(1), l-ewwel subparagrafu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (g).

X.

Kunflitti ta' interess (*Nota dwar it-titoli*)

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar kwalunkwe interess relatat mal-ħruġ, inkluż kunflitti ta' interess, u b'dettalji tal-persuni involuti u n-natura tal-interess.

XI.

Dokumenti disponibbli (*Dokument tar-reġistrazzjoni*)

Dikjarazzjoni li matul it-terminu tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE, jistgħu jiġu spezzjonati d-dokumenti li ġejjin, meta jkun applikabbli:

- (a) il-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni aġġornati tal-emittent;
- (b) ir-rapporti, l-ittri, u d-dokumenti l-oħrajn kollha, il-valwazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet imħejjija minn espert fuq talba tal-emittent, li kwalunkwe parti minnhom tkun inkluża jew imsemmija fil-Prospett ta' Segwitu tal-UE.

Indikazzjoni fuq is-sit web dwar liema dokumenti jistgħu jiġu spezzjonati. ■

* Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

** Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77).";

- (2) jitħassar l-Anness Va;
- (3) jiżdiedu l-Annessi li ġejjin:

"ANNEX VII

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FIL-**PROSPETT** TAL-ĦRUĠ TAL-UE DWAR IT-TKABBIR GĦAL ISHMA U GĦAL TITOLI TRASFERIBBLI OĦRA EKWIVALENTI GĦAL ISHMA FIL-KUMPAJJI

I. Sommarju

Il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir jrid jinkludi sommarju mfassal f'konformità mal-Artikolu 7(12a).

II. Informazzjoni dwar l-emittent

Tiġi identifikata l-kumpanija li toħroġ l-ishma, inkluż il-post tar-reġistrazzjoni tal-emittent, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-identifikatur tal-entità ġuridika ("LEI") tiegħu, l-isem legali u kummerċjali tiegħu, il-leġiżlazzjoni li skont din jopera l-emittent, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni tiegħu, l-indirizz, in-numru tat-telefown tal-uffiċċju reġistrat tiegħu (jew il-post prinċipali ta' negozju jekk ikun differenti mill-uffiċċju reġistrat tiegħu) u s-sit web, jekk ikun hemm, b'dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li l-informazzjoni fuq is-sit web ma tifformax parti mill-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx inkorporata b'referenza fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir. ■

III. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltà u dikjarazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

A. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltà

Jiġu identifikati l-persuni responsabbli għat-tfassil tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u tiġi inkluża dikjarazzjoni minn dawk il-persuni li, sa fejn jafu huma, l-informazzjoni li tinsab fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir hija f'konformità mal-fatti u li l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir ma jagħmel l-ebda omissjoni li x'aktarx taffettwa t-tifsira tiegħu.

Meta applikabbli, id-dikjarazzjoni trid tinkludi informazzjoni li toriġina minn partijiet terzi, inkluż is-sors(i) ta' dik l-informazzjoni, u dikjarazzjonijiet jew rapporti attribwiti lil persuna bħala espert u d-dettalji li ġejjin ta' dik il-persuna:

- (i) l-isem;
- (ii) l-indirizz tan-negozju;
- (iii) il-kwalifiki; u
- (iv) l-interess materjali fl-emittent (jekk ikun hemm).

B. Dikjarazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

Id-dikjarazzjoni trid tindika l-awtorità kompetenti li tkun approvat, f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, tispeċifika li tali approvazzjoni la hija approvazzjoni tal-emittent u lanqas tal-kwalità tal-ishma relatati mal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, li l-awtorità kompetenti approvat biss il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir bħala li jissodisfa l-istandards ta' komplettezza, ta' komprensibbiltà u ta' konsistenza imposti minn dan ir-Regolament, u tispeċifika li l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir tfassal f'konformità mal-Artikolu 15a. ■

IV. Fatturi ta' riskju

Ir-riskji għandhom jiġu kkorroborati mill-kontenut tal-*Prospett* tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir. ■

Deskrizzjoni tar-riskji materjali li huma speċifiċi għall-emittent, u deskrizzjoni tar-riskji materjali li huma speċifiċi għall-ishma li jiġu offruti lill-pubbliku u/jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat, f'għadd limitat ta' kategoriji, fit-taqsimha intitolata "Fatturi ta' Riskju".

V. Strateġija ta' tkabbir u ħarsa ġenerali lejn in-negozju

A. Strateġija u objettivi tat-tkabbir

Deskrizzjoni tal-istrateġija tan-negozju tal-emittent, inkluż il-potenzjal tat-tkabbir u l-aspettattivi għall-futur, u l-objettivi strateġiċi (kemm finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji, jekk ikun hemm). Din id-deskrizzjoni għandha tqis l-isfidi u l-prospetti futuri tal-emittent.

B. Attivitajiet u swieq prinċipali

Deskrizzjoni tal-attivitajiet prinċipali tal-emittent, li jinkludu: (a) il-kategoriji prinċipali ta' prodotti mibjugħin u/jew ta' servizzi mwettqin; (b) indikazzjoni ta' kwalunkwe prodott, servizz jew attività ġdida sinifikanti li ġew introdotti wara l-pubblikazzjoni tal-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati. Deskrizzjoni tas-swieq prinċipali li fihom jikkompeti l-emittent, inkluż it-tkabbir tas-suq, ix-xejriet u s-sitwazzjoni kompetittiva.

C. Investimenti

■ Sa fejn ma tkunx koperta xi mkien ieħor fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, deskrizzjoni (inkluż l-ammont) tal-investimenti materjali tal-emittent mit-tmiem tal-perjodu kopert mill-informazzjoni finanzjarja storika inkluża fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir sad-data tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u, jekk rilevanti, deskrizzjoni ta' kwalunkwe investimenti materjali tal-emittent li jkunu għaddejnin jew li jkunu diġà ttieħdu impenji sodi dwarhom. ■

D. *Previżjonijiet u stimi tal-profitt*

*Meta emittent ikun ippubblika previżjoni tal-profitt jew stima tal-profitt li tibqa' pendent u valida, dik il-previżjoni jew l-istima għandha tiġi inkluża fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir.*

Jekk previżjoni tal-profitt jew stima tal-profitt tkun ġiet ippubblikata u tibqa' pendent, iżda ma għadhiex valida, għandha tiġi pprovduta dikjarazzjoni għal dak l-għan flimkien ma' spjegazzjoni dwar għaliex tali tbassir jew stima ma għadhiex valida.

VI. Struttura organizzazzjonali

■ Jekk l-emittent huwa parti minn grupp u meta ma jkunx kopert xi mkien ieħor fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u sal-punt neċessarju għal fehim tan-negozju tal-emittent fis-sħuħija tiegħu, dijagramma tal-istruttura organizzazzjonali. ■

VII. Governanza Korporattiva

Tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja għall-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u/jew superviżorji, kwalunkwe maniġer superjuri li jkun rilevanti sabiex jiġi stabbilit li l-emittent għandu l-għarfien espert u l-esperjenza xierqa għall-ġestjoni tan-negozju tal-emittent, u, fil-każ ta' sħubija limitata b'kapital azzjonarju, sħab b'responsabbiltà illimitata:

- (i) l-ismijiet, l-indirizzi tan-negozju u l-funzjonijiet fl-emittent tal-persuni li ġejjin, id-dettalji dwar l-għarfien espert u l-esperjenza rilevanti tagħhom b'rabta mal-ġestjoni u indikazzjoni tal-attivitajiet prinċipali mwettqin minnhom, lil hinn mill-emittent meta dawk l-attivitajiet ikunu sinifikanti fir-rigward ta' dak l-emittent;
- (ii) id-dettalji tan-natura ta' kwalunkwe relazzjoni familjali bejn kwalunkwe waħda minn dawk il-persuni;
- (iii) id-dettalji, tal-anqas għall-aħħar ħames snin, ta' kwalunkwe kundanna b'rabta ma' reati frawdolenti u d-dettalji ta' kwalunkwe inkriminazzjoni pubblika uffiċjali u/jew sanzjonijiet li jinvolvu lit-tali persuni minn awtoritajiet statutorji jew regolatorji (inkluż korpi professjonali deżinjati) u jekk qatt ġewx skwalifikati minn qorti milli jaġixxu bħala membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji ta' emittent jew milli jaġixxu fil-maniġment jew iwettqu xi kompit u ta' kwalunkwe emittent. Jekk l-ebda informazzjoni bħal din ma teħtieġ li tiġi żvelata, għandha ssir dikjarazzjoni għal dak l-għan.

VIII **Informazzjoni** finanzjarja

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji (annwali u kull sitt xhur) ippubblikati matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel l-approvazzjoni tal-**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir. Meta jkunu ġew ippubblikati kemm id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali kif ukoll dawk ta' kull sitt xhur, id-dikjarazzjonijiet annwali biss iridu jkunu meħtieġa jekk dawn ikunu saru wara d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' kull sitt xhur.

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jridu jiġu awditjati b'mod indipendenti. Ir-rapport tal-awditjar irid jiġi f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Meta d-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014 ma japplikawx, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jridu jiġu awditjati jew irrapportati fir-rigward ta' jekk, għall-finijiet tal-**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir, jagħtux opinjoni vera u ġusta jew le f'konformità mal-istandards tal-awditjar applikabbli fi Stat Membru jew ma' standard ekwivalenti. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-informazzjoni li ġejja trid tiġi inkluża fil-**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir:

- (i) dikjarazzjoni prominenti li tiżvela liema standards tal-awditjar ġew applikati;
- (ii) spjegazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' osservanza sinifikanti tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar.

Meta rapporti tal-awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jkunu ġew irrifjutati mill-awdituri statutorji jew fejn ikun fihom kwalifiki, modifiki ta' opinjoni, dikjarazzjonijiet ta' każda jew osservazzjonijiet, trid tingħata r-raġuni, u dawn il-kwalifiki, il-modifiki, id-dikjarazzjonijiet ta' każda jew l-osservazzjonijiet iridu jiġu riprodotti fl-intier tagħhom.

Deskrizzjoni ta' kull bidla sinifikanti fil-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp li seħħet mit-tmiem tal-aħħar perjodu finanzjarju li għalih ikunu ġew ippubblikati dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati jew inkella informazzjoni finanzjarja interim, trid tiġi inkluża wkoll, jew trid tiġi pprovduta dikjarazzjoni negattiva xierqa.

Meta applikabbli, trid tiġi inkluża wkoll informazzjoni pro forma.

IX. Rapport ta' ġestjoni li jinkludi, meta applikabbli, ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà (emittenti b'kapitalizzazzjoni tas-suq ta' aktar minn EUR 200 000 000 biss)

■ Ir-rapport ta' ġestjoni kif imsemmi fil-Kapitoli 5 u 6 tad-Direttiva 2013/34/UE għall-perjodi koperti mill-informazzjoni finanzjarja storika li jinkludi, meta applikabbli, ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, irid ***jew*** jiġi inkorporat b'referenza ***jew inkella l-informazzjoni li jkun fih trid tiġi inkluża fil-Prospett tal-ħruġ tal-UE dwar it-tkabbir.***

Dan ir-rekwiżit japplika biss għall-emittenti b'kapitalizzazzjoni tas-suq ta' aktar minn EUR 200 000 000.

X. Il-politika tad-dividendi

Deskrizzjoni tal-politika tal-emittent dwar id-distribuzzjonijiet tad-dividendi u kwalunkwe restrizzjoni attwali fuqhom, kif ukoll dwar ir-riakkwist ta' ishma.

XI. ***Dettalji tal-offerta jew tal-ammissjoni għan-negozjar***

Jiġu stipulati l-prezz tal-offerta, l-għadd ta' ishma offruti, l-ammont tal-ħruġ jew tal-offerta, il-kundizzjonijiet li għalihom hija soġġetta l-offerta, u l-proċedura għall-eżerċizzju ta' kwalunkwe jedd ta' prelazzjoni.

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar fejn l-investituri jistgħu jissottoskrivu għall-ishma jew jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' prelazzjoni, it-tul tal-perjodu tal-offerta, inkluż kwalunkwe emenda possibbli għalihom, u deskrizzjoni tal-proċess tal-applikazzjoni flimkien mad-data tal-ħruġ ta' ishma ġodda.

Sa fejn ikun jaf l-emittent, tiġi pprovduta informazzjoni dwar jekk l-azzjonisti ewlenin jew il-membri tal-korpi tal-maniġment, superviżorji jew amministrattivi tal-emittent għandhomx l-intenzjoni li jissottoskrivu għall-offerta, jew jekk xi persuna jkollhiex l-intenzjoni li tissottoskrivi għal aktar minn 5 % tal-offerta.

Jiġi ppreżentat kwalunkwe impenn sod għas-sottoskrizzjoni għal aktar minn 5 % tal-offerta u l-karatteristiċi materjali kollha tal-ftehimiet ta' sottoskrizzjoni u ta' pjazzament, inkluż l-isem u l-indirizz tal-entitajiet li jaqblu li jissottoskrivu jew iqiegħdu l-ħruġ fuq il-bażi ta' impenn sod jew skont arranġamenti tal-"aħjar sforzi" u l-kwoti.

Meta applikabbli, jiġi indikat is-Suq tat-tkabbir tal-SMEs jew l-MTF fejn it-titoli għandhom jiġu ammessi għan-negozjar u, jekk ikunu magħrufin, l-aktar dati bikrin li fihom it-titoli ser jiġu ammessi għan-negozjar.

Meta applikabbli, id-dettalji ta' kwalunkwe entità li għandha impenn sod li taġixxi bħala intermedjarja f'negozjar sekondarju, billi tipprovdi likwidità permezz ta' rati ta' offerta, u deskrizzjoni tat-termini ewlenin tal-impenn tagħha.

XII. Informazzjoni essenzjali dwar l-ishma ■

Tiġi pprovduta l-informazzjoni essenzjali li ġejja dwar l-ishma offruti lill-pubbliku:

- (i) *deskrizzjoni tat-tip, il-klassi u l-ammont tal-ishma li qed jiġu offruti lill-pubbliku;*

- (ii) in-numru internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN);
- (iii) id-drittijiet marbutin mal-ishma, il-proċedura għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet u kwalunkwe limitu ta' dawk id-drittijiet;
- (iv) ***Fejn applikabbli, informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺.***

Meta applikabbli, informazzjoni dwar it-titoli sottostanti u, meta applikabbli, l-emittent tat-titoli sottostanti.

Twissija li l-leġiżlazzjoni tat-taxxa tal-Istat Membru tal-investitur u tal-pajjiż tal-inkorporazzjoni tal-emittent jista' jkollha impatt fuq l-introjtu riċevut mill-ishma.

XIII. **■** Raġunijiet għall-offerta u l-użu tar-rikavati

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-offerta u, meta applikabbli, l-ammont nett stmat tar-rikavati diżaggregat f'kull użu intenzjonat prinċipali u ppreżentat skont l-ordni tal-prijorità ta' dawn l-użi.

Meta l-emittent ikun konxju li r-rikavati antiċipati ma humiex ser ikunu biżżejjed sabiex jiffinanzjaw l-użi proposti kollha, jeħtieġlu jiddikjara l-ammont u s-sorsi tal-fondi l-oħrajn meħtieġa. Iridu jingħataw ukoll dettalji fir-rigward tal-użu tar-rikavati, b'mod partikolari meta r-rikavati jintużaw għall-akkwist tal-assi, għajr fil-perkors normali tan-negozju, sabiex jiġu ffinanzjati akkwisti mħabbrin ta' negozju ieħor, jew sabiex jiġi rrilaxxat, jitnaqqas jew jiġi rtirat id-dejn.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-***Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strutturi ta' ishma b'vot multipli f'kumpaniji li jfittxu l-ammissjoni għan-negozjar tal-ishma tagħhom f'suq tat-tkabbir tal-SMEs*** li tinsab fil-fajl 2022/0406 (COD).

Tiġi pprovduta spjegazzjoni dwar kif ir-rikavati mill-offerta jallinjaw mal-istrateġija tan-negozju u mal-oġettivi strateġiċi.

XIV. Dikjarazzjoni tal-kapital operatorju

Dikjarazzjoni mill-emittent, li fl-opinjoni tiegħu, il-kapital operatorju huwa suffiċjenti għar-rekwiżiti preżenti tal-emittent jew, jekk le, kif l-emittent jipproponi li jipprovdi l-kapital operatorju addizzjonali meħtieġ.

XV. Kunflitti ta' interess

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar kwalunkwe interess relatat mal-ħruġ, inkluż kunflitti ta' interess, u b'dettalji tal-persuni involuti u n-natura tal-interess.

XVI. Dilwizzjoni u parteċipazzjoni azzjonarja wara l-ħruġ

Jiġi ppreżentat paragun bejn il-parteċipazzjoni fil-kapital azzjonarju u tad-drittijiet tal-vot għall-azzjonisti eżistenti qabel u wara ż-żieda fil-kapital li tirriżulta mill-offerta lill-pubbliku, bis-suppożizzjoni li l-azzjonisti eżistenti ma jissottoskrivux għall-ishma l-ġodda u, separatament, bis-suppożizzjoni li l-azzjonisti eżistenti jeżerċitaw l-intitolament tagħhom.

XVII. ■ Dokumenti disponibbli

Indikazzjoni fuq is-sit web dwar liema dokumenti jistgħu jiġu spezzjonati.

Dikjarazzjoni li tindika li, matul it-terminu tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, jistgħu jiġu spezzjonati d-dokumenti li ġejjin, meta jkun applikabbli:

- (i) il-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni aġġornati tal-emittent;
- (ii) ir-rapporti, l-ittri, u d-dokumenti l-oħrajn kollha, il-valwazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet imħejjin minn espert fuq talba tal-emittent, li kwalunkwe parti minnhom tkun inkluża jew imsemmija fid-Dokument tal-ħruġ dwar it-tkabbir tal-UE.

ANNEX VIII

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FIL-**PROSPETT** TAL-**ĦRUĠ** TAL-UE DWAR IT-TKABBIR GĦAL TITOLI GĦAJR ISHMA JEW TITOLI TRASFERIBBLI EKWIVALENTI GĦAL ISHMA FIL-KUMPAĠIJI

I. Sommarju

Il-**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir jrid jinkludi sommarju mfassal f'konformità mal-Artikolu 7(12a).

II. Informazzjoni dwar l-emittent

Tiġi identifikata l-kumpanija li toħroġ it-titoli, inkluż il-post tar-reġistrazzjoni tal-emittent, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-identifikatur tal-entità ġuridika ("LEI") tiegħu, l-isem legali u kummerċjali tiegħu, il-leġiżlazzjoni li jopera taħtha l-emittent, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni tiegħu, l-indirizz, in-numru tat-telefown tal-uffiċċju reġistrat tiegħu (jew il-post prinċipali ta' negozju jekk ikun differenti mill-uffiċċju reġistrat tiegħu) u s-sit web, jekk ikun hemm, b'dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li l-informazzjoni fuq is-sit web ma tiffomax parti mill-**Prospett** tal-**Ħruġ** tal-UE dwar it-Tkabbir dment li dik l-informazzjoni ma tkunx inkorporata b'referenza fil-**Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir**.

Kwalunkwe avveniment reċenti partikolari għall-emittent u li huwa ta' portata materjali rilevanti għal evalwazzjoni tas-solvibbiltà tal-emittent.

Meta applikabbli, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu assenjati lill-emittent fuq it-talba jew bil-kooperazzjoni tal-emittent fil-proċess tal-klassifikazzjoni.

III. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltà u dikjarazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

A. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltà

Jiġu identifikati l-persuni responsabbli għat-tfassil tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u tiġi inkluża dikjarazzjoni minn dawk il-persuni li, sa fejn jafu huma, l-informazzjoni li tinsab fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir hija f'konformità mal-fatti u li l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir ma jagħmel l-ebda omissjoni li x'aktarx taffettwa t-tifsira tiegħu.

Meta applikabbli, id-dikjarazzjoni trid tinkludi informazzjoni li toriġina minn partijiet terzi, inkluż is-sors(i) ta' dik l-informazzjoni, u dikjarazzjonijiet jew rapporti attribwiti lil persuna bħala espert u d-dettalji li ġejjin ta' dik il-persuna:

- (i) l-isem;
- (ii) l-indirizz tan-negozju;
- (iii) il-kwalifiki; u
- (iv) l-interess materjali fl-emittent (jekk ikun hemm).

B. Dikjarazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

Id-dikjarazzjoni trid tindika l-awtorità kompetenti li tkun approvat, f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, tispeċifika li tali approvazzjoni ma hijiex approvazzjoni tal-emittent u lanqas tal-kwalità tat-titoli relatati mal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, li l-awtorità kompetenti approvat biss il-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir bħala li jissodisfa l-istandards ta' komplettezza, ta' komprensibbiltà u ta' konsistenza imposti minn dan ir-Regolament, u tispeċifika li l-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir tfassal f'konformità mal-Artikolu 15a.

IV. Fatturi ta' riskju

Deskrizzjoni tar-riskji materjali li huma speċifiċi għall-emittent u deskrizzjoni tar-riskji sinifikanti li huma speċifiċi għat-titoli li jiġu offruti lill-pubbliku u/jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat, f'għadd limitat ta' kategoriji, fit-taqsimha intitolata "Fatturi ta' Riskju".

Ir-riskji għandhom jiġu kkorroborati mill-kontenut tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir.

V. Strateġija ta' tkabbir u ħarsa ġenerali lejn in-negozju

Deskrizzjoni qasira tal-istrateġija tan-negozju tal-emittent, inkluż il-potenzjal tat-tkabbir.

Deskrizzjoni tal-attivitajiet prinċipali tal-emittent, li jinkludu:

- (i) il-kategoriji prinċipali ta' prodotti mibjugħin u/jew ta' servizzi mwettqin;
- (ii) indikazzjoni ta' kwalunkwe prodott, servizz jew attività ġdida sinifikanti;
- (iii) is-swieq prinċipali li fihom jikkompeti l-emittent.

VI. Struttura organizzazzjonali

■ Jekk l-emittent huwa parti minn grupp u meta ma jkunx kopert xi mkien ieħor fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir u sal-punt neċessarju għal fehim tan-negozju tal-emittent fis-sħuħija tiegħu, dijagramma tal-istruttura organizzazzjonali.

VII. Governanza Korporattiva

Tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-prattiki u tal-governanza tal-bord.

Jiġu pprovduti l-ismijiet, l-indirizzi tan-negozju u l-funzjonijiet fl-emittent tal-persuni li ġejjin u indikazzjoni tal-attivitajiet prinċipali mwettqin minnhom, lil hinn minn dak l-emittent meta dawk l-attivitajiet ikunu sinifikanti fir-rigward ta' dak l-emittent:

- (i) il-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u/jew superviżorji;
- (ii) is-sħab b'responsabbiltà illimitata, fil-każ ta' sħubija limitata b'kapital azzjonarju.

VIII. *Informazzjoni* finanzjarja

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji (annwali u kull sitt xhur) ippubblikati matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel l-approvazzjoni tal-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir. Meta jkunu ġew ippubblikati kemm id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali kif ukoll dawk ta' kull sitt xhur, id-dikjarazzjonijiet annwali biss iridu jkunu meħtieġa jekk dawn ikunu saru wara d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' kull sitt xhur.

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jridu jiġu awditjati b'mod indipendenti. Ir-rapport tal-awditjar irid jitħejja f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Meta d-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014 ma japplikawx, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jridu jiġu awditjati jew irrapportati fir-rigward ta' jekk, għall-finijiet tal- **Prospett** tal-ħruġ tal-UE dwar it-tkabbir, jagħtux opinjoni vera u ġusta jew le f'konformità mal-istandards tal-awditjar applikabbli fi Stat Membru jew ma' standard ekwivalenti. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-informazzjoni li ġejja trid tiġi inkluża fil-**Prospett** tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir:

- (i) dikjarazzjoni prominenti li tiżvela liema standards tal-awditjar ġew applikati;

(ii) spjegazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' osservanza sinifikanti tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar.

Meta rapporti tal-awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jkunu ġew irrifjutati mill-awdituri statutorji jew fejn ikun fihom kwalifiki, modifiki ta' opinjoni, dikjarazzjonijiet ta' ċaħda jew osservazzjonijiet, trid tingħata r-raġuni, u dawn il-kwalifiki, il-modifiki, id-dikjarazzjonijiet ta' ċaħda jew l-osservazzjonijiet iridu jiġu riprodotti fl-intier tagħhom.

Deskrizzjoni ta' kull bidla sinifikanti fil-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp li seħħet mit-tmiem tal-aħħar perjodu finanzjarju li għalih ikunu ġew ippubblikati dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati jew inkella informazzjoni finanzjarja interim, trid tiġi inkluża wkoll, jew trid tiġi pprovduta dikjarazzjoni negattiva xierqa.

IX. *Dettalji tal-offerta jew tal-ammissjoni għan-negozjar*

Jiġu stipulati l-prezz tal-offerta, l-għadd ta' titoli offruti, l-ammont tal-ħruġ jew tal-offerta u l-kundizzjonijiet li għalihom hija soġġetta l-offerta. Jekk l-ammont ma jkunx fiss, indikazzjoni tal-ammont massimu tat-titoli li ser jiġu offruti (jekk disponibbli) u deskrizzjoni tal-arranġamenti u tal-perjodu taż-żmien sabiex jiġi jitħabbar l-ammont definittiv tal-offerta lill-pubbliku.

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar fejn l-investituri jistgħu jissottoskrivu għat-titoli, it-tul tal-perjodu tal-offerta, inkluż kwalunkwe emenda possibbli għalihom, u deskrizzjoni tal-proċess tal-applikazzjoni flimkien mad-data tal-ħruġ ta' titoli ġodda.

L-isem u l-indirizz tal-entitajiet li jaqblu li jissottoskrivu l-ħruġ fuq bażi ta' impenn sod, u l-isem u l-indirizz tal-entitajiet li jaqblu li jpoġġu l-ħruġ mingħajr impenn sod jew skont arranġamenti tal-"aħjar sforzi". Indikazzjoni tal-karatteristiċi materjali tal-ftehimiet, inkluż il-kwoti. Meta mhux il-ħruġ kollu jkun ġie sottoskritt, dikjarazzjoni tal-porzjon li ma jkunx ġie kopert. Indikazzjoni tal-ammont globali tal-kummissjoni tas-sottoskrizzjoni u tal-kummissjoni tat-tqegħid.

Meta applikabbli, jiġi indikat is-Suq tat-tkabbir tal-SMEs jew l-MTF fejn it-titoli għandhom jiġu ammessi għan-negozjar u, jekk ikunu magħrufin, l-aktar dati bikrin li fihom it-titoli ser jiġu ammessi għan-negozjar.

Meta applikabbli, id-dettalji tal-entitajiet li għandhom impenn sod li jaġixxu bħala intermedjarji f'negozjar sekondarju, billi jipprovdu likwidità permezz ta' rati ta' offerta, u deskrizzjoni tat-termini ewlenin tal-impenn tagħhom.

X. Informazzjoni essenzjali dwar it-titoli ■

L-informazzjoni essenzjali dwar it-titoli għandha tinkludi dan li ġej:

- (i) in-numru internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN);
- (ii) id-drittijiet marbuta mat-titoli, il-proċedura għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet u kwalunkwe limitu ta' dawk id-drittijiet;
- (iii) indikazzjoni tal-prezz mistenni li bih ser jiġu offruti t-titoli jew, inkella, deskrizzjoni tal-metodu li bih ser jiġi ddeterminat il-prezz, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2017/1129, u l-proċess għall-iżvelar tiegħu;

(iv) informazzjoni dwar l-imgħax pagabbli jew deskrizzjoni tas-sottostanti, inkluż il-metodu użat sabiex issir relazzjoni bejn is-sottostanti u r-rata, u indikazzjoni ta' fejn tista' tinkiseb informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat u dik futura tas-sottostanti u l-volatilità tiegħu.

Meta applikabbli, informazzjoni dwar it-titoli sottostanti u, meta applikabbli, l-emittent tat-titoli sottostanti.

Twissija li l-leġiżlazzjoni tat-taxxa tal-Istat Membru tal-investitur u tal-pajjiż tal-inkorporazzjoni tal-emittent jista' jkollha impatt fuq l-introjtu riċevut mit-titoli.

XI. Ir-raġunijiet għall-offerta, l-użu tar-rikavati u, meta applikabbli, l-informazzjoni relatata mal-ESG

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-offerta u, meta applikabbli, l-ammont nett stmat tar-rikavati diżaggregat f'kull użu intenzjonat prinċipali u ppreżentat skont l-ordni tal-prijorità ta' dawn l-użi.

Meta l-emittent ikun konxju li r-rikavati antiċipati ma humiex ser ikunu biżżejjed sabiex jiffinanzjaw l-użi proposti kollha, jeħtieġu jiddikjara l-ammont u s-sorsi tal-fondi l-oħrajn meħtieġa. Iridu jingħataw ukoll dettalji fir-rigward tal-użu tar-rikavati, b'mod partikolari meta r-rikavati jintużaw għall-akkwist tal-assi, għajr fil-perkors normali tan-negożju, sabiex jiġu ffinanzjati akkwisti mħabbrin ta' negożju ieħor, jew sabiex jiġi rrilaxxat, jitnaqqas jew jiġi rtirat id-dejn.

Meta applikabbli, informazzjoni relatata mal-ESG f'konformità mal-iskeda kif speċifikata aktar fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 13(1), l-ewwel subparagrafu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (g).

XII. Kunflitti ta' interess

Tiġi pprovduta informazzjoni dwar kwalunkwe interess relatat mal-ħruġ, inkluż kunflitti ta' interess, u b'dettalji tal-persuni involuti u n-natura tal-interess.

XIII. Dokumenti disponibbli

Dikjarazzjoni li tindika li, matul it-terminu tal-**Prospett** tal-ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, jistgħu jiġu spezzjonati d-dokumenti li ġejjin, meta jkun applikabbli:

- (i) il-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni aġġornati tal-emittent;
- (ii) ir-rapporti, l-ittri, u d-dokumenti l-oħrajn kollha, il-valwazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet imħejjija minn espert fuq talba tal-emittent, li kwalunkwe parti minnhom tkun inkluża jew imsemmija fil-**Prospett tal-ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir**.

Indikazzjoni fuq is-sit web dwar liema dokumenti jistgħu jiġu spezzjonati.

ANNEX IX

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FID-DOKUMENT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 1(4), L-EWWEL SUBPARAGRAFU, **IL-PUNTI (DA) U (DB)**, U FL-ARTIKOLU 1(5), L-EWWEL SUBPARAGRAFU, IL-PUNT (BA)

- I. L-isem tal-emittent (inkluż il-LEI tiegħu), il-pajjiż ta' inkorporazzjoni, il-link tas-sit elettroniku tal-emittent.
- II. Dikjarazzjoni minn dawk responsabbli għad-dokument li, sa fejn jafu huma, l-informazzjoni li tinsab fid-dokument hija konformi mal-fatti u li d-dokument ma fih l-ebda ommissjoni li x'aktarx taffettwa t-tifsira tiegħu.
- III. *L-isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju f'konformità mal-Artikolu 20.*** Dikjarazzjoni li d-dokument ma jikkostitwixxix prospett skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2017/1129 u li d-dokument ma kienx soġġett għall-iskrutinju u għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti **■ tal-Istat Membru ta' domiċilju. ■**
- IV. Dikjarazzjoni ta' konformità kontinwa mal-obbligi ta' rapportar u ta' żvelar matul il-perjodu ta' ammissjoni għan-negozjar, inkluż skont id-Direttiva 2004/109/KE, meta tkun applikabbli, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u, meta jkun applikabbli, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565.

- V.* Indikazzjoni ta' fejn tkun disponibbli l-informazzjoni regolata ppubblikata mill-emittent skont l-obbligi ta' żvelar kontinwi u, meta applikabbli, fejn jista' jinkiseb l-aktar prospett reċenti.
- VI.* Meta jkun hemm offerta ta' titoli għall-pubbliku, dikjarazzjoni li, fiż-żmien tal-offerta, l-emittent ma jkunx qiegħed jittardja l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014.
- VII.* Ir-raġuni għall-ħruġ u l-użu tar-rikavati.
- VIII.* Il-fatturi ta' riskju speċifiċi għall-**emittent**.
- IX.* Il-karatteristiċi tat-titoli (inkluż l-ISIN tagħhom).
- X.* Għall-ishma, id-dilwizzjoni u l-parteciċipazzjoni azzjonarja wara l-ħruġ.
- XI.* Meta jkun hemm offerta ta' titoli għall-pubbliku, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-offerta.
- XII.* Meta applikabbli, kwalunkwe suq regolat jew suq ta' tkabbir tal-SMEs fejn it-titoli funġibbli bit-titoli li għandhom jiġu offruti lill-pubbliku jew li għandhom jiġu ammessi għan-negozjar f'suq regolat diġà jkunu ammessi għan-negozjar."

Or. en